

VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT REGOLATORJU

**DWAR L-ESTENSJONI TA' L-ISKOP TAR-REGOLAMENT BAŻIKU TA' L-EASA
GĦAR-REGOLAZZJONI TAS-SIGURTÀ U L-INTEROPERABBILTÀ TA' L-
AJRUDROMI**

WERREJ

LISTA TA' AKRONIMI	5
SOMMARJU EŻEKUTTIV.....	7
1. INTRODUEZZJONI U SKOP	11
1.1 EVOLUZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI TA' L-UE GĦAS-SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI	11
1.2 L-ISKOP TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT REGOLATORJU ATTWALI	13
1.3 PROĊESS ITERATTIV GĦALL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT.....	14
1.3.1 "Regolazzjoni aħjar"	14
1.3.2 Identifikazzjoni tal-problema	14
1.3.3 Valutazzjoni preliminari ta' l-impatt.....	15
1.3.4 Valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi	15
1.3.5 Il-RIA preżenti	17
1.3.6 Il-Valutazzjoni finali ta' l-Impatt	18
2. VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT REGOLATORJU	19
2.1 METODU LEJN IL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT.....	19
2.1.1 Valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva.....	19
2.1.2 Metodoloġija tal-valutazzjoni	19
2.2 ORGANIZZAZZJONI TAL-PROĊESS	20
2.2.1 Inter-Service Steering Group	20
2.2.2 Konsultazzjoni mal-persuni interessati	21
2.3 ANALIŻI TAL-PROBLEMA	26
2.3.1 Livell ta' sigurtà fl-ajrudromi ta' l-UE.....	26
2.3.1.1 Definizjonijiet.....	26
2.3.1.2 L-Iskop ta' l-istudju.....	26
2.3.1.3 Fażijiet tat-titjira	27
2.3.1.4 Kategoriji ta' każijiet.....	27
2.3.1.5 Inċidenti fatali fl-ajrudromi.....	30
2.3.1.6 Ġrajjet prinċipali	31
2.3.1.7 Tipi ta' każijiet matul l-ipparkjar jew it-taxing.....	33
2.3.1.8 Każijiet relatati mar-runway.....	34
2.3.1.9 Ajruplani u ħelikopters taħt l-2250 Kg	35
2.3.1.10 Sommarju ta' l-analiżi dwar is-sigurtà ta' l-ajrudromi.....	36
2.3.2 Il-Qafas Regulatorju.....	37
2.3.2.1 Il-qafas regulatorju globali: ICAO	37
2.3.2.2 Tfassil ta' Regoli u standardizzazzjoni fl-Ewropa	37
2.3.2.3 Il-qafas regulatorju fframmentat	39
2.3.3 Organizzazzjonijiet u proċessi fuq livell nazzjonali	40
2.3.3.1 Separazzjoni tas-superviżjoni tas-sigurtà	40
2.3.3.2 Funzjonijiet operattivi mwettqa mill-Awtoritajiet pubbliċi	42
2.3.3.3 Sforz preżenti għas-superviżjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi.....	43
2.3.4 Konklużjonijiet u ġustifikazzjoni għall-intervenzjoni ta' l-UE.....	45
2.4 GĦANIJIET U INDIKATURI.....	45
2.4.1 Għanijiet.....	45

2.4.2	Għanijiet ġenerali	46
2.4.3	Għanijiet speċifiċi	46
2.4.4	Għanijiet Operattivi	47
2.4.5	Indikaturi	47
2.5	GĦAŻLIET DISPONIBBLI	51
2.5.1	Għażliet għall-valutazzjoni preliminari ta' l-impatt	51
2.5.2	Għażliet ikkunsidrati fil-RIA preżenti	51
2.6	ANALIŻI TA' L-IMPATTI TA' L-ISKOP TAR-REGOLI KOMUNI TA' L-UE	54
2.6.1	Għażliet Alternattivi	54
2.6.2	Il-grupp fil-mira u numru ta' entitajiet interessati	54
2.6.2.1	Ajrudromi	54
2.6.2.2	Operaturi ta' l-ajruport	60
2.6.2.3	Ground handlers ta' l-ajrudromi	60
2.6.2.4	Awtoritajiet kompetenti	62
2.6.2.5	Taqsisra dwar l-entitajiet affettwati	63
2.6.3	Impatt tas-Sigurtà	63
2.6.4	Impatt ekonomiku	65
2.6.4.1	Spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mill-Aġenzija	65
2.6.4.2	Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi	68
2.6.4.3	Sistema ta' Sigurtà u ta' Ġestjoni tal-Kwalità	70
2.6.4.4	Spejjeż ta' ħsarat matul it-taxing u l-istanding	73
2.6.4.5	Regoli komuni	74
2.6.4.6	Skema ta' kompetenza għall-istaff ta' l-ajruport	75
2.6.4.7	Preskrizzjonijiet tekniċi fis-CSs	75
2.6.4.8	Sommarju ta' l-impatt ekonomiku	76
2.6.5	Impatt ambjentali	77
2.6.6	Impatt soċjali	77
2.6.7	Impatt fuq obbligi oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop preżenti ta' l-EASA	79
2.6.8	Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u għażla rrakkomandata	79
2.7	ANALIŻI TA' L-IMPATTI TAR-REGOLI U TA' MEZZI TA' IMPLIMENTAZZJONI GĦAT-TAGĦMIR TA' L-AJRUDROMI	80
2.7.1	Għażliet alternattivi	80
2.7.2	Grupp fil-mira u numru ta' entitajiet konċernati	81
2.7.2.1	Awtoritajiet Kompetenti	81
2.7.2.2	Ajrudromi	81
2.7.2.3	Operaturi ta' l-ajrudromi	82
2.7.2.4	Ground handlers ta' l-ajrudromi	83
2.7.2.5	Organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni ta' tagħmir ta' l-ajrudromi	84
2.7.2.6	Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi	86
2.7.2.7	Sommarju ta' l-entitajiet milquta	86
2.7.3	L-impatt tas-sigurtà	86
2.7.4	L-impatt ekonomiku	88
2.7.5	Impatt ambjentali	89
2.7.6	Impatt Soċjali	90
2.7.7	Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-firxa preżenti ta' l-EASA	90
2.7.8	Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rrakkomandata	90
2.8	ANALIŻI TA' L-IMPATTI TAL-PROĊESS TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI	91
2.8.1	Għażliet alternattivi	91
2.8.2	Grupp fil-mira u għadd ta' entitajiet ikkonċernati	91
2.8.2.1	Operaturi ta' l-ajrudromi	91

2.8.2.2 Awtoritajiet kompetenti.....	92
2.8.2.3 Sommarju ta' l-entitajiet milquta	93
2.8.3 Impatt fuq is-sigurtà	93
2.8.4 Impatt ekonomiku	93
2.8.4.1 Operaturi ta' l-ajrudromi	93
2.8.4.2 Awtoritajiet Kompetenti.....	94
2.8.4.3 Sommarju ta' l-impatt ekonomiku	95
2.8.5 Impatt Ambjentali	95
2.8.6 Impatt soċjali	96
2.8.7 Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-firxa preżenti ta' l-EASA	96
2.8.8 Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rrakkomandata	96
2.9 ANALIŻI TA' L-IMPATTI TA' L-GĦOTI TA' RESPONSABILITÀ LILL-KORPI TA' VALUTAZZJONI.....	97
2.9.1 Għażliet alternattivi	97
2.9.2 Grupp fil-mira u għadd ta' entitajiet ikkonċernati	97
2.9.2.1 Ajrudromi, operaturi u ground handlers.....	97
2.9.2.2 Awtoritajiet kompetenti.....	98
2.9.2.3 Korpi ta' valutazzjoni.....	98
2.9.2.4 Sommarju ta' l-entitajiet affettwati	99
2.9.3 Impatt fuq is-sigurtà	99
2.9.4 Impatt ekonomiku	101
2.9.4.1 Akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni.....	101
2.9.4.2 Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi	102
2.9.4.3 Sommarju ta' l-impatt ekonomiku	103
2.9.5 Impatt Ambjentali	104
2.9.6 Impatt soċjali	105
2.9.7 Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop preżenti ta' l-EASA	106
2.9.8 Analiżi bi Kriterji Multipli (Multi Criteria Analysis - MCA) u l-għażla rrakkomandata	107
2.10 ANALIŻI TA' L-IMPATTI GĦALL-PERSUNAL TAS-SERVIZZI TAS-SALVATAĠĠ U T-TIFI TAN-NAR (RFFS)	107
2.10.1 Għażliet alternattivi	107
2.10.2 Grupp fil-mira u għadd ta' entitajiet ikkonċernati	107
2.10.3 Impatt tas-sigurtà.....	108
2.10.4 Impatt ekonomiku	108
2.10.6 Impatt soċjali	109
2.10.7 Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop preżenti ta' l-EASA	109
2.10.8 Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rrakkomandata	110
3. KONKLUŻJONIJIET	111

Lista ta' akronimi

AEA	Assoċjazzjoni tal-Linji ta' l-Ajru Ewropej
AIB	Korp li jinvestiga l-Inċidenti
AIP	Pubblikazzjoni ta' l-Informazzjoni Ajrunawtika
AIS	Servizz ta' l-Informazzjoni Ajrunawtika
AMC	Mezz Aċċettabbli ta' Konformità
ANS	Servizzi ta' Navigazzjoni bl-Ajru
ANSP	Min jagħti Servizzi (<i>service provider</i>) ta' Navigazzjoni bl-Ajru
ATM	Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru
ATS	Servizzi ta' Traffiku bl-Ajru
CFIT	Titjira Kkontrollata għall-Inżul fuq l-Art
CRD	Dokument ta' Tweġiba għall-Kummenti
CS	Speċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni
DOA	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tad-Disinn
EASA	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni
KE	Kummissjoni Ewropea
ECAC	Konferenza Ewropea ta' l-Avjazzjoni Ċivli
ERs	Rekwiżiti Essenzjali
ESARR	Obbligi Regolatorji ta' l-EUROCONTROL dwar is-Sigurtà
ESO	Organizzazzjonijiet għall-Istandards Ewropej
ETSO	Ordni għall-Istandards Tekniċi Ewropej
UE	Unjoni Ewropea
FAA	Amministrazzjoni Federali ta' l-Avjazzjoni
FSF	Fondazzjoni għas-Sigurtà tat-Titjiriet
FTE	Ekwivalenti għal <i>Full Time</i>
GAP	Programm għall-Prevenzjoni ta' l-Inċidenti fuq l-Art
GASR	Grupp tar-Regolaturi tas-Sigurtà ta' l-Ajrudromi
IATA	Assoċjazzjoni Internazzjonali għat-Trasport bl-Ajru
ICAO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili
ICB	Korp Konsultattiv ta' l-Industrija
IFR	Regoli ta' Titjira bl-għajnuna ta' l-Istrumenti
ILS	Sistema ta' Nżul bl-għajnuna ta' l-Istrumenti
IRs	Regoli Implimentattivi
IS-SG	<i>Inter-Service Steering Group</i>

JAA	Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni
JAR	Obbligi Konġunti ta' l-Avjazzjoni
MS	Stat Membru
MTOM	Massa massima tat-Tluq (<i>Take Off</i>)
NAA	Awtorità ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali (jew Ċivili)
NPA	Notifika għal Emenda Proposta
NPV	Valur Preżenti Nett
OPS	Operazzjonijiet
POA	Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni
QMS	Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità
RFFS	Servizzi ta' Salvataġġ u ta' Tifi tan-Nar
RIA	Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorju
SAFA	Is-Sigurtà ta' Ajruplani Barranin
SARPs	Standards u Prattiċi Irrakomandati
SES	Ajru Uniku Ewropew
SESAR	Riċerka ATM tal-Ajru Uniku Ewropew
SMS	Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà

Sommarju Eżekuttiv

L-għan ta' din il-Valutazzjoni ta' Impatt Regulatorju (RIA) huwa li tivvaluta, minn perspettiva Ewropea, il-konsegwenzi potenzjali li jiġi estiż ir-Regolament Bażiku 1592/2002 ta' l-EASA għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi.

Din il-RIA tibni fuq il-valutazzjoni preliminarja ta' l-impatt imwettaq fl-2005 fuq l-inizzjattiva tas-servizzi tal-Kummissjoni u fuq il-valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2006. Din il-RIA ġiet imwettqa mill-Aġenzija, skond il-metodoloġija approvata mid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija, skond il-punti 3.4 u 5.3 tal-proċedura ta' l-Aġenzija dwar it-Tfassil ta' Regoli approvati mill-Bord tat-Tmexxija tagħha.

Il-RIA preżenti tagħti stima biss ta' l-ispejjeż sostanzjali (mhux amministrattivi). Barra minn dan hija tippreżenta biss informazzjoni qasira ħafna dwar il-pożizzjonijiet ta' persuni interessati, billi dawn ta' l-aħħar kienu ppreżentati fis-CRD 06/2006 ippubblikat mill-Aġenzija tal-5 ta' Mejju 2007.

Il-RIA ssostni l-Opinjoni ta' l-Aġenzija dwar il-kwistjoni, li min-naħa tagħha tindirizza l-problemi identifikati:

- L-ispejjeż ta' inċidenti tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni jew inċidenti fi jew viċin l-ajrudromi u minħabba fatturi ta' l-ajrudromi, ġewwa l-UE 27 + 4, hija vvalutata fil-medda ta' 1164 Miljun ewro (2006)/sena;
- F'dawn l-aħħar snin, l-ECAC irreġistrat madwar 400 inċident fis-sena, matul il-fażi ta' tluġh jew ta' nżul għal inġenji ta' l-ajru ta' inqas minn 2250 Kg, ta' spiss f'ajrudromi minuri miftuħa għall-użu pubbliku;
- Il-qafas regulatorju globali ta' l-ICAO m'huwiex biżżejjed biex jagħti liċ-ċittadini Ewropej il-livell ta' protezzjoni li huma jistennew;
- Il-qafas regulatorju Ewropew għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni huwa fframmentat;
- Is-separazzjoni tal-funzjonijiet regulatorji mill-operazzjonijiet ta' l-ajruport m'hijiex 100% ċara fl-Istati kollha ta' l-UE 27 + 4;
- It-tfassil tar-regoli li jsir għal 27 + 4 darbiet b'mod parallel iwassal għall-użu mhux razzjonali tar-riżorsi.

Ġew identifikati għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi, biex itaffu l-problemi identifikati fil-kuntest tal-politika ġenerali ta' l-UE. Fil-RIA preżenti intużaw indikaturi tar-riżultati korrelati ma' l-għanijiet speċifiċi.

Fir-rigward tal-mistoqsijiet inklużi fin-NPA 06/2006, ġew identifikati u vverifikati fid-dettal ħames settijiet, b'kull wieħed minnhom kompost minn tliet għażliet alternattivi:

- Għall-Mistoqsija 2 dwar l-istaff tas-RFFS: l-għażla 2A (l-ebda regolament speċifiku għall-istaff tas-RFFS impjegat fl-avjazzjoni), l-għażla 2B (skema ta' kompetenza u obbligi mediċi taħt ir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport) u l-għażla 2C (staff tas-RFFS liċenzjat mill-Awtorità Kompetenti);
- Għall-Mistoqsija 3 dwar l-iskop tal-leġiżlazzjoni futura ta' l-UE: l-għażla 3A (l-ajruporti li jservu servizzi kummerċjali bl-ajru biss), l-għażla 3B (l-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku) u l-għażla 3C (l-ajrudromi kollha anke jekk m'humiex miftuħa għall-użu pubbliku);
- Għall-Mistoqsijiet 4 u 9 dwar it-tagħmir ta' l-ajrudromi: l-għażla 4A (l-ebda regolament speċifiku għat-tagħmir ta' l-ajrudromi fuq livell ta' l-UE), l-għażla 4B (regoli komuni ta' l-UE għal tagħmir "mhux standard" u d-disinn u l-produzzjoni tiegħu, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' verifika ffirmata mill-operatur ta' l-ajruport) u l-

għażla 4Ċ (regoli komuni ta' l-UE għal tagħmir "mhux standardizzati" u d-disinn u l-produzzjoni tiegħu, iżda bil-verifika tat-tagħmir implimentat bħala parti integrali mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajruport);

- Għall-Mistoqsija 7 dwar il-proċess ta' ċertifikazzjoni: l-għażla 7A (proċess ta' ċertifikazzjoni għal kemm l-ajruport u l-maniġment tiegħu f'kull sit), l-għażla 7B (ċertifikat mandatorju ta' operatur "wieħed" ta' ajruport, għall-entitajiet kollha li joperaw aktar minn ajruport wieħed) u l-għażla 7Ċ (jekk jintalab, ċertifikat ta' operatur ta' ajruport wieħed);
- Għall-Mistoqsija 8 dwar ir-rwol tal-korpi ta' valutazzjoni: l-għażla 8A (korpi ta' valutazzjoni akkreditati bis-setgħa li jiċċertifikaw ajrudromi aktar sempliċi jew operaturi, jekk mitluba biex jagħmlu dan), l-għażla 8B (korpi ta' valutazzjoni akkreditati bis-setgħa li jiċċertifikaw kull ajruport jew operatur, jekk mitluba biex jagħmlu dan, anke għal ajruporti li jservu traffiku bl-ajru kummerċjali regolari taħt ir-IFR) u l-għażla 8Ċ (korpi ta' valutazzjoni akkreditati, mhux Awtoritajiet kompetenti, bis-setgħa li jiċċertifikaw ajrudromi aktar sempliċi jew operaturi).

It-tliet għażliet f'kull sett ġew ivvalutati għall-impatt tagħhom f'termini ta' sigurtà, ekonomija, ambjent, impatt soċjali u relazzjoni ma' regolamenti oħra. Sussegwentament ġew imqabbla bl-użu ta' "*weighted scores*" mhux dimensjonali permezz ta' Analiżi bi Kriterji Multipli.

Wara li vvalutat l-impatt ta' kull għażla meqjusa kontra l-għanijiet speċifiċi tal-politika proposta, fl-Opinjoni tagħha l-Aġenzija tipproponi l-għażliet magħżula li ġejjin:

- L-Għażla 3B għall-iskop tal-leġislazzjoni ta' l-UE dwar is-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi (jiġifieri l-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE), minħabba li għabt id-doppju ta' punti mill-għażliet alternattivi f'termini ta' sigurtà; minħabba li hija l-irħas u minħabba li tista' toħloq numru sinifikanti ta' postijiet tax-xogħol ikkwalfikati fis-settur privat, ġewwa l-operaturi ta' l-ajruport u *l-ground handlers*;
- L-Għażla 4Ċ għar-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi (jiġifieri regoli speċifiċi u/jew ETSOs meta jinħtieġu għal raġunijiet ta' sigurtà; dispożizzjonijiet għal organizzazzjonijiet ta' disinn u produzzjoni relatati; dikjarazzjoni dwar il-konformità ta' tagħmir manifatturat iffirmit mill-manifattur; implimentazzjoni fuq il-post, l-operat jew l-użu u l-manteniment taħt ir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport, ivverifikat matul il-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajruport: jiġifieri ma ssir l-ebda dikjarazzjoni separata tal-verifika fuq il-post), minħabba li hija għabt ħa'fna aktar punti f'termini ta' sigurtà milli l-għażla alternattiva 4A; billi l-għażla magħżula 4Ċ tista' tistabbilixxi s-sisien għal maniġment aħjar ta' l-ambjent ta' l-ajrudromi u billi tista' ttejjeb il-kwalità u l-kwantità tal-postijiet tax-xogħol fl-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi, waqt li hija irħas mill-għażla 4B;
- L-Għażla 7Ċ għall-proċess ta' ċertifikazzjoni ta' operaturi ta' l-ajrudromi (jiġifieri l-possibbiltà li wieħed jitlob, jekk mixtieq, Ċertifikat "wieħed" ta' Operatur ta' Ajruport fuq livell ta' kumpanija, għal operaturi li jimmaniġġjaw aktar minn ajruport wieħed u li stabbilixxew funzjonijiet ċentrali għall-ġestjoni tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-kwalità u l-verifika interna), minħabba li għabt id-doppju ta' punti mill-għażla alternattiva 7B, b'mod partikolari f'termini soċjali, billi la se twassal għal tnaqqis fil-postijiet tax-xogħol, u lanqas mhu se tisforza xi operatur ta' ajruport biex jorganizza mill-ġdid il-kumpanija tiegħu. Barra minn dan l-għażla 7Ċ se jkollha wkoll impatt ekonomiku pożittiv (jiġifieri se twassal għal xi tfaddil);
- L-Għażla 8A għar-rwol tal-korpi ta' valutazzjoni (jiġifieri li korpi ta' valutazzjoni akkreditati mill-Aġenzija jingħataw is-setgħa biex jiċċertifikaw l-ajrudromi li jkunu l-anqas kumplessi u l-operaturi tagħhom, imma jħallu lill-applikanti, f'dawn il-każijiet,

ħielsa biex jibagħtu t-talba tagħhom jew lill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni kompetenti jew lill-korp ta' valutazzjoni), minħabba li ġabet ta' lanqas id-doppju ta' punti aktar mill-għażliet alternattivi, u minħabba b'mod partikolari, l-għażla 8A marret aħjar mill-għażla alternattiva 8Ċ f'termini ta' sigurtà u dawk soċjali filwaqt li xorta se twassal għal tfaddil ekonomiku, minkejja minimu;

- L-Għażla 2B għall-istaff tas-RFFS (jiġifieri l-istabbilment ta' obbligi speċifiċi ta' l-avjazzjoni għall-kompetenza professjonali tagħhom u s-saħħa medika, biex jintwerew taħt ir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport), billi din, minbarra li marret tajjeb f'termini ta' sigurtà, b'mod ġenerali ġabet ukoll punti madwar tliet darbiet aktar mill-għażla alternattiva 2Ċ. B'mod partikolari, l-għażla 2B marret aħjar minn 2Ċ f'termini soċjali, u f'termini ta' armonizzazzjoni globali.

Il-proposti t'hawn fuq huma wkoll konformi mal-pożizzjonijiet imfissra minn ħafna Awtoritajiet/Amministrazzjonijiet u mill-industrija, li ħarġu matul il-konsultazzjonijiet estensivi u b'mod partikolari mit-3010 kummenti lin-NPA 06/2006 u l-103 reazzjonijiet lid-CRD relatat.

B'mod sommarju, l-ebda mill-ħames għażliet magħżula m'għandhom impatt li jkun ta' ħsara għas-sigurtà. Min-naħa l-oħra, erbġħa minnhom (jiġifieri 3B, 4Ċ, 8A u 2B) kellhom l-aħjar punteġġ f'termini ta' sigurtà meta mqabbla ma' l-alternattivi rispettivi. L-unika eċċezzjoni hija l-għażla 7Ċ (ċertifikat "wieħed"), billi f'dak il-każ l-għażliet kollha kkunsidrati tqiesu li kellhom effett newtrali fuq is-sigurtà.

L-ispejjeż assoċjati ma' l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-Aġenzija għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi ġiet, fl-2005, ivvalutata mill-valutazzjoni preliminari ta' l-impatt li hija fil-medda ta' 4.4 sa 6.5 Miljun EUR (2005)/sena (tapplika biss għall-ispejjeż tax-xogħol u dawk ġenerali ġewwa l-Aġenzija). Fil-RIA preżenti l-Aġenzija vvalutat għaliha nnifisha, spiża diretta addizzjonali ta' 3,150 k EUR/sena, li hija madwar 50% ta' l-istima preliminari msemmija hawn fuq. Dan mhuwix sorprendenti, peress li din ta' l-aħħar inkludiet ukoll ATM/ANS. Is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw mill-ġdid dawn l-ispejjeż fl-2006, f'madwar 7.5 M€sena (mhux biss għall-ispejjeż diretti ta' l-Aġenzija, imma għal dawk kollha interessati u li jassumu 1500 ajruport fl-iskop tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE). F'din il-RIA it-total huwa vvalutat għal madwar 21Miljun EUR/sena (jiġifieri 3 Miljun EUR għall-ispejjeż addizzjonali ta' l-Aġenzija ta' kull sena + il-kumplament għall-persuni l-oħra interessati), li xorta jikkonferma li l-profondità ta' l-analiżi kien ipproporzjonat. Madankollu għandu jittfakkar li l-ispiża stmata ta' l-inċidenti ta' l-avjazzjoni u inċidenti minħabba fatturi ta' l-ajrudromi (infrastruttura, tagħmir, operazzjonijiet) fis-27 + 4 ta' l-UE tlaħħaq madwar 1,164,000 k€ (2006)/sena: jiġifieri 125 darba aktar. Allura, jekk il-proposta ta' l-Aġenzija tilħaq biss benefiċċju ta' sigurtà kwantitattiva ta' 2% (jiġifieri 23,280 k€/sena), dan ikun fl-istess ordni ta' daqs ta' l-ispejjeż totali stmati tal-politika proposta.

Barra minn dan il-politika proposta ser tistabbilixxi wkoll is-sisien għall-possibbiltà ta' benefiċċji ambjentali fil-futur.

F'termini soċjali, il-politika proposta, minbarra li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern u ċ-ċaqliq tax-xogħol, tista' toħloq madwar 530 post tax-xogħol addizzjonali fl-UE 27 + 4, li minnhom 21 fl-Aġenzija, 67 fl-awtoritajiet u l-bqija fis-settur privat.

Finalment, il-politika proposta tista' tikkontribwixxi wkoll biex tallinja aħjar ir-regolazzjoni ta' l-ajrudromi dwar is-sigurtà u l-interoperabbiltà, mhux biss mar-Regolament Bażiku 1592/2002 ta' l-EASA, imma wkoll mal-"metodu ġdid" u ma' l-"Ajru Uniku Ewropew".


Minħabba din il-RIA, huwa allura kkunsidrat li l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-EASA għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi hija ġġustifikata, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċji dwar is-sigurtà, dawk soċjali u ekonomiċi. Għalhekk huwa rrakkomandat li jinbdeu

l-attivitajiet meħtieġa, sabiex il-Kummissjoni tissottometti proposta leġislattiva għal ko-deċiżjoni sa l-2008.

1. Introduzzjoni u Skop

1.1 Evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni

Sa mill-1987 sa l-1992 il-leġiżlatur Ewropew adotta 3 «pakketti leġiżlattivi» sussegwenti għal-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru ġewwa s-suq intern. Dan wassal għal żieda drammatika fin-numru ta' titjiriet, minn madwar 3 miljun fis-sena f'nofs is-snin tmenin għal madwar 10 miljun illum il-ġurnata. Skond it-tbassir għal żmien twil ta' l-EUROCONTROL (ix-xenarju Ċ, jiġifieri tkabbir ekonomiku sostenibbli imma wkoll regoli ambjentali aktar sikkanti) it-tkabbir fit-traffiku huwa mistenni li jibqa' hemm fl-egħxieren ta' snin li ġejjin, kif jista' jintwera fl-Istampa 1:



Source: EUROCONTROL Long Term Forecast 2006-2025

Stampa 1: Evoluzzjoni tat-traffiku bl-ajru fl-Ewropa

Titjiriet IFR fl-Ewropa f'Miljuni

Titjiriet li saru – Tbassir


Sors: Tbassir għal Żmien Twil 2006-2025 ta' l-EUROCONTROL

Dan il-proċess ta' liberalizzazzjoni offra liċ-ċittadini rotot aktar diretti, aktar frekwenzi u prezzijiet aktar baxxi. Madankollu, “it-tneħħija tar-regolamenti (*de-regulation*)” estiża għall-aspetti tas-sigurtà, setgħet kienet ta' perikolu għall-protezzjoni tal-ħajjiet taċ-ċittadini nfushom. Għalhekk il-leġiżlatur, b'mod parallel mal-liberalizzazzjoni tas-suq, saħħaħ ir-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni fil-livell tal-Komunità.

Ġrajjet importanti matul din it-triq kienu:

- Id-Direttiva 1991/670/KEE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji ta' l-avjazzjoni;
- Ir-Regolament 1991/3922/KEE dwar l-armonizzazzjoni tar-regoli u għall-avjazzjoni;
- Id-Direttiva 1994/56/KEE dwar l-istabbiliment ta' Korpi Investigattivi ta' l-Inċidenti ta' l-Avjazzjoni (AIB) "indipendenti";
- Ir-Regolament Bażiku ta' l-EASA 1592/2002;
- Id-Direttiva 2003/42 dwar ir-rappurtar tal-każijiet tas-sigurtà;
- Id-Direttiva 2004/36 dwar is-sigurtà ta' ajruplani barranin (SAFA);
- Il-"pakkett" ta' 4 Regolamenti (jiġifieri 549, 550, 551 u 552) dwar l-"Ajru Uniku Ewropew" fl-2004, li introduċa l-prinċipju ta' separazzjoni bejn min jipprovdi s-sigurtà u min jirregolaha anke fil-oqsma tal-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (ATM) u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS);
- Ir-Regolament 2005/2011 dwar il-"lista s-sewda";
- Ir-Regolament 1899/2006 għal operazzjonijiet kummerċjali bl-ajru (l-imsejjaħ EU-OPS).

Iż-żewġ proċessi tal-liberalizzazzjoni tas-suq u regolazzjoni aktar stretti tas-sigurtà kienu bħal żewġ linji paralleli. Dejta statistika turi li bħala medja, il-proporzjon ta' fatalitajiet għal kull miljun IFR fl-Ewropa naqsu minn madwar 100 vittma/miljun titjira fil-bidu tas-snin tmenin għal madwar 10 fil-preżent, jiġifieri 20 sena wara, kif qed jintwera fl-Istampa 2:



Stampa 2: Tnaqqis tan-numru ta' vittmi għal kull miljun titjira

Numru ta' vittmi/miljun titjira IFR

- Medja ta' 5 snin

- Vittmi/miljun titjira

Minkejja li huwa diffiċli li tintwera b'kunfidenza assoluta korrelazzjoni stretta bejn it-tnaqqis fil-proporzjon tal-vittmi u r-regolazzjoni aħjar tas-sigurtà, xorta waħda għandu jkun innutat li ż-żewġ proċessi paralleli għabu liċ-ċittadini, b'mod ġenerali, benefiċċji sinifikanti kemm f'termini ta' offerti disponibbli fis-suq, kif ukoll f'livelli ta' sigurtà.

Imbagħad għandu jiġi enfasizzat liema oqsma ta' l-avjazzjoni huma diġà fl-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE jew fl-iskop ta' l-Aġenzija, sabiex jiġu identifikati lakuni potenzjali. It-tabella 1 tniżżel il-oqsma msemmija:

Qasam	Fi ħdan ir-regoli ta' l-UE	Fi ħdan l-EASA	
		Regolament Bażiku fis-seħħ	L-ewwel estensjoni tar-Regolament Bażiku ¹
Ajrunavigabilità	X	X	
Operazzjonijiet ta' l-Ajru Kummerċjali	X		X
Operazzjonijiet ta' l-Ajru mhux Kummerċjali			X
Liċenzjar ta' l-Ekwipaġġ tat-Titjira			X
Sigurtà ta' Ajruplani Barranin (SAFA)	X		
Sigurtà ta' Operaturi Barranin			X
Il-Lista s-Sewda	X		
Ajrudromi	LAKUNA		
Funzjonijiet ta' ATM (jiġifieri l-ġestjoni tal-Fluss u ta' l-Ispazju ta' l-Ajru)	X		
Servizzi tat-Traffiku bl-Ajru (ATS)	X		
Servizzi Liberalizzati tan-Navigazzjoni bl-Ajru (COM, NAV, SUR, AIS)	X		
Ġbir ta' dejta tas-sigurtà u analiżi	X		X
Investigazzjonijiet Indipendenti ta' l-Inċidenti	X		

Tabella 1: Oqsma tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni fl-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE

Mit-tabella hawn fuq għandu jkun innutat li l-illum, l-uniku qasam ta' l-avjazzjoni li fih ma jiġux stabbiliti regoli komuni ta' sigurtà fil-livell ta' l-UE huwa l-qasam ta' l-ajrudromi.

Jista' jiġi osservat ukoll li, fin-numru ferm imnaqqas ta' inċidenti fatali li seħħew fl-avjazzjoni ġewwa l-UE f'dawn l-aħħar għaxar snin, tabilħaqq seħħew xi wħud katastrofiċi fl-ajrudromi (e.ż. Linate, 08 t'Ottubru 2001).

1.2 L-Iskop tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorju attwali

L-iskop ta' l-istudju preżenti huwa biex janalizzat l-impatt ta' azzjoni probabbli tal-Komunità għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi. B'mod partikolari:

¹ Kif sottomess fil-proposta leġislattiva tal-KE COM 579 tas-16 ta' Novembru 2005 u li bħalissa hija soġġetta għall-proċess ta' ko-deċiżjoni.

- Għall-valutazzjoni ta' l-impatt ekonomiku jitqiesu biss l-ispejjeż sostanzjali, billi dawk amministrattivi ġew ivvalutati mis-servizzi tal-Kummissjoni;
- It-tweġibiet/pożizzjonijiet ta' persuni interessati m'humiex analizzati bis-sħiħ hawnhekk fid-dettal, billi dawn ġew imqassra fid-Dokument ta' Tweġiba għall-Kummenti (CRD 06/2006) ippubblikat fuq il-websajt ta' l-Aġenzija fil-05 ta' Mejju 2007. Għalhekk hija biss xi dejta sommarja li tohrōg mill-konsultazzjoni ta' persuni interessati, li qed tiġi ppreżentata f'din il-RIA, fejn rilevanti.

1.3 Proċess iterattiv għall-valutazzjoni ta' l-impatt

1.3.1 "Regolazzjoni aħjar"

Skond il-prinċipju tar-"regolazzjoni aħjar" l-EASA għandha twettaq Valutazzjoni ta' l-impatt Regulatorju kif jixraq kull meta tipproduċi Opinjoni. L-istess prinċipju jobbliga lill-Kummissjoni biex tipproduċi hi nnifisha valutazzjoni ta' l-impatt meta tissottometti lil-leġislator kwalunkwe proposta.

Wara li ġiet identifikata l-problema kif riflessa fis-sub-paragrafu 1.3.2 hawn isfel, ix-xogħol ġie organizzat billi ppruvat titnaqqas id-duplikazzjoni ta' l-isforzi. Għalhekk, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni preliminara ta' l-impatt u valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi, filwaqt li l-Aġenzija pproduċiet id-dokument preżenti.

Is-sub-paragrafi li ġejjin f'dan il-Kapitolu 1 jipprovdu informazzjoni sommarja, biex ir-referenza ssir aktar faċli, dwar ix-xogħol li twettaq diġà, kif ukoll dwar il-passi li ġejjin tal-proċess tal-valutazzjoni ta' l-impatt.

1.3.2 Identifikazzjoni tal-problema

Fl-Ewropa s-sigurtà ta' l-avjazzjoni kummerċjali tjebet b'mod drammatiku mill-bidu tas-snin sebgħin (jiġifieri madwar 200 vittma għal kull miljun titjira skond ir-IFR) għal madwar 1995 (jiġifieri 'l isfel għal madwar 10 vittmi/miljun titjira skond ir-IFR) kif enfasizzat hawn fuq. Madankollu sa minn dakinhar, minkejja titjib teknoloġiku sinifikanti, l-imsemmija rata sfortunata baqgħet kważi kostanti. Għalhekk biex titnaqqas aktar ir-rata, jinħtieġ mhux biss li wieħed jindirizza t-teknoloġija, imma wkoll aspetti oħra tal-"katina tas-sigurtà". B'mod partikolari għandhom jiġu indirizzati l-problemi prinċipali li ġejjin fil-qasam ta' l-ajrudromi:

- l-applikazzjoni mhux uniformi ta' l-Istandards ta' l-ICAO ġewwa l-Istati Membri (kull differenza tista' tiġi nnotifikata; it-testi legali jvarjaw dejjem u jidħlu fis-seħħ f'dati differenti);
- l-applikazzjoni mhux uniformi tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICAO (mhux mandatorja);
- l-implimentazzjoni mhux uniformi u mhux sinkronizzata ta' miżuri ta' titjib adottati mill-entitajiet intergovernamentali Ewropej ta' l-avjazzjoni (e.ż. il-EUROCONTROL);
- il-bżonn biex jiżdiedu dejjem aktar il-livelli ta' sigurtà fil-konfront tat-tkabbir kontinwu tat-traffiku bl-ajru previst għall-egħxieren ta' snin li ġejjin (jiġifieri madwar +3% kull sena);
- il-bżonn ta' "metodu tas-sistema totali" li jinkludi s-segmenti ta' l-ajru (*airborne*) u ta' fuq l-art (jiġifieri li wieħed jikkunsidra r-rotot tal-partenza u l-wasla, fir-rigward ta' l-ostakoli lokali, bħala parti integrali mis-sigurtà ta' l-ajruport fil-livell tar-rekwiżiti essenzjali, u t-*turn-round* bħala parti integrali miċ-ċiklu ta' l-operazzjonijiet ta' l-avjazzjoni), kif ukoll nies u organizzazzjonijiet u l-*interfaces* organizzattivi rispettivi tagħhom, ta' rilevanza partikolari għas-sigurtà ta' l-ajruport, fejn atturi differenti (e.ż. operaturi ta' l-ajrudromi u *ground handlers*) iwettqu ħidmiet operattivi differenti;

- il-frammentazzjoni fit-tfassil ta' regoli tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni fuq livell Ewropew (L-Istati Membri, Il-Grupp tar-Regolaturi għas-Sigurtà ta' l-Ajrudromi – GASR, eċċ...), li b'mod partikolari twassal għal ħela ta' riżorsi għal 27 proċess parallel ta' traspożizzjoni legali għat-tfassil ta' regoli, filwaqt li l-metodi u l-mezzi biex wieħed jikkonsulta lill-persuni interessati (*stakeholders*) huma eteroġeni.

1.3.3 Valutazzjoni preliminari ta' l-impatt

Fl-2005 saret valutazzjoni preliminari ta' l-impatt minn konsulent imqabba mill-Kummissjoni. Ir-rapport sħiħ jista' jiġi kkonsultat f': http://ec.europa.eu/transport/air_portal/traffic_management/studies/doc/finalized/2005_09_15_atm_en.pdf. L-istudju kkonkluda li tabilħaqq l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-EASA kienet l-aktar għażla loġika, effettiva u effiċjenti. B'mod partikolari, skond l-opinjoni tal-kumpanija konsultattiva, l-estensjoni ta' l-EASA tipproduċi benefiċċji ta' sigurtà notevoli, speċjalment meta mqabbla ma' l-għażla “tagħmel xejn”

Barra minn dan, l-ispiża li wieħed jestendi l-kompetenzi ta' l-EASA għas-sigurtà ta' l-ajrudromi, il-Gestjonir tat-Traffiku bl-Ajru (ATM) u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS) kienet stmata, mill-imsemmi konsulent, fil-medda ta':

- 4.4 sa 6.5 miljun EUR/sena (€ 2005) fil-każ li jiġi estiż il-mandat ta' l-Aġenzija u jiġu kkwantifikati biss l-ispejjeż ta' l-Aġenzija (għall-persuni l-oħra interessati, il-konsulent ta' biss kunsiderazzjonijiet kwalitattivi);
- 4.6 sa 6.9 miljun EUR/sena fil-każ li jiġi estiż il-mandat ta' l-EUROCONTROL, li kienet waħda mill-għażliet alternattivi vvalutati;
- 7.5 sa 8.6 miljun EUR/sena fil-każ li tinħoloq Aġenzija totalment ġdida tal-Komunità għall-ħidmiet regolatorji fil-oqsma meqjusa.

Ta' min wieħed jinnota li l-valutazzjoni preliminari msemmija ġeneralment użat it-terminu “ajruport”, bħal fil-Komunikazzjoni KE 578 tal-15 ta' Novembru 2005, mingħajr ma lanqas m'għamlet tentattiv biex tikkwantifika n-numru ta' entitajiet affettwati. Dan kien propizju fil-qafas ta' studju preliminari. Sussegwentement l-Aġenzija, wara li osservat li t-terminu “ajruport” tipikament jinkludi wkoll t-terminal tal-passiġġieri², waqt li kemm l-Anness 14 ta' l-ICAO u l-Grupp ta' Regolaturi ta' Sigurtà ta' l-Ajrudromi (*Group of Aerodrome Safety Regulators* - GASR) jużaw it-terminu “ajrudrom”, sabiex jirrestrinġu l-perspettiva għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, għażlet li tuża t-terminu “ajrudrom” sa mill-pubblikazzjoni ta' l-NPA 14/2006. Din l-għażla ġiet appoġġata mill-partijiet interessati.

1.3.4 Valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi

L-ispejjeż amministrattivi, magħrufa wkoll bħala spejjeż ġenerali jew indiretti, huma dawk li wieħed jeħel għal għanijiet komuni u li ma jistgħux ikunu identifikati malajr u speċifikament ma' proġett partikolari sponsorjat. Skond il-linji gwida maħruġa mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, l-ispejjeż amministrattivi għandhom jiġu vvalutati skond il-ispiża medja ta' l-azzjoni meħtieġa (Prezz) mmultiplikata bin-numru totali ta' azzjonijiet imwettqa kull sena (Kwantità). L-ispiża medja għal kull azzjoni tiġi stmata billi tiġi mmultiplikata t-tariffa (l-ispiża medja tax-xogħol għal kull siegħa inklużi l-ispejjeż ġenerali prorata) u l-ħin meħtieġa għal kull azzjoni. Il-kwantità se tiġi kkalkulata bħala l-frekwenza ta' azzjonijiet immultiplikati bin-numru ta' entitajiet rispettivi.

Ekwazzjoni ewlenija tal-mudell ta' l-ispejjeż

$$\Sigma P \times Q$$

² Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-ground handling fl-ajruporti tal-Komunità. (*Ġurnal Uffiċjali* L 272, 25.10.1996, paġni 0036-0045).

fejn P (għal Prezz) = Tariffa x Ħin

u Q (għal Kwantità) = Numru ta' entitajiet interessati x Frekwenza.

Fl-2006 s-servizzi tal-Kummissjoni (DĠ-TREN f'koordinamenti ma' l-*Inter-Service Steering Group* li ġie stabbilit għal din il-kwistjoni) wettqu xi kalkoli ta' l-ispejjeż billi segwew il-proċedura pass-b'pass "Valutazzjoni ta' l-Ispejjeż Amministrattivi imposti bil-Leġiżlazzjoni", inkluża fl-Anness 10 tal-Linji Gwida għall-Valutazzjoni ta' l-Impatt aġġornati tal-Kummissjoni Ewropea^[3]. Madankollu, l-imsemmija kalkoli mhux biss inkludew l-ispejjeż amministrattivi, imma wkoll l-ispejjeż diretti jew sostanzjali (e.ż. it-tfassil tar-regoli li għandu jitwettaq mill-Aġenzija u l-ispejjeż ta' ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi) li jqumu mill-proposta leġiżlattiva probabbli. L-għażla magħżula (jiġifieri l-estensjoni ta' l-EASA għas-sigurtà ta' l-ajrudromi) ġiet imqabbla mill-Kummissjoni ma' l-"*istatus quo*" (jiġifieri "Tagħmel Xejn"). Għal dan l-iskop il-Kummissjoni segwiet metodu ssimplifikat biex tiġbor id-dejta, kif iġġustifikat bin-natura ta' l-inizjattiva (iċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromii huwa diġà obbligu ta' l-ICAO implimentat bil-kbir mill-Istati Uniti ta' l-Amerika) u bl-ispiża totali stmata fir-reġjun ta' 10 Miljun EUR/sena għas-soċjetà totali ta' l-UE. Kien ikun disproporzjonat kieku kien ikun hemm mekkaniżmu aktar kumpless għall-akkwist tad-dejta.

Intużat dejta statistika disponibbli jew mill-EUROSTAT jew mill-EUROCONTROL, kif ukoll informazzjoni mill-internet (e.ż. is-sit elettroniku ta' l-OAG, kumpanija ta' l-informazzjoni ta' l-ivvjaġġar, li sservi wkoll linji ta' l-ajru mad-dinja kollha għall-iżviluppi tar-rotot tagħhom), l-abbozz (iddatat Awwissu 2006) tal-Pjan ta' Navigazzjoni bl-Ajru EUR ta' l-ICAO, volum I, appendiċi ma' Parti III u d-dejtabase AIS tal-EUROCONTROL, li jinkludi lista ta' l-ajrudromi għall-użu pubbliku (ikkonsultat fil-31 t'Awwissu 2006). Inġhatat ukoll informazzjoni addizzjonali mill-membri tal-Grupp tar-Regolaturi għas-Sigurtà ta' l-Ajrudromi (GASR).

Bħala konklużjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw l-ispejjeż totali (amministrattivi u sostanzjali) biex jiġu estiżi l-kompetenzi ta' l-EASA għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi, għall-Aġenzija nnifisha u għal dawk l-oħra interessati, kif immiżżel fit-tabella sommarja 2 li ġejja f'Ewro (2006):

EUR (2006)/sena

<i>L-AGĦAR KAŻ (jiġifieri 1500 ajruport; 2 FTEs għat-tfassil tar-regoli/Stat)</i>	<i>"Ma Tagħmel xejn"</i>	<i>Estensjoni tal-kompitu ta' l-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi</i>
<i>Spejjeż sostanzjali</i>	8,335,043.20	6,539,997,60
<i>Spejjeż amministrattivi</i>	1,081,908.00	925,843,20
<i>SPIŻA TOTALI</i>	<i>9,416,951.20</i>	<i>7,465,840.80</i>
<i>Differenza</i>		<i>- 1,951,110</i>

Tabella 2: Spiża ta' l-estensjoni ta' l-EASA għall-ajrudromi, skond is-servizzi tal-Kummissjoni

Fi kliem ieħor, li wieħed jiċċentralizza r-responsabbiltà regulatorja dwar is-sigurtà fi ħdan l-EASA joħloq, fl-opinjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni, benefiċċju ekonomiku żgħir liċ-ċittadini Ewropej, bis-saħħa ta' ekonomiji ta' skala u r-razzjonalizzazzjoni tax-xogħol, fil-medda ta' kważi 2 Miljun EUR (2006)/sena.

^[3] Kummissjoni Ewropea, Linji Gwida għall-Valutazzjoni ta' l-Impatt, 15 ta' Ġunju 2005 bl-aġġornament tal-15 ta' Marzu 2006, Brussell, SEC (2005)791.

Finalment is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu wkoll analiżi ta' sensitività sabiex jenfasizzaw ir-relevanza ekonomika taż-żewġ parametri li jiddeterminaw l-ispiża totali, jiġifieri:

- in-numru ta' Ekwivalenti *Full Time* (FTEs; 1 FTE = 1 raġel/sena);
- in-numru ta' ajrudromi li jaqgħu taħt l-iskop tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE proposta.

Is-servizzi tal-Kummissjoni, wara li ddikjaraw li l-valutazzjoni tagħhom tista' tiġi riveduta malli tkun disponibbli aktar informazzjoni mill-EASA, f'dak iż-żmien assumew 12-il FTE fl-EASA ddedikati għat-tfassil tar-regoli u l-istandardizzazzjoni, filwaqt li wieħed jassumi li bħala medja 2, 4 jew 6 FTEs jibqgħu impjegati għat-tfassil tar-regoli fil-livell nazzjonali fix-xenarju "Ma Tagħmel Xejn". Għall-ajrudromi, l-analiżi tas-sensittività assumiet il-valuri ta' jew 500, 1000 jew 1500. Ir-riżultati qed jintwerew fit-tabella 3 hawn taħt, li minnha wieħed jista' josserva li, skond is-servizzi tal-Kummissjoni, anke fil-każ meqjus bħala l-aktar wieħed għali (jiġifieri 1500 ajruport fl-iskop tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE u 2 FTEs/Stat biss użati bħalissa għat-tfassil tar-regoli), li wieħed jestendi l-EASA ikun irħas milli jżomm is-sitwazzjoni preżenti:

<i>N. Ajrudromi fl-iskop tal-leġiżlazzjoni</i>	<i>Għażla</i>	<i>ME/sena</i>		
		<i>Il-medja ta' FTE għat-tfassil tar-regoli/Stat</i>		
		<i>2</i>	<i>4</i>	<i>6</i>
500	MA TAGĦMEL XEJN	<i>5.159</i>	<i>8.010</i>	<i>11.101</i>
	ESTENSJONI TA' L-EASA	<i>3.372</i>		
1000	MA TAGĦMEL XEJN	<i>7.288</i>	<i>10.139</i>	<i>13.230</i>
	ESTENSJONI TA' L-EASA	<i>5.524</i>		
1500	MA TAGĦMEL XEJN	<i>9.416</i>	<i>12.268</i>	<i>15.300</i>
	ESTENSJONI TA' L-EASA	<i>7.465</i>		

Tabella 3: Analiżi tas-sensittività mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni

Il-valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi (u sostanzjali) mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, kienet tabilħaqq ibbażata fuq numru ta' assunzjonijiet. L-istadju mbagħad ikkonkluda li jista' jkun meħtieġ li dawk l-assunzjonijiet jiġu rfinuti, ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-Opinjoni ta' l-Aġenzija dwar il-kwistjoni. Għalhekk huwa possibbli li s-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jridu jirrevedu l-istimi tagħhom, qabel ma jressqu 'l quddiem proposta leġiżlattiva.

1.3.5 Il-RIA preżenti

Il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorju (RIA) preżenti, li tibni fuq żewġ studji mqassra f'1.3.3 u 1.3.4 hawn fuq, hija ppreżentata fid-dettal fil-Kapitolu 2 li ġej. Kull assunzjonji jew kunsiderazzjoni oħra li tinsab f'dak il-Kapitolu hija taħt ir-responsabbiltà ta' l-Aġenzija. B'mod partikolari, peress li n-numru ta' "ajrudromi" huwa ikbar min-numru ta' "ajruporti" (dawn ta' l-aħħar jaqdu trasport kummerċjali bl-ajru), ingħatat attenzjoni partikolari biex jiġi vvalutat l-impatt potenzjali ta' l-iskop tal-leġiżlazzjoni futura.

Din il-RIA saret skond il-metodoloġija approvata mid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija, skond il-punti 3.4 u 5.3 tal-proċedura ta' l-Aġenzija għat-Tfassil tar-Regoli adottata mill-Bord ta' Tmexxija.

Għandu jitfakkar darb'oħra li, b'differenza mill-istudju tal-Kummissjoni f'1.3.4 immedjatament hawn fuq, il-RIA preżenti tikkunsidra biss l-ispejjeż sostanzjali u mhux l-ispejjeż purament amministrattivi (e.ż. *workstations* għall-impjegati, iffotokopjar, il-mili ta' formoli, impustar, etc).

1.3.6 Il-Valutazzjoni finali ta' l-Impatt

Se tkun ir-responsabbiltà tas-servizzi tal-Kummissjoni biex tagħti sommarju tal-valutazzjoni preliminari msemmija f'1.3.3 hawn fuq, il-valutazzjoni tagħhom ta' l-ispejjeż amministrattivi u l-RIA preżenti, meta tipproponi biex tadotta l-proposta leġiżlattiva dwar il-kwistjoni.

2. Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorju

2.1 Metodu lejn il-valutazzjoni ta' l-impatt

2.1.1 Valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva

Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorju (RIA) hija valutazzjoni tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' regola prevista jew modifika għal leġislazzjoni, filwaqt li wieħed jikkunsidra diversi għażliet possibbli biex jilħaq l-għan soċjali mistenni (jiġifieri regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi aktar effettiva u effiċjenti), filwaqt li jiġi kkwantifikat kemm hu fattibbli l-impatt tagħhom fuq il-kategoriji kollha ta' persuni affettwati.

Għandha tkun ipproporzjonata ma' l-impatt probabbli tal-proposta. Dawn l-impatti għandhom ikunu analizzati minn perspettivi differenti (partiti). Għalhekk il-RIA, li taffettwa s-settur ta' l-avjazzjoni u b'mod partikolari l-ajrudromi, tikkunsidra b'mod partikolari l-partiti li ġejjin għall-valutazzjoni ta' l-impatt:

- sigurtà;
- ekonomija;
- ambjent;
- soċjali;
- u l-impatt fuq obbligi oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop ta' l-EASA.

B'mod aktar partikolari, l-impatti mniżżlin hawn fuq ġew ivvalutati b'mod kwalitattiv jew kwantitattiv, kif ippreżentat fit-Tabella 4:

Valutazzjoni	I M P A T T					
	Sigurtà		Ekonomija	AMB	Soċjali	Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni
	Passat	Impatt futur				
Kwantitattiv	X					
Kwantitattiv approssimattiv		X	X		X	
Kwalitattiv		X	X	X	X	X

Tabella 4: Valutazzjoni ta' l-impatt kwalitattiv u kwantitattiv

Kull waħda minn dawk il-5 partiti għall-valutazzjoni ta' l-impatt se tiġi irveduta individwalment f'§ 2.6 sa 2.10 hawn isfel.

2.1.2 Metodoloġija tal-valutazzjoni

Il-metodoloġija applikata għall-valutazzjoni ta' l-impatt hija strutturata f'6 passi:

- Analiżi tal-problema deskritta fil-paragrafu 2.3 li ġej;
- Definizzjoni ta' l-għanijiet (ġenerali, speċifiċi u operattivi) u indikaturi kif ippreżentati fil-paragrafu 2.4 hawn isfel;
- Identifikazzjoni ta' għażliet alternattivi għall-kwistjonijiet prinċipali li haġġu mill-konsultazzjoni (jiġifieri l-iskop tal-leġislazzjoni tal-Komunità; ir-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajruport; il-proċess ta' ċertifikazzjoni; ir-rwol tal-korpi ta' valutazzjoni u r-regolazzjoni ta' l-istaff tas-RFFS) fil-paragrafu 2.5;
- Identifikazzjoni u stima tad-daqs tal-grupp fil-mira;
- Identifikazzjoni u valutazzjoni ta' l-impatti ta' kull għażla probabbli għas-6 partiti kollha mniżżlin f'2.1.1 hawn fuq, sabiex jiġu ddeterminati dawk l-aktar sinifikanti;

- Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) konklużiva.

L-impatti possibbli huma korrelati ħafna ma' l-għanijiet ġenerali u speċifiċi identifikati f'2.4.2 u 2.4.3 hawn isfel. Il-qies tagħhom huwa bbażat skond l-indikaturi ta' sorveljanza (indikaturi tar-riżultat) ippreżentati fil-paragrafu 2.4.5 hawn isfel. Madankollu l-indikaturi relatati ma' l-għanijiet ġenerali jistgħu jkunu influwenzati b'mod sinifikanti minn politika oħra. Għalhekk m'huwiex xieraq li wieħed jikkunsidrahom meta jiġi vvalutat l-impatt ta' l-estensjoni proposta ta' l-EASA għall-ajrudromi.

Għalhekk, l-użu prinċipali ta' l-għanijiet ġenerali huwa li jinkoraġġixxi d-definizzjoni dwar l-għanijiet speċifiċi, għall-politika proposta. L-indikaturi tar-riżultat korrelati magħhom se jintużaw fil-RIA preżenti kif jixraq, filwaqt li jistgħu jintużaw ukoll fil-futur għal reviżjonijiet fin-nofs tal-perijodu.

Finalment l-indikaturi operattivi fil-paragrafi 2.4.5 hawn isfel m'humieqx utilizzati għall-RIA preżenti. Madankollu jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni biex din tkejjel kontinwament il-progress ta' l-inizjattiva proposta.

Wara li jiġu identifikati l-impatti kollha għal kull kwistjoni prinċipali u kull għażla ta' politika relatata, fir-rigward ta' l-għanijiet speċifiċi msemmija, ir-riżultati huma ppreżentati sommarjament f'matriċi ta' l-impatt fis-sub-paragrafi konklużivi f'2.6 sa 2.10 hawn isfel. Il-proċedura biex tiġi żviluppata din il-matriċi hija l-Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA), imwettqa permezz ta' l-istadji ddetaljati li ġejjin:

- l-identifikazzjoni ta' l-għanijiet speċifiċi, li japplikaw għall-għażliet alternattivi kollha proposti;
- il-korrelazzjoni ta' kull għażla għall-partiti potenzjali ta' l-impatt li huma rilevanti, sabiex ikun permess il-paragun ta' l-għażliet;
- l-istabbilment ta' kriterji ta' kejl (permezz ta' l-indikaturi tar-riżultat) – ta' lanqas f'termini kwalitattivi u fejn possibbli f'termini kwantitattivi (fil-każ ta' l-aħħar wieħed iqis id-daqs tal-grupp fil-mira);
- il-punteġġ ta' kemm kull għażla tissodisfa l-kriterji, bit-tifsira ta' kull impatt, kemm jekk imkejjeq b'mod kwantitattiv jew ivvalutat b'mod kwalitattiv, f'ikklassifikar mhux dimensjonali (“punteġġ”): jiġifieri -3 għal kull impatt negattiv ħafna, -2 għal negattiv medju, -1 għal impatt negattiv żgħir, 0 għal impatt newtrali u sa +3 għal impatti pożittivi;
- L-assenjar ta' “piżijiet” (*weights*) għal kull partita ta' l-impatt biex tirrifletti l-importanza relattiva tagħha: il-piż 3 ġie assenjat għall-impatti ambjentali u ta' sigurtà; 2 għall-impatti ekonomiċi u soċjali u 1 biex ikollu impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni;
- Finalment qabbel l-għażliet billi tgħaqqad il-punteġġi ppeżati (*weighted scores*) rispettivi tagħhom.

2.2 Organizzazzjoni tal-proċess

2.2.1 Inter-Service Steering Group

Ir-rapport tal-valutazzjoni preliminari ta' l-impatt imsemmi fil-paragrafu 1.3.3 hawn fuq, ġie ffinalizzat mill-konsulent f'Settembru 2005. Imbagħad il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha biex tkompli b'mod progressiv lejn l-estensjoni tas-sistema ta' l-EASA⁴.

Għalhekk f'Jannar 2006 it-Taqsima DG-TREN F3 (Sigurtà ta' l-Avjazzjoni u Ambjent), iffurmat l-*Inter-Service Steering Group* (IS-SG) għall-valutazzjoni *ex-ante*/valutazzjoni finali

⁴ COM (2005) 578 finali tal-15 ta' Novembru 2005.

ta' l-impatt dwar l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (EASA) għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS), il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru (ATM) u l-ajrudromi, bil-kompiti li ġejjin:

- Tirrevedi l-valutazzjoni preliminari mwettqa minn kuntrattur u tagħti l-parir jekk għandhomx jitqiesu aktar għażliet iddettaljati matul il-mixja 'l quddiem proposta;
- Tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni sabiex tiffinalizza l-istudju;
- Tgħin lill-persuna responsabbli mill-valutazzjoni, speċjalment għall-valutazzjoni tar-riskju u l-istima ta' l-ispejjeż, ladarba d-dettalji ta' l-opinjoni ta' l-EASA jsiru magħrufa;
- Tissorvelja x-xogħol u tivvalida r-riżultati;
- Tieħu sehem fil-laqgħat;
- Tieħu sehem fl-istima (*appraisal*) kwalitattiva tal-valutazzjoni;
- Tiżgura t-tixrid tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Barra minn Taqsimiet oħra ta' DĠ-TREN u l-Aġenzija, fl-imsemmi IS-SG qed jipparteċipaw ukoll servizzi oħra tal-Kummissjoni, bħal: SEC GEN, Service Juridique, DĠ ENTR, DĠ ENV u DĠ BUDG.

Il-laqgħa inizjali saret fl-20 ta' Marzu 2006, segwita minn laqgħat regolari, bis-sitt waħda ssir fil-21 ta' Marzu 2007. Is-seba' laqgħa ser tkun skedata biex tippreżenta din il-RIA lill-membri ta' l-IS-SG mill-EASA.

Sa issa l-membri ta' l-IS-SG ipprovdew informazzjoni bażika teknika u dwar l-ispejjeż, prinċipalment biex jiżviluppaw il-valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi mwettqa mid-DĠ-TREN, li fiha huma kienu involuti bis-sħiħ mhux biss permezz ta' laqgħat, imma wkoll permezz ta' reviżjoni tad-dokumenti bil-posta.

Huwa mistenni li l-IS-SG mhux biss jikkummenta fuq il-RIA preżenti u sussegwentament japprova l-valutazzjoni finali ta' l-impatt ikkumpilata mid-DĠ-TREN, imma jkompli l-attività tiegħu, ukoll biex jikkonkludi l-valutazzjoni ta' l-impatt dwar l-estensjoni ta' l-EASA għall-ATM u s-ANS.

2.2.2 Konsultazzjoni mal-persuni interessati

Sa issa saret konsultazzjoni strutturata u ripetittiva ma' persuni interessati (minbarra korrispondenza postali u skambji informali) permezz ta' tlettax-il mekkaniżmu, kif sommarjament inniżżla fit-Tabella 5 hawn isfel:

N.	Responsabbli	Perijodu ta' konsultazzjoni	Grupp filmira	Mekkaniżmu	Riżultati
1	ECORYS	Nofs 2005	Aktar minn 70 parti interessata magħżula	Kwestjonarji	Ġew irċevuti 56. Sommarju ta' tweġibiet fir-rapport ta' l-ECORYS
2	ECORYS	Nofs 2005	25 parti interessata prinċipali	Intervisti	Sommarju ta' tweġibiet fir-rapport ta' l-ECORYS
3	EASA	Diċembru 2005	Grupp Konsultattiv ta' Awtoritajiet Nazzjonali (AGNA)	Konsultazzjoni dwar il-pjan annwali ta' l-EASA dwar it-tfassil tar-regoli	Ħidma BR 002 approvata
4	EASA	Diċembru 2005	Kumitat Konsultattiv għall-Istandards tas-Sigurtà (SSCC)		Ħidma BR 002 approvata
5	EASA	Diċembru 2005	AGNA	Konsultazzjoni dwar it-ToRs għall-ħidma BR 002	ToRs ippubblikati
6	EASA	Diċembru 2005	SSCC		ToRs ippubblikati
7	EASA	Mejju sa Ottubru 06	Pubbliku permezz ta' konsultazzjoni fuq l-internet	NPA 06/2006	3010 kummenti rċevuti minn 1850 risponent. CRD ippubblikat.
8	EASA	Mejju sa Lulju 07	Pubbliku permezz ta' konsultazzjoni fuq l-internet	CRD 06/2006	103 reazzjonijiet rċevuti minn 15-il persuna interessata. Tqiesu għall-Opinjoni.
9	EASA	Sa mill-bidu ta' l-2006	Awtoritajiet ta' l-Avvjazzjoni	Preżentazzjonijiet lil GASR WG	Attendenza u dibattitu kostanti fil-laqgħat
10	EASA	Diċembru 2006	Partijiet interessati fl-ajrudromi	Preżentazzjoni lill-ACI Europe "Skambju ta' l-Ajruport"	Ingħatat Preżentazzjoni
11	EASA	Ġunju 2007	Partijiet interessati fl-ajrudromi Ingliżi	Preżentazzjoni lill-AOA Ops u Konferenza tas-Sigurtà	Ingħatat Preżentazzjoni
12	EASA	Ġunju 2007	Partijiet interessati fl-ajrudromi Awstrijakk, Ġermaniżi u Svizzeri	Preżentazzjoni lill-ADV Kumitat ta' l-Infrastruttura & Teknoloġija	Ingħatat Preżentazzjoni
13	EASA	Settembru 2007	Partijiet interessati fl-ajrudromi	Preżentazzjoni lill-Kumitat Tekniku ta' l-ACI	Ingħatat Preżentazzjoni

Tabella 5: Konsultazzjoni mal-persuni interessati

B'mod partikolari r-riżultati ta' kemm l-intervisti u l-kwestjonarji taħt ir-responsabbiltà tal-konsulent (jiġifieri l-ECORYS) imqabba mill-Kummissjoni, intużaw biex jiżviluppaw u jsostnu l-analiżi mwettqa dwar id-diversi suġġetti matul il-valutazzjoni preliminari ta' l-impatt, bħall-analiżi tal-problemi, il-valutazzjoni ta' l-impatti u l-paragun ta' l-għażla. F'kull wieħed mill-kapitoli prinċipali ta' dak l-istudju, il-fehmiet tal-persuni interessati ġew ippreżentati f'sezzjoni separata. Barra minn dan, ingħatat analiżi ddettaljata tar-riżultati tal-kwestjonarju fl-Anness B tad-dokument imsemmi. Il-persuni interessati ġew identifikati permezz tas-sħubija tagħhom fil-Bord ta' l-EASA, jew minħabba li huma persuni interessati sinifikanti fil-ICB (Korp Konsultattiv għall-Industrija), rappreżentattivi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. Barra minn dan, ġie kkonsultat ukoll kampjun ta' l-ANSPs u ta' l-operaturi ta' l-ajrudromi.

Sussegwentament l-Aġenzija, kif obligata bil-proċedura tagħha għat-tfassil tar-regoli, ikkonsultat darbtejn lil AGNA u s-SSCC rispettivament dwar l-inklużjoni tal-ħidma BR 002 fil-pjan ta' tfassil ta' regoli u mbagħad dwar it-ToRs iddettaljati għall-progress tagħha. Sa mill-2005 l-EASA għamlet l-għalmu tagħha kollu biex tikkoordina mhux biss ma' l-Awtoritajiet kompetenti, imma mal-persuni interessati kollha ta' l-ajrudromi, u l-ewwel u qabel kollox ma' l-assoċjazzjonijiet rispettivi tagħhom. Dan l-isforz kostanti kkontribwixxa għall-kwantità u l-kwalità tal-kummenti riċevuti għan-NPA 06/2006. B'mod partikolari 3010 kummenti rreġistrati ġew mhux biss minn aktar minn 1750 individwu, imma wkoll minn 91 persuna interessata rilevanti fl-avjazzjoni, kif ippreżentat fit-Tabella 6:

Awtoritajiet		Ajrudromi	Utenti ta' l-Ispazju ta' l-Ajru	ANSPs	Industrija
L-Awstrija (Christian Marek)		Aberdeen	AEA	DFS	Airbus
Il-Belġju		ACI Europe	AOPA Italy	Bundeswehr ATS Office	British Helicopter Advisory Board
Id-Danimarka		ADV (German Airport Ass.)	AOPA Norway	EURO CONTROL	ECA
Ir-Repubblika Ċeka		Avinor	AOPA UK		Helicopter Museum
L-Estonja		BAA Central Airside Operations	APAU		IFATCA
Il-Finlandja		Bickerton's Aerodromes	Air League		International Fire Training Centre
Franza		Birmingham	Association Aerotourisme		Squirrel Helicopters
Il-Greċja		British AOA	Association MosAiles		
Il-Ġermanja		Dublin	Belgian Gliding Federation		
Il-Ministeru ta' Hessen ta' l-Ekonomija, it-Trasport, l-Iżvilupp Urban & Reġionali		Dutch Airport Association	British Gliding Association		
L-Iżlanda		Exeter & Devon	British Hang Gliding & Para Gliding Ass.		
L-Irlanda		Finavia	British International		
L-Italja		Fraport AG	Centre ULM Européen		
Il-Grupp tal-proċedura tal-JAA Ops		Glasgow	Club Aero ULM Berch		
L-Olanda		Gloucestershire	Club ULM		
In-Norveġja		Guernsey	Danish Ultralight Flying Association		
Ir-Rumanija		Heathrow	Deutscher Ultralightflugverband		
Ir-Repubblika Slovakka		Humberside	ECOGAS (BBGA)		
Is-Slovenja		Luton	EGU		
Spanja		Lyon	Europe Airsports		
L-Iżvezja		Manchester	FSSLA Federation		
L-Iżvizzera		Nottingham E.M.	GAAC		
Ir-Renju Unit		Prague	KLM		
L-Istati Uniti ta' l-Amerika (FAA)		Schiphol	Helicopter Club GB		
		Schweizer Flugplatzverain	IAOPA		
		Teuge	Popular Flying Ass.		
		UAF	Reseau Sport de l'Air		
			Swiss Aero club		
			UK Flying Farmers Association		
TOTAL	24	27	30	3	7
TOTAL KUMPLESSIV					91

Tabella 6: Organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati li wieġbu għan-NPA 06/2006

L-imsemmija 3010 kummenti ġew analizzati, kif deskritt fid-CRD 06/2006 ippubblikat fil-05 ta' Mejju 2007. Finalment anke d-CRD rċieva 103 reazzjoni, li għal darb'oħra kollha ġew analizzati u mqassra kif jixraq fl-Opinjoni dwar l-estensjoni tas-sistema ta' l-EASA għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi.

Bħala konklużjoni, u ovvjamem fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-persuni kollha interessati kellhom ħafna opportunitajiet biex jikkomunikaw ma' l-Aġenzija, fl-ispirtu, imma ħafna drabi lil hinn u qatt inqas mill-ittra, tal-proċedura għat-tfassil tar-regoli applikabbli.

B'mod partikolari, l-analiżi tat-tweġibiet għad-CRD wasslu biex jiġi konkluż li kienu biss inqas minn 5% tal-91 persuna interessata oriġinali kollettivament li wiegħbu għan-NPA 06/2006, li ma kinux konvinti bis-sħiħ dwar il-korrettezza tal-proċessi, kif qed jintwera fit-Tabella 7 hawn isfel:

Organizzazzjonijiet li wiegħbu għan-NPA 06/2006						
Awtoritajiet Kompetenti		Operaturi ta' l-Ajrudromi			Total	
Dawk li qajmu dubji dwar il-korrettezza tal-proċess		Total ta' rispondenti oriġinali	Dawk li qajmu dubji		Total ta' rispondenti oriġinali	Dawk li qajmu dubji
BMBVS	3	24	ADV	1	27	4
DGAC-FR						
ENAC						
%	12.5		3.7			4.4

Tabella 7: Korrettezza tal-proċess

2.3 Analiżi tal-problema

2.3.1 Livell ta' sigurtà fl-ajrudromi ta' l-UE

2.3.1.1 Definizzjonijiet

Fuq it-talba mid-Direttorat għat-Tfassil tar-Regoli ta' l-EASA, f'Lulju 2007 twettaq studju malajr mid-Dipartiment għall-Analiżi tas-Sigurtà u r-Riċerka ta' l-istess Aġenzija, dwar l-inċidenti ta' l-avjazzjoni li seħħew fi jew fil-viċinanzi ta' ajruport. Intużaw id-definizzjonijiet ta' l-Anness 13 ta' l-ICAO għall-inċidenti ta' l-avjazzjoni, kif imsemmi sommarjament fit-Tabella 8:

Estratt mid-definizzjonijiet fl-Anness 13 ta' l-ICAO, id-9 edizzjoni – 2001 inkluża l-Emenda 11 applikabbli t-23 ta' Novembru 2006	
Inċident (L-Anness 13 jinkludi wkoll xi eċċezzjonijiet mhux ikkuppjati fit-tabella preżenti)	Każ assoċjat ma' l-operat ta' l-ajruplan li jseħħ bejn il-ħin li persuna tirkeb l-ajruplan bl-intenzjoni li ssiefer, sakemm il-persuni kollha jkunu żbarkaw, li fih: a) Persuna tmut jew tindarab serjament b'riżultat ta' li tkun fl-ajruplan, jew f'kuntatt dirett ma' xi parti ta' l-ajruplan, inklużi dawk il-partijiet li jkunu sseparaw ruħhom, jew espożizzjoni diretta għar-riħ qawwi tal-ġettijiet (<i>jet blast</i>). b) L-ajruplan isofri ħsarat jew ħsarat strutturali li jaffettwaw b'mod ħażin is-saħħa strutturali, il-karatteristiċi ta' l-operat jew tat-titjira, u normalment ikun jinħtieġ tiswijiet kbar jew sostituzzjoni tal-komponent affettwat. ċ) L-ajruplan ma nstabx jew huwa kompletament inaċċessibbli.
Inċident	Każ, minbarra inċident, assoċjat ma' l-operat ta' l-ajruplan li jaffettwa jew li jista' jaffettwa s-sigurtà ta' l-operat.

Tabella 8: Estratt mid-definizzjonijiet fl-Anness 13 ta' l-ICAO

L-istudju kien ibbażat skond dejta mid-dejtabase tas-sigurtà ta' l-EASA, li tkopri dejta globali dwar l-inċidenti u inċidenti serji akkwistata mill-ICAO, kif ukoll skond informazzjoni dwar il-każijiet tas-sigurtà akkwistata mill-industrija u s-sorsi tal-medja. Id-dejta kollha li tinsab fil-paragrafu preżenti 2.3.1 ġiet estratta mill-imsemmija dejtabase u aggregata mid-Dipartiment ta' l-Aġenzija għall-Analiżi tas-Sigurtà u r-Riċerka, sakemm speċifikat mod ieħor fit-test.

2.3.1.2 L-Iskop ta' l-istudju

L-iskop ta' dan l-istudju tas-sigurtà jinkludi:


- Inċidenti, li seħħew lil ajruplani b'massa ta' tluġh massima ċċertifikata ta' aktar minn 2250 kg, peress li dejta għal oqfsa iżgħar ta' l-ajru mhijiex miġbura minn ICAO.
- Ta' kull kategorija (jiġifieri l-ġwienaħ fissi ta' *rotorcraft*), użati jew għat-trasport kummerċjali bl-ajru jew għall-avjazzjoni ġenerali.

L-analiżi kopriet għaxar snin: jiġifieri mill-1996 sa l-2005. Għalhekk, per eżempju, l-inċident riċenti tas-17 ta' Lulju 2007 fl-ajruport ta' Congonhas (il-Brażil), li ħalla 187 ħajja mill-persuni abbord, u 12 min-nies oħra miż-żona metropolitana li tinsab madwar l-imsemmi ajruport, ma ġiex inkluż fl-istudju, billi l-informazzjoni uffċjali dwar il-fatturi kawżali li wasslu biex l-ajruplan spiċċa qabeż ir-*runway* imxarba, għadha mhix disponibbli.

Sar ukoll paragun bejn ir-reġjuni fejn saru l-inċidenti: jiġifieri l-Ewropa⁵ mqabbla mal-bqija tad-dinja. Madankollu, għal xi grafs, minħabba d-disponibbiltà ta' dejta mhux kompluta, l-iskop huwa aġġustat.

2.3.1.3 Fażijiet tat-titjira

Kif qed jintwera fil-grafs fl-Istampa 3 hawn isfel, madwar 75% ta' l-inċidenti kollha, matul il-perijodu ta' żmien eżaminat, seħħew fi jew fil-viċinanzi ta' ajruport. Ma jirriżultaw l-ebda differenzi sinifikanti bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja (mhux f'ċifri assoluti, imma f'termini ta' distribuzzjoni perċentwali ta' l-inċidenti):



Stampa 3: 75% ta' l-inċidenti ta' l-avjazzjoni fi jew qrib l-ajrudromi

- Sitwazzjoni ta' l-okkorrenza fl-UE27+4 – Distribuzzjoni ta' l-inċidenti fil-fażijiet tat-titjira

- Sitwazzjoni ta' l-okkorrenza barra l-UE27+4.

Distribuzzjoni ta' l-inċidenti fil-fażijiet tat-titjira

-Taxi

-Ajruplan wieqaf (*standing*)

- Tluġh mill-art

- Inżul lejn l-art


2.3.1.4 Kategoriji ta' każijiet

Il-kategoriji tal-każijiet jipprovdu l-ewwel – l-ogħla – livell ta' analiżi għall-inċidenti. Tista' tiġi assenjata aktar minn kategorija waħda lil xi ġrajja partikolari. Il-kategoriji tal-każijiet jiddeskrivu dak li ġara f'termini ġenerali.

⁵ Għal dan l-istudju tas-sigurtà l-“Ewropa” għandha titqies bħala s-27 Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea flimkien ma' l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera (UE 27+4), billi dawn l-aħħar erbgħa jipparteċipaw fis-sistema “EASA”. L-ECAC minflok tkopri reġjun aktar wiesa', inklużi 42 Stat: jiġifieri l-Ewropa sħiħa ġeografika, ħliet il-Belarus, il-Liechtenstein, il-Federazzjoni Russa b'Kaliningrad FIR, San Marino u l-Missjoni tal-Ġnus Magħquda fil-Kosovo.

Il-graf fl-Istampa 4 hawn isfel turi l-kategoriji tal-każijiet ta' l-inċidenti li seħħew matul it-tluġh, l-inżul, l-*standing* u l-fażi tat-*taxing*:

**L-aktar 10 Kategoriji tal-Każijiet
Inċidenti – tluġh, inżul, *standing*, fażi tat-*taxing***



Stampa 4: L-aktar 10 kategoriji, relatati ma' l-ajrudrom

Mill-istampa 4 hawn fuq jista' jiġi osservat li 3 minn 5 mill-aktar kategoriji l-aktar frekwenti fl-Ewropa jistgħu jkunu relatati ma' l-ajruport (jiġifieri ARC, RE, RAMP). Il-klassifikazzjoni tal-kategoriji msemmija hija deskritta aħjar fit-Tabella 9 hawn isfel:

Akronimu	Definizzjoni
ARC	Kuntatt mhux Normali mar- <i>Runway</i> : inżul b'saħħtu (<i>hard</i>), imkarkar (<i>long</i>), malajr (<i>fast</i>). Tinkludi wkoll ħbit tad-denb ta' l-ajruplan (<i>tail-strikes</i>) u nżul bir-roti ġewwa (<i>wheels-up</i>). Il-kawżi tagħha jistgħu jkunu, jew parzjalment ikunu, anke relatati ma' l-ajruport (e.ż. immarkar ħażin tar- <i>runway</i>).
SCF-NP	Ħsarat fis-sistema/komponent – mhux fil-magni: Biex tiddekrivi li kien hemm ħsarat f'waħda mis-sistemi ta' l-ajruplan minbarra l-magna. Fi ftit każijiet il-kundizzjonijiet tal-wiċċ jew il-qlib (<i>slopes</i>), jistgħu jagħmlu ħsara lill- <i>undercarriage</i> . F'każijiet estremament rari (e.ż. l-inċident tal-Concorde fil-25 ta' Lulju 2000) is-sekwenza tal-ġrajjet tista' tinbeda minn FOD fuq ir- <i>runway</i> u twassal għal inċident katastrofiku.
RE	Devjazzjoni mir- <i>Runway</i> : l-ajruplan jaqbeż ir- <i>runway</i> għall-ġenb tagħha jew jaqbeż it-tmiem tar- <i>runway</i> . F'numru ta' każijiet dan jista' jkun relatat ma' l-ajruport (e.ż. akkwaplan jew minħabba li d-distanzi ddikkjarati ma jikkonformawx ma' l-istandards tas-sigurtà, sabiex l-ajrudromi jattiraw kummerċjalment aktar traffiku).
RAMP	Ground handling: jinkludi każijiet fejn l-ajruplan issirli ħsara b'tagħmir fuq l-art, vetturi imma tinkludi wkoll żbalji fit-tagħbija. Dan huwa kopert bid-definizzjonijiet fl-Anness 13 ta' inċident ta' l-avjazzjoni.
LOC-I	Telf ta' Kuntroll waqt it-Titjira: l-ajruplan jiddevja mill- <i>flight path</i> ipplanat. Din il-kategorija tintuża biss f'każijiet meta l-ajruplan huwa kontrollabbli. Huma esklużi l-każijiet fejn ħsarat tekniċi jrendu lill-ajruplan inkontrollabbli.
GCOL	Ħbit ta' ajruplan ma' oġġetti/ostakoli waqt li l-ajruplan ikun miexi fuq l-ajruport imma mhux waqt il-ġirja tat-tluġh (<i>take-off run</i>) u l-ġirja ta' l-inżul (<i>landing roll</i>). Għalhekk din teskludi l-ħbit konsegwenza ta' devjazzjonijiet mir- <i>runway</i> . Dawn ta' l-aħħar m'humieq fil-lista ta' hawn fuq ta' l-aktar 10 kategoriji f'termini ta' inċidenti frekwenti (il-frekwenza ta' l-inċidenti li jinvolvu devjazzjoni mir- <i>runway</i> qed titniżżel hawn isfel; is-severità tal-konsegwenzi m'hijiex relatata mal-frekwenza).
LOC-G	Telf ta' Kuntroll fuq l-Art: Jista' jkun minħabba ħsarat f'parti mill- <i>undercarriage</i> , imma jista' jkun ukoll minħabba kawżi relatati ma' l-ajruport: e.ż. żlieġ fuq is-silġ, idroplan, jew <i>weather-cocking</i> ta' l-ajruplan.
OTHER	Kull tip ieħor ta' inċident, li, fir-rigward tal-każijiet fi/qrib l-ajruport jinkludi, fost l-aktar magħrufa, attackki mill-għasafar, e.ż. meta ajruplan jaħbat ma' l-għasafar.
SCF-PP	Ħsarat fil-magni ta' l-ajruplan. Fi ftit każijiet dawn jistgħu jkunu minħabba inġestjoni ta' FOD.
ADRM	Każijiet relatati mat-tqassim jew l-iffunzjonar ta' xi ajruport. Dan jista' jinkludi inċidenti relatati ma' drenaġġ batut tar-<i>runway</i>, manutenzjoni fqira tar-<i>runway</i>, nuqqas ta' sinjali li jwasslu għall-aċċess e.ż. tar-<i>runway</i> il-ħażina, kuntroll inadegwat tal-vetturi, it-tneħħija tas-silġ, eċċ.
Nota: Tnejn biss mill-kategoriji murija hawn fuq, jiġifieri l-“ADRM” u r-“RAMP” immarkati bit-tipa skura, għandhom x'jaqsmu direttament u unikament ma' l-ajruport u l-operat tiegħu. L-oħrajn kollha huma normalment aktar relatati direttament ma' l-operat ta' l-ajruplan fl-ajruport, imma hija biss l-analiżi ta' l-inċident speċifiku li tista' tgħid jekk kienx hemm kontribuzzjoni mill-fatturi relatati ma' l-ajruport. Hija biss il-LOC-I, li l-filliera tagħha hija skurata, li ma hi qatt relatata ma' l-ajruport.	

Tabella 9: Klassifikazzjoni għal kategoriji ta' każijiet

In-numru relattivament għoli fl-Ewropa ta' kuntatti mhux normali mar-*runway*/devjazzjonijiet mir-*runway* (madwar 50% aktar frekwenti milli fil-bqija tad-dinja) jistħoqqlu aktar studju. Spjegazzjoni possibbli tista' tkun li r-rappurtar ta' dawn il-każijiet huwa aktar żviluppat fl-Ewropa milli f'partijiet oħra tad-dinja. F'kull każ, biex wieħed jipprevjeni konsegwenzi katastrofiċi wara xi devjazzjoni mir-*runway*, huwa importanti li jiġu stabbiliti u mantnuti żoni ddefiniti (e.ż. strixxi jew żoni ta' sigurtà fit-tarf tar-*runway*) madwar ir-*runways*.

2.3.1.5 Inċidenti fatali fl-ajrudromi

Total ta' 9 inċidenti fatali matul id-dinja, fil-perijodu ta' żmien 1996-2005, ġew ikkategorizzati fil-kategorija tal-każijiet "Ajruport" (ADRM). 2 minnhom ġraw fl-Ewropa, kif imniżżel fit-Tabella 10 hawn isfel:

UE27+4				
Sena	Klassi	Fatalitajiet totali	Fatalitajiet fuq l-ajruplani	Numru ta' inċidenti
2000	Incident	113	109	1
2001	Incident	118	114	1

Tabella 10: Inċidenti fatali fl-Ewropa, li l-kawża tagħhom hija fil-biċċa l-kbira relatata ma' l-ajrudromi

Qed jiġi ppreżentat sommarju qasir tal-fatturi msemmija relatati ma' l-ajrudromi:

25/07/2000 – Franza (Gonesse, Lieu patte d'Oie) - Concorde

Fatturi relatati ma' l-ajruport: **debris fuq ir-*runway***, ir-*runway* mhix ħielsa mid-*debris*.

08/10/2001 – L-Italja (L-Ajruport ta' Milano-Linate) – MD87 u Cessna Citation

Fatturi relatati ma' l-ajruport: L-istandard ta' l-ajruport ma kkonformax ma' l-Anness 14 ta' l-ICAO; **marki, dwal u sinjali meħtieġa jew ma kinux jeżistu jew ma kienux fi stat tajjeb jew kienu diffiċli biex tagħrafhom f'kundizzjonijiet ta' viżibbiltà baxxa. Xi operaturi ma kinux jafu b'marki oħra. Instab ukoll li fl-ajruport ma kien hemm taħdem l-ebda Sistema funzjonali ta' Ġestjoni tas-Sigurtà .**

Is-7 inċidenti fatali oħra, ta' lanqas parzjalment relatati ma' kawżi ta' l-ajruport, li seħħew barra l-Ewropa fil-perijodu ta' żmien eżaminat, huma mniżżla fit-tabella 11 hawn isfel:

Il-kumpliment tad-dinja				
Sena	Klassi	Fatalitajiet totali	Fatalitajiet fuq l-ajruplani	numru ta' inċidenti
1999	Incident	18	16	1
2000	Incident	86	86	2
2001	Incident	1	0	1
2004	Incident	2	2	1
2005	Incident	152	152	2

Tabella 11: Inċidenti fatali barra l-Ewropa, li l-kawża tagħhom kienet relatata ma' l-ajrudromi

Qed jiġi ppreżentat sommarju qasir tal-fatturi msemmija relatati ma' l-ajrudromi:

21/12/1999 – Guatemala (Guatemala city) – DC10-30

Fattur relatat ma' l-ajruport: hemm djar viċin tar-*runway* (jiġifieri **ż-żona ta' sigurtà fit-tarf tar-*runway* m'hijiex biżżejjed**).

25/03/2000 – Angola (Huambo) - Antonov 32

Fattur relatat ma' l-ajruport: **il-wiċċ tar-*runway* jinsab f'kundizzjoni batuta**.

31/10/2000 – It-Tajwan (Chiang Kai-Shek Airport) – Boeing 747-400

Fatturi relatati ma' l-ajruport: **is-sinjali ma kkonformawx ma' l-istandards internazzjonali, ma kienx hemm xi dwal kritiċi fuq it-*taxiway* u r-*runway* jew inkella ma kinux qed jaħdmu**, ma tpoġġew l-ebda barrikati jew marki fil-bidu tar-*runway* il-magħluqa, l-ebda radar ta' l-art ma kien disponibbli għat-ATC biex jidentifika l-pożizzjoni ta' l-ajruplani.

05/01/2001 – Angola (Dundo) – Boeing 727-100

Fatturi relatati ma' l-ajruport: ix-xoffa tar-*runway* tinsab 'il fuq mill-angolu ma' l-orizzont tal-mitjar, **jitħallew jidħlu persuni fiż-żona ta' maġenb ir-*runway*, probabbli m'hemm l-ebda ħajt madwar l-ajruport, it-tul tar-*runway* iġiegħel lill-bdot biex jaġixxi b'mod speċifiku (jinżel f'daqqa wara t-threshold)**.

29/06/2004 – Mozambique (Vilanculos a/p) – Beech 200 King Air

Fatturi relatati ma' l-ajruport: l-ajruplan ma setax itella' veloċità biżżejjed minħabba **l-ħamrija ratba tar-*runway***.

23/08/2005 – Perù – Boeing 737-200

Fatturi relatati ma' l-ajrudrom: **m'hemmx dawl tar-RWY**.


10/12/2005 – Niġerja – DC-9-30

Fatturi msemmija inkludew: il-fatt li **d-dwal tal-mitjar ma kinux mixgħula**, seta' telf lill-bdot milli jara r-*runway*. Fattur kontributorju ieħor kien il-fatt li l-ajruplan kellu impatt mal-kanal tal-konkrit espost tad-drenaġġ li wassal għall-qerda tiegħu u n-nirien li ħadu sussegwentament.

2.3.1.6 *Ġrajjet prinċipali*

Ix-xenarju ta' inċident huwa deskritt permezz tas-sekwenza tal-każijiet li jwasslu għar-riżultat aħħari. In-numru ta' stadji deskritti jiddependi mill-profondità ta' l-investigazzjoni u n-natura ta' l-inċident. Għall-finijiet ta' l-analiżi, huwa importanti li wieħed jara l-ewwel każ jew dak prinċipali li jkun ta' bidu għas-sekwenza ta' l-inċident. Il-graf fi Stampa 5 tipprovdi informazzjoni dwar l-aktar każijiet prinċipali għall-inċidenti relatati mal-fażijiet tal-wasla (*approach*) / l-inżul (*landing*) u t-tluġ (*take-off*) tat-titjira:

L-aktar 9 tipi ta' każijiet prinċipali matul il-Wasla, l-Inżul u t-Tlugħ – Inċidenti



Stampa 5: L-aktar 9 każijiet prinċipali fi jew qrib l-ajrudromi


Id-dejta turi li fl-Ewropa hemm perċentwali ogħla ta' inċidenti li involvew inżul b'saħħtu (*hard landing*), qbiż tar-runway (*overruns*) jew tidwir żejjed (*over-rotations*) / ħbit tad-denb ta' l-ajruplan (*tail strikes*). Din hija konformi ma' l-istampa akkwistata diġà bl-użu tal-kategoriji ta' l-inċidenti.

Fl-istess ħin, id-dejta turi li l-Ewropa għandha sehem ħafna anqas ta' inċidenti li jinvolvu telf ta' kontroll fit-titjira u ħbit ma' terren/ostakoli, għal ajruplani 'l fuq minn 2250 Kg ċċertifikati MTOM. Madankollu, ir-Rapport Annwali dwar is-Sigurtà 2005 ippubblikat mill-EUROCONTROL, li ffoka fuq il-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (ATM) u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS), ma jiddiskriminax kontra l-każijiet skond il-massa ta' l-ajruplani (tabilħaqq irrelevanti għas-Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru). Fih il-EUROCONTROL iġid li n-numru ta' Titjiriet Ikkontrollati għall-Inżul fuq l-Art (CFIT) fl-ECAC stabbilixxa madwar 30/sena. Dan it-tip ta' inċident, f'każijiet estremament rari jiġri lill-ajruplani kbar li jinżlu f'*runways* mgħammra bi gwida preċiża ta' strumenti tar-radju (e.ż. is-ILS) fil-pjani orizzontali u vertikali. Għalhekk għandu jkun osservat li r-riskju ta' CFIT xorta waħda qiegħed hemm b'mod sinifikanti għal *runways* u ajruplani żgħar, fejn it-teknoloġija tas-ILS hija għalja esaġerata jew sempliċiment mhux fattibbli biex tiġi implimentata.

2.3.1.7 Tipi ta' każijiet matul l-ipparkjar jew it-taxing

L-Istampa 6 hawn isfel tipprovdi deskrezzjoni tal-każijiet l-aktar frekwenti matul il-fażi ta' l-*istanding* u *t-taxing*:

L-aktar 7 tipi ta' każijiet matul it-taxing u l-istanding – inċidenti



Stampa 6: Is-7 tipi ta' inċidenti ewlenin matul it-taxing jew l-istanding

Jista' jiġi osservat li fl-UE 27+4 il-każijiet tas-sigurtà l-aktar frekwenti matul it-taxing jew l-ipparkjar huma l-ħbit ma' oġġetti fissi jew ma' tagħmir fuq l-art.

Dawn il-każijiet fl-ajrudromi jinvolve wkoll spejjeż sinifikanti. L-istimi pprovduta mid-Dipartiment ta' l-Aġenzija għall-Analiżi tas-Sigurtà u r-Riċerka mhux qed ikopru dawn l-ispejjeż kollha billi mhux il-każijiet kollha jinvolve korrimenti li jkunu ġew irreġistrati minħabba limitazzjonijiet fl-obbligi ta' rappurtar ta' l-ICAO. L-ispiża relatata mal-ħsara ta' l-ajruplan involut hija wkoll sinifikanti imma ma tistax tiġi stmata direttament bl-EASA, billi din l-informazzjoni ma tinsabx fir-rapporti ta' l-inċidenti.

Madankollu, minbarra d-dejta li tinsab fid-databases ta' l-ICAO u l-EASA, dejta dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni tista' tinsab ukoll fuq il-websajts pubbliċi. Fosthom fl-2003 il-

Fondazzjoni għas-Sigurtà tat-Titjiriet⁶ (FSF: organizzazzjoni internazzjonali indipendenti bla qligħ) nieda l-programm għall-Prevenzjoni ta' l-Inċidenti fuq l-Art (GAP), minħabba r-relevanza li l-inċidenti fuq ir-*ramp* jew it-*taxiway* kienu assumew. Fil-31 ta' Lulju 2007 kienet preżenti fuq il-websajt informazzjoni sommarjament miġbura f'kooperazzjoni mal-IATA. Għaldaqstant, il-FSF stmat madwar 27,000 każ ta' sigurtà (inċidenti) kull sena, fuq livell globali matul it-*taxing* jew l-*standing*. Dan kien ugwali għal madwar każ wieħed għal kull 1,000 partenza. Billi fl-ECAC hemm madwar 10,000 partenza aktar kull sena (jiġifieri 10 miljuni), jista' jiġi stmat li f'dik iż-żona jseħħu madwar 10.000 inċident kull sena, fuq l-*apron* jew matul it-*taxing*, li bejn wieħed u ieħor huwa 1/3 anqas mit-total globali.

Il-FSF stmat ukoll li l-ispiża assoċjata tal-ħsarat (anke inċident minuri jista' jwassal f'tiswijiet għalja ta' l-ajruplan, u saħansitra f'interruzzjoni ta' l-iskeda u l-ħin li l-ajruplan iqatta' fuq l-art biex jissewwa, bit-tnejn li huma aktar għaljin minn ta' l-ewwel) hija fir-reġjun ta' 10,000 miljun US \$/sena globalment, li tfisser spiża medja ta' 370,000 US \$/inċident. Jekk wieħed jassumi 1€ = 1.35 US \$ (fl-2006), l-ispiża medja ta' waħda minn dawk il-ġrajjet, tista' tlaħħaq madwar 270,000 EUR.

Għalhekk l-ispiża totali annwali ġewwa l-ECAC, ibbażata skond iċ-ċifri mogħtija mill-FSF, tista' tiġi stmata fil-medda ta':

$$\begin{aligned} 10.000 \text{ inċidenti fuq l-} \textit{apron} \text{ jew matul it-} \textit{taxing} \times 270,000 \text{ EUR} &= \\ &= 2,700,000,000 \text{ EUR} = 2700 \text{ Miljun EUR (2006)} \end{aligned}$$

Madankollu, id-dejta mogħtija mill-FSF m'hijiex dik uffiċjali. Għalhekk ikun prudenti li wieħed jassumi li dawn jistgħu jkunu stmati żżejjed. Għalhekk l-EASA se tikkunsidra spiża totali annwali mnaqqsa b'30% f'li ġej: jiġifieri $2700 - 30\% = 1890$ M€ (2006)/sena.

Imbagħad jitqies li ġewwa l-ECAC madwar 75% tat-titjiriet seħħew fl-UE 27 + 4; għalhekk 75% biss ta' l-ispiża totali għandha tiġi attribwita għal din iż-żona ġeografika: jiġifieri $1890 \times 75\% = 1417.5$ Miljun EUR (2006)/sena.

Ta' lanqas 80% miċ-ċifra t'hawn fuq tista' tiġi relatata ma' fatturi ta' l-ajruport (infrastruttura, tagħmir jew kull operazzjoni li tinkludi *ground handling*), billi l-każijiet eżaminati huma dawk biss li jseħħu matul it-tluġħ jew l-*standing*. Għaldaqstant biex nikkonkludu, fl-UE 27 + 4 jista' jiġi stmat li l-ispiża tal-ħsarat minħabba inċidenti ta' l-avjazzjoni li jseħħu matul it-*taxing* jew l-*standing* hija fir-reġjun ta' 80% ta' $1417.5 = 1134$ Miljun EUR (2006)/sena.


2.3.1.8 Każijiet relatati mar-runway

L-Istampa 7 hawn isfel turi r-rata (għal kull miljun partenza) ta' inċidenti relatati mar-*runway* matul il-fażi tat-tluġħ u l-inżul. Inċidenti relatati mar-*runway* jinkludu per eżempju devjazzjonijiet għal *ġor-runway*, devjazzjonijiet mir-*runway*, u ħbit ma' ostakoli fuq l-art. Għal din l-istampa, ir-rata ta' inċidenti għal operazzjonijiet kummerċjali kemm skedati kemm mhux skedati li seħħew fl-Ewropa ġeografika (li fost pajjiżi oħra tinkludi l-Federazzjoni Russa) hija mqabbla mal-bqija tad-dinja għas-snin 2000 sa 2005. Dan l-iskop intgħażel minħabba d-disponibbiltà ta' l-espożizzjoni ta' dejta.

Il-medja flessibbli meħuda fuq tliet snin għall-Ewropa turi xejra differenti meta mqabbla mal-bqija tad-dinja: ir-rata ta' inċidenti għad-dinja tidher li qed tiżdied, filwaqt li fl-Ewropa r-rata tidher li qed turi xejra kemmxejn 'l isfel. Possibbilment dan jista' jkun minħabba għarfien

⁶ http://www.flightsafety.org/gap_home

akbar wara l-inċident sfortunat f'Linate (08 Ottubru 2001) u l-EAPPRI (Pjan t'Azzjoni tal-EUROCONTROL għall-Prevenzjoni tad-Devjazzjonijiet għal ġor-*Runways*) li ġie wara, imma ma tinsab l-ebda dejta konkreta biex issaħħaħ din il-perċezzjoni. Imma għandu jiġi nnutat, li billi fl-Ewropa (esklużi r-Russja, imma inklużi t-42 Stat ta' l-ECAC) hemm kważi 10 miljun IFR titjira/sena, rata ta' inċident 1 għal kull miljun partenza, tfisser kważi 10 inċidenti relatati mar-*runway* (mhux neċessarjament fatali)/sena, bejn wieħed u ieħor inċident wieħed kull xahar: hemm xorta waħda skop wiesa' għal titjib, anki minħabba t-*tkabbir* kontinwu mistenni fit-traffiku ta' l-ajru.



Stampa 7: Rata ta' l-inċidenti relatati mar-*runway*

2.3.1.9 Ajruplani u ħelikopters taħt l-2250 Kg

Ebda dejta m'hi disponibbli fl-arkivju ta' dejta dwar is-sigurtà ta' l-ICAO dwar ajruplani jew ħelikopters b'Massa Massima ta' Tluġh (*Maximum Take Off Mass - MTOM*) ta' mhux aktar minn 2,250 Kg. Madankollu, l-ECAC tiġbor u tikkumpila dejta għal dawn l-inġenji ta' l-ajru żgħar, kif ukoll għall-*gliders*. Fil-perjodu ta' tliet snin ta' bejn l-2004 u l-2006, id-dejta imsemmija ta' l-ECAC turi li 2,034 inċident seħħu f'madwar 34 Stat (jiġifieri madwar 680/sena) li kienu jinvolvu ajruplani jew ħelikopters "żgħar" motorizzati, bħal dawk li tipikament jintużaw fl-avjazzjoni ġenerali f'ajrudromi minuri miftuħa għall-użu pubbliku. Minn dawk l-2,034 inċident, 138 seħħew waqt li l-ineġnju ta' l-ajru kien fil-fażi ta' *standing*,

387 matul it-tluġh u 793 matul l-inżul. B'kollox dawk l-inċidenti qatlu 494 persuna (madwar 167/sena). Għandu jiġi osservat li dan in-numru ta' fatalitajiet bħala medja huwa saħansitra akbar min-numru ta' fatalitajiet fis-sena kkawżati minn operazzjonijiet ta' l-ajru kummerċjali fl-UE, anki jekk dawn ta' l-ewwel huma inqas viżibbli għall-pubbliku, peress li l-inċidenti ta' inġenji ta' l-ajru żgħar ma jattirawx daqstant attenzjoni mill-mezzi tax-xandir. Fil-futur, l-emerġenza ta' Ġettijiet Ħfief Ħafna (*Very Light Jets*) hija mistennija li ġġib operazzjonijiet relattivament kumplessi u veloċi anki f'ajrudromi minuri miftuħa għall-użu pubbliku. Dawk l-operazzjonijiet, jekk ikunu jinvolvu servizzi ta' *air taxi*, jappartjenu għas-servizzi ta' trasport bl-ajru kummerċjali. Bħala konklużjoni, is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ħafifa li tuża ajrudromi minuri, meta wieħed iqis il-figuri hawn fuq imsemmija u l-iżviluppi mistennija, ma jistgħux jiġu injorati.

2.3.1.10 Sommarju ta' l-analiżi dwar is-sigurtà ta' l-ajrudromi

Fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 1996 sal-31 ta' Diċembru 2005, fl-Ewropa seħħew madwar **413 inċident** lil ajruplani b'massa massima ta' tluġh ċertifikata ta' aktar minn 2250 kg **fuq jew qrib l-ajrudromi**. Fi tliet snin biss, mill-2004 sa l-2006, għall-inġenji ta' l-ajru aktar ħfief in-numru ta' inċidenti fuq jew qrib l-ajrudromi laħaq it-total ta' 1318. Dawn kienu jinvolvu xi **743 fatalità** (jiġifieri madwar 75/sena), 125 korriment serju kif ukoll 242 korriment minuri għall-inġenji ta' l-ajru aktar tqal. Il-maġġoranza tal-madwar 167 fatalità/sena kkawżati minn inġenji ta' l-ajru iżgħar ukoll iseħħu fuq jew qrib ajrudromi. Il-każijiet li jinvolvu korrimenti minuri biss ma jikkostitwixxux inċidenti rappurtabbli u m'humieq koperti. In-numru ta' korrimenti minuri msemija hawn fuq għandu x'jaqsam biss ma' korrimenti minuri soffruti f'inċidenti rappurtabbli.

Id-Dipartiment ta' l-Aġenzija għall-Analiżi tas-Sigurtà u r-Riċerka jistima li **l-ispiża totali relatata mal-fatalitajiet/korrimenti** waħedhom matul il-perijodu 1996-2005 kienet ta' madwar 1500 Miljun Euro/10 sena = **150 Miljun EUR/sena**.

B'xi 75% ta' l-inċidenti kollha jseħħu fuq jew viċin l-ajrudromi, il-messaġġ huwa ċar. Ir-Regolamenti m'għandhomx jinkludu biss aspetti relatati ma' l-operat ta' l-ajruplani imma għandhom jinkludu wkoll l-aspetti l-oħra kollha ta' l-industrija, inkluż il-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru u l-ġestjoni ta' l-ajrudromi.

Madankollu f'termini ekonomiċi, mhux l-ispejjeż kollha tal-fatalitajiet/korrimenti jistgħu jiġu attribwiti għall-fatturi ta' l-ajruport, billi jistgħu jikkontribwixxu wkoll anke l-operazzjonijiet ta' l-ajru, il-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru jew kawżi tekniċi ta' l-ajruplani. Biex jiġi vvalutat il-perċentwali ta' l-imsemmija spejjeż li jistgħu jiġu attribuiti għal kawżi ta' l-ajruport, li jaf ikunu disproporzjonati fil-kuntest tal-RIA preżenti, tkun tinħtieġ analiżi aktar profonda. Għalhekk wieħed qiegħed prudentement jassumi li 20% biss tat-total huwa dovut għal **kawżi relatati ma' l-ajruport: jiġifieri 30 Miljun EUR (2006)/sena**.

Din iċ-ċifra, għandha **tiżdied għall-1134 Miljun EUR/sena** minħabba ħsarat matul it-*taxing* jew l-istanding, stmati fil-paragrafu 2.3.1.7 hawn fuq.

Bħala konklużjoni jista' jiġi stmat li l-ispiża ta' l-inċidenti ta' l-avjazzjoni minħabba fatturi ta' l-ajruport (infrastruttura, tagħmir, operazzjonijiet) fl-UE 27 + 4, għal inġenji ta' l-ajru b'MTOM ta' aktar minn 2250 Kg, tilħaq total ta' madwar 1164 Miljun EUR/sena fl-€ 2006. Barra minn hekk, in-numru ta' vittmi li jirriżulta minn magni "żgħar", ukoll fil-perspettiva tal-firxa ta' operazzjonijiet ta' Ġettijiet Ħfief Ħafna (*Very Light Jet*), m'għandux jiġi injorat.

2.3.2 Il-Qafas Regolatorju

2.3.2.1 Il-qafas regolatorju globali: ICAO

Il-qafas regolatorju globali fir-rigward tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ġie stabbilit mill-ICAO, ibbażat fuq il-konvenzjoni ffirmata f'Chicago fl-1944. Is-27 pajjiż kollha ta' l-UE huma Stati kontraenti ta' l-ICAO, kif ukoll l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Is-sett ta' regoli, standards u prattiċi rrakkmandati (ICAO SARPs) jinsabu fl-*Annexes* tal-konvenzjoni msemmija, bl-Artikolu 44 tagħha jistabbilixxi li r-regoli u s-sistemi ta' l-avjazzjoni m'għandhomx ikunu implimentati jekk mhux standardizzati mill-ICAO. Għalkemm xi kultant dan il-prinċipju ma ġie osservat, xorta jibqa' s-sies bażiku biex tinħoloq interoperabbiltà globali. Madankollu għandu jkun innutat li dan jenfasizza l-interoperabbiltà teknika u operattiva u mhux ir-regolazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet li, fil-leġiżlazzjoni Ewropea għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, assumiet b'mod progressiv importanza mill-akbar.

Barra minn dan, l-ICAO ma tistax titqies bħala “regulator tas-sigurtà” reali tas-sistema ta' l-avjazzjoni. Fil-fatt, fil-leġiżlazzjoni bażika ta' l-EASA, ir-regolazzjoni tas-sigurtà tinkludi tliet kompiti prinċipali: jiġifieri t-tfassil tar-regoli, iċ-ċertifikazzjoni/is-superviżjoni/l-infurzar u l-istandardizzazzjoni. Filwaqt li l-ħidma prinċipali ta' l-ICAO hija llimitata għat-tfassil tar-regoli. Iż-żewġ ħidmiet l-oħra msemmija, minkejja l-programm globali ta' verifika (jiġifieri l-USOAP), jibqgħu bil-kbir responsabbiltajiet nazzjonali mhux ikkoordinati fil-qafas ta' l-ICAO.

L-implimentazzjoni attwali tas-ICAO SARPs hija mbagħad f'idejn id-deċiżjonijiet ta' l-Istat: Stat jista' jintroduċi standard fl-ordni legali tiegħu, imma jista' “jinnotifika” wkoll differenza lill-ICAO jekk ikun mixtieq. Id-devjazzjonijiet minn prattiċi rrakkmandati ma jinħtieġu lanqas l-ebda notifikazzjoni. Il-materjal kollu regolatorju mogħti mill-ICAO fil-fatt la jorbot legalment lill-Istati, lanqas ma hu interpretat jew applikat b'mod uniformi, u lanqas ma japplika immedjatament għal persuni ġuridiċi jew fiżiċi.

Ġewwa l-UE 27 + 4 dan iwassal mhux biss għal protezzjoni mhux uniformi taċ-ċittadini fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni, imma wkoll għal trattament mhux ugwali għas-suq intern.

Fi kliem ieħor, minkejja li l-Annessi ta' l-ICAO, inkluż l-Anness 14 dwar l-ajrudromi, ta' sikwit jinkludu dispożizzjonijiet operattivi u tekniċi tajbin li ppermettew l-iżvilupp ta' l-avjazzjoni ċivili fuq skala mondjali matul dawn l-aħħar sittin sena, il-qafas ta' l-ICAO jesebixxi n-nuqqasijiet prinċipali li ġejjin:

- L-ebda regola ma torbot tassew legalment;
- Ir-Regoli ta' spiss jispeċifikaw biss “x'hiex”, imma la “mingħand min” (jiġifieri organizzazzjoni), lanqas “kif” (e.ż. iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni mill-Awtoritajiet kompetenti);
- Jinħtieġu proċessi paralleli ta' traspożizzjoni legali f'kull Stat kontraenti, b'nuqqas ta' omoġeneità inerenti, differenza fil-perjodi ta' żmien u duplikazzjoni tax-xogħol.

2.3.2.2 Tfassil ta' Regoli u standardizzazzjoni fl-Ewropa

L-Istati Ewropej, minbarra li jappartjenu għall-ICAO, huma wkoll individwalment membri ta' organizzazzjonijiet oħra ta' l-avjazzjoni, bħall-ECAC, l-JAA, il-EUROCONTROL u l-GASR.

Il-Konferenza Ewropea għall-Avjazzjoni Ċivili bħalissa tikkonsisti f'42 Stat Membru li jkopru is-27 kollha ta' l-UE. L-għan tagħha huwa li tippromwovi l-iżvilupp kontinwu ta' sistema Ewropea ta' trasport bl-ajru b'sigurtà, effiċjenti u sostenibbli. L-ECAC toħroġ *riżoluzzjonijiet*,

rakkomandazzjonijiet u stqarrijiet ta' politika li għandhom jidħlu fis-seħħ mill-Istati Membri tagħha. B'mod differenti mill-ICAO, l-ECAC lanqas ma hi leġiżlatur ta' regoli dwar is-sigurtà.

Il-JAA kienu korp assoċjat ta' l-ECAC. Il-ħidma tiegħu kien it-tfassil ta' regoli u tabilħaqq żviluppa l-Obbligi Konġunti ta' l-Avjazzjoni (JARs) fl-oqsma tad-disinn u l-manifattura ta' l-ajruplani, l-operazzjonijiet u l-manutenzjoni ta' l-ajruplani, u l-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ. Imma l-JARs, bħas-ICAO SARPs, ma kinux jorbtu legalment, sakemm trasposti mill-Istati fl-ordnijiet legali rispettivi tagħhom. Preżentament it-trasferiment tal-funzjonijiet lill-Aġenzija, li qabel kien jitwettaq mill-JAA, jinsab fi stat avanzat.

Il-EUROCONTROL (li jkopri 38 Stat inkluż il-Montenegro) bħalissa jinsab ddedikat l-aktar għall-għoti ta' servizzi, l-għoti ta' funzjonijiet ċentrali, taħriġ, riċerka, kif ukoll l-ippjanar u l-immaniġġjar ta' programmi konġunti ta' żvilupp. Madankollu, qabel l-2004, huwa kellu rwol ta' tfassil ta' regoli (jiġifieri adotta u ppubblika l-Obbligi Regolatorji tas-Sigurtà tal-EUROCONTROL = ESARR), bl-istess karatteristiċi ta' l-ICAO u l-JAA. Fi kliem ieħor, filwaqt li l-funzjoni formali għat-tfassil ta' regoli, jiġifieri t-teħid ta' deċizzjonijiet li għandhom jorbtu lill-Istati Membri tal-EUROCONTROL hija l-attività speċjali tal-Kummissjoni Permanenti tal-EUROCONTROL, madankollu ma jeżistu l-ebda mekkaniżmi ta' infurzar legali, minħabba n-natura intergovernamentali ta' din l-Organizzazzjoni.

Wara l-adozzjoni tal-pakkett leġiżlattiv dwar is-"Ajru Uniku Ewropew" (SES) mil-leġiżlatur ta' l-UE, il-EUROCONTROL assuma r-responsabbiltà li jgħin lill-Kummissjoni Ewropea fl-iżvilupp li jimplementa regoli għal-oqsma tas-ANS u l-ATM, ibbażati skond "mandati" maħruġa mill-Kummissjoni nnifisha.

Barra minn dan il-EUROCONTROL qatt ma kellu l-awtorità li jiċċertifika sistemi jew japprova organizzazzjonijiet (inklużi b'mod partikolari s-sistemi tagħhom għall-ġestjoni tas-sigurtà).

Fl-1996 numru ta' Stati Ewropej stabbilixxew il-Grupp tar-Regolaturi għas-Sigurtà ta' l-Ajrudromi (*Group of Aerodrome Safety Regulators - GASR*), organizzazzjoni volontarja mingħajr identità istituzzjonali formali, li, permezz ta' ko-operazzjoni reċiproka, timmira għall-armonizzazzjoni tar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi li jinkludu kemm l-infrastruttura ta' l-ajruport u kemm l-operazzjonijiet ta' l-ajruport. L-għanijiet, l-istejtus legali u d-*deliverable* mill-GASR, li bħalissa jlaħħaq 28 Stat Membru, huma simili għal dawk ta' l-ICAO, il-JAA u l-EUROCONTROL, fil-qasam tar-regolazzjoni tas-sigurtà.

Bħala konklużjoni, kull regola, standard jew obbligu adottat u ppubblikat minn kull wieħed mill-organizzazzjonijiet intergovernamentali msemmija hawn fuq, ma tapplikax immedjatament sakemm trasposta legalment fuq livell nazzjonali.

Barra minn dan, l-ebda waħda minnhom qatt ma kellha l-awtorità li toħroġ ċertifikati jew approvazzjonijiet, lanqas setgħat ta' infurzar wara spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni.

Bil-kuntrarju l-EASA għandha tliet ħidmiet prinċipali skond ir-Regolament Bażiku 1592/2002:

- a) it-tfassil ta' regoli, inkluż l-iżvilupp ta' "Opinjoni" indirizzati lill-Kummissjoni, li jwasslu għall-implimentazzjoni ta' regoli applikabbli immedjatament u li jorbtu legalment ġewwa t-territorju ta' l-UE 27 + 4, mingħajr il-bżonn ta' traspożizzjoni fuq livell nazzjonali;
- b) il-ħruġ dirett ta' ċertifikati u approvazzjonijiet (għall-każijiet speċifikati fir-Regolament Bażiku) jew permezz ta' l-Awtoritajiet kompetenti ta' l-Avjazzjoni nnominati fuq livell nazzjonali;
- c) u l-kwalità u l-istandardizzazzjoni, permezz ta' spezzjonijiet ta' l-Awtoritajiet kompetenti u rappurtar lill-Kummissjoni, b'din ta' l-aħħar ikollha setgħat ta' infurzar.

Fl-2003 l-Aġenzija assumiet ir-responsabbiltà għall-ajrunavigabilità (*airworthiness*) u l-kumpattibbiltà ambjentali ta' prodotti ajrunawtiċi. Bħalissa l-proposta⁷ għall-estensjoni tal-kompetenzi tagħha għall-operazzjonijiet ta' l-ajru, l-ekwipaġġi tat-titjiriet u s-sigurtà ta' operaturi ta' pajjiżi terzi, hija fil-proċess ta' ko-deċiżjoni.

Jekk wieħed jassumi konklużjoni pożittiva ta' dan il-proċess, fl-UE 27+4:

- ir-regolazzjoni tas-sigurtà ta' numru ta' oqsma ta' l-avjazzjoni se tkun parti mill-ordni legali ta' l-UE (jiġifieri ma jkunx hemm bżonn għat-traspożizzjoni nazzjonali ta' regolamenti; il-ħidmiet eżekuttivi jkunu ddistribwiti fuq livell ċentrali, nazzjonali u lokali kif jixraq);
- l-ATM u s-ANS jibqgħu rregolati permezz tas-SES, li madankollu l-karatteristiċi tagħhom ma jaqblux perfettament mar-Regolament Bażiku ta' l-EASA;
- imma r-regolazzjoni tas-sigurtà legali ta' l-ajrudromi, xorta se tibqa' ħidma nazzjonali, minkejja li tkun ibbażata fuq standards u obbligi internazzjonali żviluppati minn numru ta' organizzazzjonijiet (e.ż. l-ICAO, il-GASR).

2.3.2.3 Il-qafas regolatorju fframmentat

Il-maġġoranza tal-persuni interessati kkonsultati mill-ECORYS matul il-valutazzjoni preliminari ta' l-impatt, qablu b'mod ġenerali jew parzjalment mal-problemi identifikati f'2.3.2.1 u 2.3.2.2 hawn fuq. Minkejja li mhux il-partijiet kollha qablu li r-regoli ta' l-ICAO ma jkunux jorbtu fil-każijiet kollha, tabilħaqq qablu li hemm lok sinifikanti għal differenzi fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni bil-mod fil-liġi nazzjonali.

Kwistjoni relatata hija li xi regoli ta' l-ICAO (speċjalment fil-qasam ta' l-ajruport) ġew iġġudikati bħala skaduti minn numru ta' persuni interessati, billi hemmhekk l-attenzjoni hija prinċipalment fuq hardwer (dwal, faxxi fuq ir-*runway*, etc.), filwaqt li dawn ir-regoli jonqsu milli jindirizzaw il-kwistjonijiet "anqas importanti" bħal operazzjonijiet, proċeduri u proċessi ta' superviżjoni, li qed isiru aktar importanti.

Il-perċezzjoni mill-persuni interessati, kif osservat mill-ECORYS fl-2005, kienet ukoll tal-proġett SESAR, li, fil-paragrafu 5.2.4.1 fid-"*Deliverable 3*" tiegħu (DLM-0612-001-01-00) li ħareġ f'Lulju 2007, stabbilixxa li l-leġiżlazzjoni Ewropea ta' l-avjazzjoni ċivili teħtieġ qafas regolatorju għas-sigurtà tul l-Ewropa kollha għal maniġment ta' tibdil li jstabbilixxi proċeduri stabbli u proċessi parteċipattivi. Biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' dan il-qafas, u biex jiżguraw ukoll l-implimentazzjoni b'suċċess tat-tibdiliet, is-SESAR identifika tliet rakkomandazzjonijiet prinċipali:

- l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ta' l-UE għandhom jinnominaw fuq livell Ewropew awtorità regolatorja għas-sigurtà li taġixxi wkoll bħala l-interface regolatorju għall-maniġment ta' tibdil u li tikkomunika mas-SESAR JU li għandu jiġi stabbilit sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-Fażi tad-Definizzjoni SESAR;
- L-awtorità regolatorja Ewropea għas-sigurtà nnominata għandha tiżviluppa proċedura (ta' eżami) għall-ġestjoni tat-tibdil, u fejn jixraq tipproponi emendi għal-leġiżlazzjoni Ewropea ta' l-Avjazzjoni Ċivili u għall-obbligi u arranġamenti regolatorji eżistenti għas-sigurtà;
- L-Aġenzija EUROCONTROL għandha tiżviluppa materjal konsultattiv b'mod

⁷ KUMM (2005) 579 finali tas-16 ta' Novembru 2005 adottata mill-Kummissjoni Ewropea.

armonizzat biex tgħin l-implimentazzjoni effettiva tal-ġestjoni tat-tibdil. Dan għandu jkun f'konformità ma' leġislazzjoni Ewropea eżistenti ta' l-avjazzjoni ċivili u obbligi regolatorji għas-sigurtà, li jiżgura Prattiku komuni.

Għalhekk l-Aġenzija tosserva li mir-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq żviluppata mis-SESAR, il-frammentazzjoni regolatorja eżistenti hija kkonfermata. Barra minn dan huwa ċar li l-Awtorità regolatorja proposta għandha tkun unika, filwaqt li m'hu previst l-ebda rwol regolatorju għall-EUROCONTROL.


Fl-istess direzzjoni l-Grupp ta' Livell Għoli (*High Level Group* - HLG) stabbilit mill-Kummissarju għat-Trasport Is-Sur Jacques Barrot fi tmiem l-2006, fir-Rakkomandazzjoni 1 li kienet tinsab fir-rapport finali tiegħu mogħtija f'Lulju 2007, issuġġerixxa li l-frammentazzjoni hija problema kbira fit-titjib ta' l-operat tas-sistema Ewropea ta' l-avjazzjoni. Billi dan jista' jiġi indirzzat biss fil-livell Ewropew, il-HLG rrakkomanda t-tisħiħ tar-rwol tal-Komunità Ewropea u l-metodu tal-Komunità bħala l-unika vettura biex tistabbilixxi l-aġenda tar-regolazzjoni għall-avjazzjoni Ewropea. Dan għandu jelimina wkoll duplikazzjonijiet bejn proċessi ta' l-UE u proċessi regolatorji oħra, b'hekk jiżgura strutturi indipendenti għar-regolazzjoni u l-ġħoti ta' servizzi, u b'hekk jiżgura li l-attivitajiet regolatorji tas-sigurtà jitwettqu indipendentament minn forom oħra ta' regolazzjoni (e.ż. dik ekonomika jew finanzjarja). B'mod aktar espliċitu, fir-Rakkomandazzjoni 6 tiegħu, il-HLG ssuġġerixxa li jiffoka l-EUROCONTROL fuq funzjonijiet neċessarji pan-Ewropej, id-disinn tan-netwerk ta' l-ATM, u l-assistenza għar-regolazzjoni kif mitlub mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, filwaqt li jittrasferixxi r-responsabbiltà għall-attivitajiet regolatorji dwar is-sigurtà lill-EASA. Finalment, fit-Rakkomandazzjoni 8 tiegħu, il-HLG talab lill-Kummissjoni biex tagħti s-setgħa lill-EASA bħala l-istrument waħdieni ta' l-UE għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, inklużi l-ajruporti u l-ATM. **Bħala konklużjoni, il-problemi li joħorġu mill-qafas regolatorju tas-sigurtà fframmentat ta' bħalissa u n-nuqqasijiet legali tal-metodu intergovernamentali, huma identifikati mhux biss mill-Aġenzija, imma wkoll mill-persuni interessati, mis-SESAR u mill-HLG.**

2.3.3 Organizzazzjonijiet u proċessi fuq livell nazzjonali

2.3.3.1 Separazzjoni tas-superviżjoni tas-sigurtà

Illum 28 Stat jappartjenu għall-Grupp tar-Regolaturi għas-Sigurtà ta' l-Ajrudromi (GASR) kif qed jintwera fl-Istampa 8 hawn isfel:

European Organisations for aviation safety



Stampa 8: Sħubija fil-GASR fir-rigward ta' organizzazzjonijiet oħra Ewropej

1 Kandidati għall-JAA

2 L-Alġerija, Il-Marokk u t-Tuniżija jinsabu fir-Reġjun AFI ta' l-ICAO, iżda huma servuti mill-Uffiċċju ta' l-ICAO EUR/NAT

3 L-Uffiċċju ICAO tal-Kajr (MID), huwa wkoll akkreditat ġewwa Ċipru, minbarra dak EUR

4 Il-Missjoni ta' l-Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo, parti addizzjonali assoċjata ta' l-ECAA

ORGANIZZAZZJONIJIET EWROPEJ GĦAS-SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI ICAO EUR (huwa biss uffiċċju reġjonali; l-Organizzazzjoni hija ICAO)

-L-Alġerija, Andorra, Il-Belarus, Każakistan, Kirgiżtan, Il-Marokk, Il-Federazzjoni Russa + Kaliningrad, San Marino, Taġikistan, It-Turkmenistan, It-Tunizija, L-Uzbekistan

- L-Armejnja, Monako, l-Ukraina, L-Ażerbajġan, Il-Ġeorġja

- Il-Moldova, It-Turkija

- L-Iżvizzera

- Is-Serbja, In-Norveġja, l-Iżlanda

-L-UNJONI EWROPEA – Il-Belġju, Ir-Repubblika Ċeka, Id-Danimarka, Il-Finlandja, Franza, Il-Ġermanja, Il-Greċja, L-Irlanda, L-Italja, Il-Litwanja, Malta, L-Olanda, Il-Polonja, Il-Portugall, Ir-Rumanija, Ir-Repubblika Slovakka, Spanja, L-Islovenja, L-Iżvezja, Ir-Renju Unit, L-Estonja, Il-Latvja, L-Awstrija, Il-Bulgarija, Ċipru, L-Ungerija, Il-Lussemburgu

- L-Albanija, Il-Bożnija Herzegovina, Il-Kroazja, L-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

- Il-Montenegro

- Il-Liechtenstein

ŻONA TA' L-AVJAZZJONI KOMUNI EWROPEA

Lulju 2007

25 Stat Membru tal-GASR jappartjenu wkoll għall-UE 27 + 4, l-imsejħa “sistema ta’ l-EASA”. Madankollu din ta’ l-aħħar tkopri 31 Stat. Fost is-6 Stati⁸, li jappartjenu għas-sistema ta’ l-EASA imma mhux għall-GASR, f’każ wieħed (Ċipru) il-Ministru tat-Trasport huwa wkoll responsabbli għall-immaniġġjar u l-operat ta’ l-ajruport. Ma nstabet l-ebda evidenza, fiż-żmien li kien qed jiġi kkompilat il-RIA preżenti, li f’dak l-Istat teżisti funzjoni separata għas-superviżjoni tas-sigurtà ta’ l-ajrudromi. L-impatt probabbli relatat tal-politika proposta huwa analizzat fil-paragrafu 2.8 hawn isfel.

2.3.3.2 Funzjonijiet operattivi mwettqa mill-Awtoritajiet pubbliċi

Fl-2007 il-GASR wettaq sħarriġ fost it-28 membru biex jiġbor informazzjoni dwar il-mod li bih is-settur ta’ l-ajrudromi huwa organizzat tul il-kontinent. Mir-riżultati jidher b’mod partikolari li f’ħafna każijiet, Awtoritajiet pubbliċi (Ministeru tat-Trasport, muniċipalitajiet lokali, amministrazzjonijiet reġjonali), korpi pubbliċi ta’ interess (e.ż. il-Kamra tal-Kummerè) jew intrapriżi fil-proprjetà ta’ l-Stat huma responsabbli mill-operazzjonijiet u l-ġestjoni ta’ l-ajrudromi, filwaqt li f’oħrajn, l-Awtoritajiet huma responsabbli biex iwettqu attivitajiet speċifiċi marbuta wkoll mar-rekwiżiti essenzjali proposti għas-sigurtà ta’ l-ajrudromi. Is-sejbiet l-aktar rilevanti ta’ l-imsemmi sħarriġ, fejn xi wħud minnhom jeħtieġu li jiġu inklużi fil-valutazzjoni preżenti, huma mniżżlin sommarjament fit-Tabella 12 hawn isfel:

⁸ L-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, L-Ungerija, il-Liechtenstein u l-Lussemburgu.

Liema entità hija responsabbli biex twettaq liema attivitajiet fl-ajrudromi				
Kategorija	Sejba prinċipali tal-GASR	ERs relatati	Jitlob analiżi ta' l-impatt	
			Iva/Le	Noti
Operazzjonijiet ta' l-Ajruport	Imwettqa minn entitajiet differenti f'każijiet differenti, bħal, per eżempju: <ul style="list-style-type: none"> • Gvern Reġjonali • Muniċipalitá Lokali • Kamra tal-Kummerċ • Intrapriża kummerċjali ta' l-Istat • Kumpanija fil-proprietá ta' l-Istat • Kumpanija Privata 	Kapitolu B	Le	L-ERs huma indipendenti min-natura statutorja ta' l-operatur ta' l-ajruport
	Responsabbiltá diretta ta' l-Istat: <ul style="list-style-type: none"> • L-Estonja (ftit) • L-Italja (ftit każijiet minuri) • In-Norveġja (ftit) • L-Iżvezja (ftit) • Il-Greċja (mhux kollha) 	Kapitolu B	Iva	Tapplika biss jekk il-funzjoni tas-superviżjoni tas-sigurtá ma tkunx separata (par. 2.8). L-ebda Stat Membru tal-GASR m'hu affettwat. Wieħed biss (jiġifieri Ċipru) huwa possibbilment affettwat fost l-UE 27 + 4.
Pjan ta' Emerġenza għall-Ajruport	Apparentament fi ftit każijiet dan il-pjan m'huwiex assorbit mill-Pjan ta' Emerġenza għaż-Żona Lokali; bħal e.ż. fi DK, EE, FR (Préfet), LT.	B.1.f	Le	F'kull każ l-operatur ta' l-ajruport huwa dejjem involut u għandu jkollu f'posthom proċeduri biex jitratta l-emerġenzi
	Fi ftit każijiet ir-responsabbiltá ta' l-Awtoritá mhux ta' operatur (e.ż. IT)			
Pjan ta' Emerġenza għaż-Żona Lokali	Meħtieġ diġà fil-maġġoranza l-kbira ta' l-Istati	Ċ.3	Le	Diġà implimentat fil-biċċa l-kbira tal-każijiet
RFFS fl-ajruport	Fil-maġġoranza tal-każijiet f'ajrudromi prinċipali pprovduti mill-operatur ta' l-ajruport. Eċċezzjonijiet huma GR u IT	B.1.g	Le	L-għażla ta' kliem ta' l-ER jobbliġa lill-operatur biex "juri"

Tabella 12: Sommarju ta' l-istħarriġ tal-GASR (2007)

Bħala konklużjoni huwa biss il-bżonn li wieħed jistabbilixxi responsabbiltá separata (ta' lanqas fuq livell funzjonali) għas-superviżjoni tas-sigurtá li jistħoqqlu l-attenzjoni f'din il-RIA.

2.3.3.3 Sforz preżenti għas-superviżjoni tas-sigurtá ta' l-ajrudromi

Fl-2006 is-servizzi tal-Kummissjoni, permezz tal-kollegi fil-Grupp tar-Regolaturi għas-Sigurtá ta' l-Ajruport (GASR), ġabru xi informazzjoni dwar it-totalità ta' l-isforz meħtieġ għall-firxa sħiħa ta' attivitajiet regolatorji għas-sigurtá ta' l-ajrudromi. L-informazzjoni, kif ikkonfermata mill-kollegi tal-GASR lis-servizzi tal-Kummissjoni, hija ppreżentata fit-Tabella 13 hawn isfel:

NRU	STAT	AJRUDROMI IĊĊERTIFIKATI (JEW IPPJANATI SABIEX JIĠU IĊĊERTIFIKATI DALWAQT)	Politika & Tfassil ta' Regoli	Ċertifikazzjoni & Superviżjoni	Total ta' staff professjonali
			1	4	5
2	Ir-Repubblika Ċeka		0.5	1.5	2
3	Id-Danimarka	36	1	5	6
4	L-Estonja	11	2	2	4
5	Il-Finlandja	28	1	3	4
6	Franza	70	7	122	129
7	L-Irlanda	28	1	2	3
8	L-Italja	50	10	25	35
9	Il-Latvja	8	0.5	1.5	2
10	L-Olanda	14	10	6	16
11	Il-Portugall	50	1	5	6
12	Ir-Rumanija	33	5	8	13
13	Ir-Repubblika Slovakka	8	1	2 + 1	4
14	L-Islovenja	67	0.5	2	2.5
15	Spanja	42	3	7	10
16	L-Iżvezja	99	4	8	12
17	Ir-Renju Unit	142	6	14	20
	TOTAL	701	54.5	219	273.5

Tabella 13: FTEs impjegati preżentament għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudrom

Id-dejta fit-tabella 13 hawn fuq hija mqarrba u parzjali. Madankollu tkopri firxa ta' sitwazzjonijiet differenti, bħal Stati “żgħar” jew “kbar”, u tradizzjonijiet kulturali differenti. Għalhekk, b'mod ġenerali huwa maħsub li din id-dejta **tikkostitwixxi kampjun suffiċjenti biex jiġi stmat in-numru ta' FTEs għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajruport taħt leġiżlazzjoni bħalissa fis-seħħ fuq livell tas-UE 27 + 4**, kif meħtieġ u suffiċjenti fid-dokument tal-RIA preżenti, skond il-prinċipju ta' l-analiżi proporzjonata.

Preżentament, per eżempju fir-Renju Unit, 6 FTEs huma mpjegati fil-politika u t-fassil tar-regoli għas-sigurtà ta' l-ajrudromi. Jintuża numru simili fi Franza. Fl-estrem l-ieħor, fl-CAA Latvjana għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi (jiġifieri t-fassil ta' regoli + ċertifikazzjoni + superviżjoni kontinwa) hemm biss 2 professjonisti biss. Għalhekk huwa stmat li fi Stat “żgħir” madwar 0.5 “Ekwivalenti għal Full Time” (FTE) biss jistgħu jintefqu kull sena għat-tfassil tar-regoli ta' l-ajrudromi. Bħala medja, għat-tfassil tar-regoli dwar is-sigurtà ta' l-ajrudromi, fl-2006 ġew impjegati madwar 54.5 FTEs minn 17 Stat = 3.2 FTEs/Stat. Jekk wieħed jimpjega l-istess medja ta' 3.2 FTEs f'kull wieħed mill-UE 27 + 4, dan iwassal għal **total ta' 99 FTEs għat-tfassil tar-regoli dwar is-sigurtà fl-ajrudromi fuq livell kontinentali**.

Intużaw madwar 219 FTEs għaċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' 701 ajruport fi 17 Stat. Għalhekk bħala medja jinħtieġ (701/219 = 3.2) 1 FTE wieħed f'Awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' f'it aktar minn 3 ajrudromi, taħt il-leġiżlazzjoni preżenti:

dan il-valur ta' **3.2 ajrudromi/spettur jista' jitqies il-“fattur tal-produttività”** preżenti fis-sezzjonijiet li ġejjin ta' din il-RIA.

Tista' ssir estrapolazzjoni ħarxa ta' din id-dejta għas-EU 27 +4 kollha billi wiehied jassumi madwar 41 ajruport (li għandom jiġu ċċertifikati)/Stat (jiġifieri 701/17) u għalhekk 1271 bħala total għat-territorju msemmi. Jekk wiehied jiddividi dan in-numru bi 3.2, in-numru rizzultanti ta' FTEs meħtieġa huwa ta' madwar 400.

Għalhekk, fil-RIA preżenti, se jintużaw l-estimi li ġejjin bħala “linja ta' bażi” (jiġifieri l-qagħda preżenti) li kontra tagħha jiġi stmat l-impatt ta' għażliet possibbli fil-futur :

- **99 FTEs meħtieġa għat-tfassil ta' regoli taħt il-leġiżlazzjoni preżenti (jiġifieri traspożizzjoni parallela ta' obbligi internazzjonali f'liġi individwali ta' l-Istat);**
- **1 FTE meħtieġ għaċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' 3.2 ajrudromi taħt ir-regoli preżenti (jiġifieri l-operazzjonijiet u l-ġestjoni jiġi kkontrollati f'kull ajrudrom), li tfisser 400 FTE fl-UE 27+4.**

2.3.4 Konklużjonijiet u ġustifikazzjoni għall-intervenzjoni ta' l-UE

Bħala konklużjoni, il-problemi identifikati u analizzati jiġġustifikaw l-intervenzjoni fuq livell ta' l-UE sabiex:

- tittejjeb is-sigurtà fi jew qrib l-ajruporti, fejn seħħew madwar 75% ta' l-inċidenti kollha ta' l-avjazzjoni matul l-aħħar għaxar snin, u li, fl-Ewropa biss, swew il-ħajja ta' 743 ruħ;
- Tittejjeb ukoll is-sigurtà f'ajrudromi miftuħa għall-użu pubbliku mill-avjazzjoni ġenerali, li n-numru tagħhom ta' fatalitajiet fis-sena huwa kumparabbli, jekk mhux akbar, minn dak tat-trasport bl-ajru kummerċjali b'ajruplani kbar;
- titnaqqas l-ispiża kawża ta' inċidenti ta' l-avjazzjoni kkaġunati parzjalment minn fatturi ta' l-ajruport (infrastruttura, tagħmir, operazzjonijiet) ġewwa l-UE 27 + 4, li tista' tiġi stmata fir-reġjun ta' 1164 Miljun EUR (2006)/sena;
- ikun hemm progress lejn qafas regolatorju konsistenti u mhux ifframmentat tas-sigurtà għall-UE 27 + 4, separat b'mod ċar mill-ġoti tas-servizzi u mill-investigazzjonijiet indipendenti ta' l-inċidenti, kif ukoll minn forum oħra jew regolazzjoni jew interventzjoni pubblika (e.ż. l-iffinanzjar);
- il-qafas regolatorju jkun aktar ibbażat fuq bażi legali aktar solida, konsistenti u uniformi aktar milli huma r-regoli jew l-istandards adottati u ppubblikati minn organizzazzjonijiet intergovernamentali;
- jiġi meħjun mill-bidu l-proġett tul l-Ewropa kollha SESAR, billi jingħatalha regolatur wiehied tas-sigurtà biex tikkomunika u taħdem miegħu;
- tintlaħaq ekonomija ta' skala fit-tfassil tar-regoli dwar is-sigurtà ta' l-ajrudromi u l-interoperabbiltà, li llum teħtieġ 99 FTEs f'kuntest globali ta' razzjonalizzazzjoni ta' l-ispiża tar-regolazzjoni tas-sigurtà.

2.4 Għanijiet u indikaturi

2.4.1 Għanijiet

L-estensjoni ppjanata tas-sistema ta' l-EASA qed tindirizza l-problemi li huma assoċjati, fir-rigward ta' l-ajrudromi, bl-organizzazzjoni ta' bħalissa għat-tfassil tar-regoli tas-sigurtà u nuqqas ta' standardizzazzjoni fis-superviżjoni tas-sigurtà mill-awtoritajiet kompetenti.

Għanijiet identifikati jistgħu jiġu kklassifikati skond it-tliet livelli normalment użati mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni ta' l-impatt, bħal:

- L-għanijiet **ġenerali**, li jirrappreżentaw l-għanijiet globali wesgħin tal-politika;
- L-għanijiet **speċifiċi**, li huma l-għanijiet l-aktar immedjati ta' l-inizjattiva leġiżlattiva pplanata li jikkontribwixxu biex l-għanijiet globali jintlaħqu. L-għanijiet ġenerali u speċifiċi huma influwenzati minn fatturi barra l-kuntroll dirett tal-Kummissjoni jew ta' l-Aġenzija u għalhekk xi kultant huwa diffiċli biex tkejjel;
- L-għanijiet **operattivi**, li huma relatati ma' l-*output* preċiż tal-proposta u li mbagħad jkunu jistgħu jiġu vvalutati jew saħansitra mkejla minn indikaturi xierqa.

L-għanijiet u l-indikaturi għall-estensjoni ta' l-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi huma ppreżentati fil-paragrafi li ġejjin 2.4.2 sa 2.4.5.

2.4.2 Għanijiet ġenerali

L-għanijiet soċjetali ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea huma deskritti fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u l-Istrateġija tal-Politika Annwali⁹, li min-naħa tagħhom huma bbażati b'mod wiesa' fuq l-“Istrateġija ta' Liżbona”, li huma:

- li l-Ewropa titpoġġa fit-triq tal-*prosperità*, li, minbarra li jinbena suq intern (li jinkludi wkoll il-faċilitazzjoni tal-mobbiltà tax-xogħol) ibbażat fuq il-kompetizzjoni ġusta, jkopri wkoll effiċjenza u effikaċja akbar tas-sistema tat-trasport, jgħin lis-SESAR, kif ukoll inaqqas l-ispiża ta' l-inċidenti u jnaqqas l-ispiża marbuta mar-regolazzjoni tas-sigurtà (l-ekonomija ta' l-iskala fit-tfassil ta' regoli ser tkun bejn wieħed u ieħor proporzjonata man-numru ta' ajrudromi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE);
- l-impenn ta' l-Ewropa lejn is-*solidarjetà* jiġi rinfurzat, li jinkludi li joffri liċ-ċittadini l-istess livell ta' protezzjoni tul it-territorju kollu ta' l-UE 27 + 4, inklużi l-avjaturi kollha li joperaw f'ajrudromi “miftuħa għall-użu pubbliku”;
- tissaħħaħ il-*protezzjoni* taċ-ċittadin f'termini ta' *sigurtà* u wkoll ta' sigurtà ta' trasport;
- dawn l-għanijiet jiġu pproġettati u promossi barra l-fruntieri ta' l-UE permezz ta' *vuċi aktar soda fid-dinja*, jew, bħal fil-każ tas-sistema ta' l-EASA (jiġifieri l-UE 27 + 4, imma miftuħa għal aktar adeżjonijiet), billi wieħed jespandi l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE għal Stati ġirien.

2.4.3 Għanijiet speċifiċi

L-għanijiet speċifiċi huma relatati ma' għanijiet speċifiċi tat-trasport bl-ajru, li huma meġhuna wkoll minn inizjattivi oħra bħall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew. F'aktar dettal, dawn l-għanijiet speċifiċi jistgħu jiġu identifikati mill-*White Paper* dwar il-politika Ewropea dwar it-trasport, ippublikata fl-2001 u r-reviżjoni tagħha f'nofs il-perijodu¹⁰ ppublikata fl-2006. Tabilħaqq l-estensjoni tas-sistema ta' l-EASA hija relatata mill-qrib ma' xi wħud minn dawn l-oġġettivi, dawk li minnhom japplikaw mniżżla sommarjament hawn taħt:

- Id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet ta' trasport li wieħed jista' jħallas għalihom u ta' kwalità għolja, biex jikkontribwixxu għall-fluss ħieles tan-nies, oġġetti u servizzi, ibbażati fuq regoli komuni, applikati b'mod uniformi u jkopru l-oqsma kollha ta' l-avjazzjoni;
- Livell għoli ta' mobbiltà offrut ukoll għan-negozji, li jimplika livell uniformi u ugwali għas-suq intern, fejn ma jkun hemm l-ebda ostakoli biex l-intrapriżi kummerċjali jstabbilixxu jew jespandu kullimkien fl-UE 27 + 4;

⁹ ara http://europa.eu.int/comm/atwork/programmes/index_en.htm

¹⁰ COM (2006) 314 finali tat-22 ta' Ġunju 2006 – “Inżommu lill-Ewropa miexja: Mobbiltà sostenibbli għall-kontinent tagħna”, ippublikat fi http://ec.europa.eu/transport/transport_policy_review/doc/2006_3167_brochure_en.pdf

- Il-promozzjoni ta' standards minimi u uniformi ta' xogħol, inkluż staff ikkwalifikat aħjar;
- Il-protezzjoni tas-sigurtà tal-passiġġieri u ċ-ċittadini, b'ta' l-ewwel tabilħaqq tkun l-għan ewlieni ta' l-inizjattiva proposta, inkluż it-tnaqqis ta' l-ispejjeż relatati ma' l-inċidenti li jseħħu matul it-*taxing* u l-*istanding*;
- Iż-żieda fl-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-sistema tat-trasport, li tinkludi ekonomija ta' skala u r-razzjonalizzazzjoni ta' l-ispejjeż tas-settur pubbliku relatat (e.ż. il-kuntroll tan-numru totali ta' FTEs meħtieġa fis-settur pubbliku; il-klassifikazzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi għal-Livell ta' Speċifikazzjonijiet tal-Komunità (CSs); korpi ta' valutazzjoni għal intrapriżi iżgħar; etc.);
- L-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet (e.ż. navigazzjoni bis-satellita) li jistgħu jżidu l-protezzjoni ta' ċ-ċittadini kullimkien, filwaqt li jnaqqsu l-ispejjeż assoċjati għall-introduzzjoni (e.ż. inqas tagħmir ta' l-art);
- Il-faċilitazzjoni ta' l-evoluzzjoni tat-teknoloġija, billi jiġu llimitati regoli li jorbtu u li jikkostrinġu bla bżonn;
- Il-pożizzjoni ta' l-UE fost l-aqwa fid-dinja, bil-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u bl-espansjoni taż-żona ta' l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni speċifika ta' l-UE.

2.4.4 Għanijiet Operattivi

Ovvjament l-għanijiet mistennija ta' l-estensjoni tas-sistema ta' l-EASA huma marbuta mill-qrib mal-problemi analizzati fil-paragrafu 2.3 ta' qabel. Fil-fatt il-politika magħżula hija biex tirrimedja jew ittaffi l-problemi eżistenti u biex twassal għal titjib. Għalihom hemm ukoll rabta qawwija ma' l-impatti li jiddeskrivu l-effetti mistennija ta' l-intervenzjoni, li wara jistgħu jiġu osservati u vvalutati *ex-post* (jiġifieri bit-tweġiba għall-mistoqsija: "l-intervenzjoni rnexxielha tirrealizza l-għanijiet kif iddefiniti fil-bidu?").

Għalhekk l-għanijiet operattivi huma relatati ma' l-azzjonijiet konkreti relatati ma' l-intervenzjoni proposta ta' l-UE. Wieħed jista' josserva jew ikejjel ir-riżultat tagħhom, u dan ir-riżultat jista' jiġi attribwit direttament ma' l-azzjoni mwettqa. L-ewwel xejn, dawn l-għanijiet operattivi osservabbli/li jistgħu jitkejlu huma:

- l-emendi tar-Regolament Bażiku ta' l-EASA 1592/2002 mil-leġiżlatur Ewropew;
- il-pubblikazzjoni ta' regoli implimentattivi komuni għal ajruport u operaturi ta' l-ajrudromi, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' Speċifikazzjonijiet tal-Komunità (CSs);
- l-istabbilment ta' organizzazzjoni operattiva;
- is-sorveljar kontinwu tas-sigurtà ta' l-ajrudromi;
- l-implimentazzjoni ta' relazzjoni mill-qrib mas-SESAR;
- it-tfaċċar fuq is-suq ta' operaturi ta' ajrudromi li jkollhom ċertifikat wieħed u jimmaniġġjaw aktar minn ajruport wieħed;
- l-istabbilment u l-implimentazzjoni ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fil-qasam ta' l-ajruport.

2.4.5 Indikaturi

Jistgħu jiġu identifikati rispettivament tliet livelli differenti ta' indikaturi:

- Indikaturi ta' *l-Eżitu*: imfissra f'termini ta' l-impatt aħħari mixtieq fuq is-soċjetà. Ġeneralment jitkejlu permezz ta' indikaturi globali u jistgħu jiġu nfluwenzati minn ħafna indikaturi jew politika oħra (e.ż. is-sigurtà ta' l-avjazzjoni); f'xi każijiet tkun diffiċli, jekk wara kollox possibbli, biex tikkorrela dawn ir-riżultati ma' l-estensjoni ta' l-EASA għall-ajrudromi;

- Indikaturi tar-*Riżultati*: i.e. għanijiet immedjati tal-politika proposta li għandhom bżonn jintlaħqu sabiex jilhq u l-għan ġenerali. Huma mfissra fl-effetti diretti u għal żmien qasir tal-miżuri taħt l-għażliet tal-politika u jistgħu jiġu nfluwenzati wkoll minn politika oħra (e.ż. il-politika SES li timmira wkoll li ttejjeb is-sigurtà ta' l-avjazzjoni);
- Indikaturi ta' l-*Output*: jiġifieri l-azzjonijiet preċiżi jew l-effetti diretti, li l-politika proposta bl-opinjoni ta' l-Aġenzija dwar il-kwistjoni, hija mistennija li tipproduċi. Is-suċċess huwa taħt il-kuntroll dirett tal-Kummissjoni u jista' jiġi vverifikat faċilment.

L-indikaturi jippermettu li jkun hemm sorveljanza ta' jekk, u kemm intlaħqu l-għanijiet. Huwa importanti li wieħed jiddefinixxihom minn qabel, billi dan jippermetti l-valutazzjoni ta' l-effetti prodotti mill-intervenzjoni proposta tal-politika. L-indikaturi fuq il-livell ta' l-għanijiet speċifiċi u ġenerali huma relatati mill-qrib mal-problemi u l-impatti mistennija, filwaqt li l-għanijiet operattivi jirriżultaw f'indikaturi aktar sempliċi u aktar osservabbli relatati mat-twettiq ta' l-azzjonijiet. L-indikaturi ta' l-eżitu, marbuta ma' l-għanijiet ġenerali u proposti mill-Aġenzija huma ppreżentati fit-Tabella 14 li ġejja:

Problemi Identifikati	Għanijiet ġenerali	Indikaturi ta' l-Eżitu
Bżonn li tittejjeb is-sigurtà ta' l-avjazzjoni fi jew qrib l-ajrudromi.	Il- <i>protezzjoni</i> taċ-ċittadin: is-sigurtà tat-trasport u ta' l-avjazzjoni.	Is-sigurtà fl-ajruporti kollha miftuħa għall-użu pubbliku.
Titnaqqas l-ispiża ta' l-inċidenti ta' l-avjazzjoni kkawżati ta' lanqas parzjalment minn fatturi relatati ma' l-ajrudromi.	<i>Prosperità</i> : it-tnaqqis ta' l-ispiża ta' l-inċidenti kkawżati ta' lanqas parzjalment minn fatturi relatati ma' l-ajrudromi.	L-ispiża tal-ħsarat ikkawżati minn inċidenti matul it- <i>taxing</i> u l- <i>istanding</i> .
Bżonn li jiġi l-qafas regolatorju tas-sigurtà ma jibqax wieħed frammentat.	<i>Vuċi aktar soda fid-dinja</i> ;	Influenza r-reviżjoni ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO.
	<i>Espandi</i> s-sistema ta' l-EASA lil hinn mill-UE 27 + 4.	Stati ġodda jissieħbu fl-EASA.
Bżonn li l-qafas regolatorju jinbena fuq bażi legali solida.	<i>Prosperità</i> : il-bini tas-suq intern u l-promozzjoni tal-mobbiltà tax-xogħol.	It-tfaċċar ta' operaturi ta' aktar minn ajruport wieħed.
	<i>Solidarjetà</i> : toffri liċ-ċittadini l-istess livell ta' protezzjoni ġewwa t-territorju ta' l-UE 27.	L-istabbilment ta' skemi ta' kompetenzi komuni għall-istaff ta' l-ajrudromi, li jwettaq ħidmiet relatati mas-sigurtà ta' l-avjazzjoni.
Bżonn li s-SESAR jiġi megħjun mill-bidu, mill-aspett regolatorju tas-sigurtà.	<i>Prosperità</i> : għajjnuna lis-SESAR bl-offerta ta' <i>interface</i> regolatorja ċara ta' sigurtà.	L-istabbilment ta' <i>interface</i> formali SESAR vs Aġenzija, filwaqt li tiġi rrispettata s-separazzjoni tar-rwoli.
Bżonn li jiġi razzjonalizzat l-isforz għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi.	<i>Prosperità</i> : it-tnaqqis ta' l-ispiża marbuta mar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi.	L-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' l-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi bl-użu ta' anqas minn 90 FTEs. Tnaqqis għal livell minimu tal-ħtieġa li jiġu mfassla regoli fuq livell nazzjonali.

Tabella 14: Problemi identifikati, għanijiet ġenerali u indikaturi tar-riżultat

Barra minn hekk, l-għanijiet speċifiċi jistgħu jkunu relatati mal-problemi analizzati fil-paragrafu 2.3 hawn fuq. Dawn, u l-indikaturi biex wieħed jissorvelja s-suċċess tagħhom, huma ppreżentati fit-Tabella 15 hawn isfel:

Problemi identifikati	Għanijiet speċifiċi	Indikaturi tar-riżultati
Il-bżonn li tittejjeb is-sigurtà ta' l-avjazzjoni fi jew qrib l-ajrudromi.	Applikazzjoni standardizzata ta' regoli komuni.	Estensjoni ta' l-ispezzjonijiet ta' l-istandardizzazzjoni għal-qasam ta' l-ajrudromi.
	Soluzzjonijiet ta' transport ta' kwalità għolja.	Implimentazzjoni ta' Sistemi ta' Ġestjoni mill-operaturi ta' l-ajrudromi kollha prinċipali.
	Protezzjoni tas-sigurtà ta' passiġġieri, avjaturi u ċittadini.	Indikaturi tas-sigurtà ta' l-Ajrudromi.
L-ispiża ta' l-inċidenti minħabba l-fatturi relatati ma' l-ajrudromi.	Tnaqqis ta' spejjeż relatati ma' l-inċidenti matul it- <i>taxing</i> u l- <i>istanding</i> .	L-ispiża tal-ħsarat ikkawżati minn inċidenti matul it- <i>taxing</i> u l- <i>istanding</i> .
Il-bżonn li l-qafas regolatorju għas-sigurtà ma jibqax wieħed frammentat.	Skop ta' leġislazzjoni ta' l-UE li tkopri l-oqsma kollha ta' l-avjazzjoni.	Emenda tar-Regolament Bażiku biex jinkludi l-ajrudromi.
	Regoli komuni ta' l-UE għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi.	L-adozzjoni ta' regoli implimentattivi għall-ajrudromi u l-operaturi ta' l-ajrudromi.
	Interoperabbiltà globali	L-inflwenza ta' l-evoluzzjoni ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO
	Parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali.	Parteċipazzjoni kostanti fl-attivitajiet tal-GASR.
	Tiġi mkabbra ż-żona ta' applikazzjoni ta' leġislazzjoni speċifika ta' l-UE.	Stati Ġodda jissiehu fl-EASA.
Il-bżonn li l-qafas regolatorju jitqiegħed fuq bażi legali solida.	Standardizzazzjoni aħjar ta' disinn u produzzjoni ta' tagħmir ta' l-ajrudromi.	Introduzzjoni ta' regoli għal tagħmir ta' l-ajruport u disinn u produzzjoni relatati.
	Mobbiltà offruta wkoll għan-negozji.	Introduzzjoni u esplojtazzjoni ta' ċertifikat ta' operatur ta' ajruport wieħed.
Il-bżonn ta' sostenn għal SESAR mill-bidu, mill-aspett regolatorju tas-sigurtà.	Standards ta' l-UE għal kwalifiki aħjar ta' l-istaff.	Stabbilment ta' skemi komuni ta' kompetenza għall-istaff ta' l-ajrudromi, li jwettqu ħidmiet relatati mas-sigurtà ta' l-avjazzjoni.
	L-introduzzjoni ta' kunċetti operattivi ġodda u innovazzjonijiet teknoloġiċi (e.ż. navigazzjoni bis-satellita).	Formalizzazzjoni ta' l- <i>interface</i> regolatorju.
Il-bżonn li wieħed jirrazzjonalizza l-isforz għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi.	Ekonomija ta' skala u razzjonalizzazzjoni ta' l-ispejjeż tas-settur pubbliku relatat.	Kjarifika tal-qafas għaċ-ċertifikazzjoni tan-navigazzjoni bis-satellita.
	L-inklużjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi fl-CSs u tiġi ffaċilitata l-evoluzzjoni tat-teknoloġija, billi jiġu llimitati regoli li jorbtu u sikkanti mhux neċessarji.	Ħafna anqas minn 90 FTEs ta' l-istaff ta' l-aġenzija għat-tfassil ta' regoli, standardizzazzjoni u analiżi tas-sigurtà għall-ajrudromi.
	Tingħata s-saħħa lill-korpi ta' valutazzjoni biex jiċċertifikaw ajrudromi iżgħar jew intrapriżi.	Staff disponibbli fl-Awtoritajiet kompetenti
		Inklużjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi fl-CSs.
	Jiġi emendat ir-Regolament Bażiku biex tingħata setgħa lill-korpi ta' valutazzjoni.	

Tabella 15: Problemi identifikati, għanijiet speċifiċi u indikaturi ta' riżultat

Finalment, l-għanijiet operattivi jistgħu jiġu assoċjati ma' numru ta' indikaturi osservabbli jew li jistgħu jitkejjlu ta' *output* ddettaljati, kif ippreżentat fit-Tabella 16:

Għanijiet operattivi	Indikaturi ta' l-Output
Emenda tar-Regolament Bażiku biex tkopri l-ajrudromi.	Opinjoni ta' l-Aġenzija mogħtija lill-Kummissjoni.
	Proposta leġiżlattiva adottata mill-Kummissjoni.
	L-ewwel qari mill-Parlament Ewropew.
	Pożizzjoni tal-Kunsill.
	It-tieni qari mill-Parlament Ewropew.
	L-adozzjoni ta' emendi.
Pubblikazzjoni tar-regoli implimentattivi għal ajrudromi u għal operaturi ta' ajrudromi, kif ukoll pubblikazzjoni ta' Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMCs).	Ippubblika l-ewwel NPA dwar regoli implimentattivi għall-ajrudromi.
	Ippubblika l-ewwel NPA dwar regoli implimentattivi għall-operaturi ta' l-ajrudromi.
	Ipubblika l-ewwel CRD dwar regoli implimentattivi għall-ajrudromi .
	Ipubblika l-ewwel CRD dwar regoli implimentattivi għall-operaturi ta' l-ajrudromi.
	Agħti l-ewwel Opinjonijiet dwar regoli implimentattivi għall-ajrudromi.
	Agħti l-ewwel Opinjonijiet dwar regoli implimentattivi għall-operaturi ta' l-ajrudromi.
	Ippubblika l-ewwel sett ta' Speċifikazzjonijiet tal-Komunità (<i>Community Specifications – CSs</i>) ta' ajrudromi.
Stabbilment ta' organizzazzjoni operattiva.	Reklutaġġ ta' staff biex jilħqu 5 unitajiet għat-tfassil tar-regoli ta' l-ATM/ajruport sa l-2008.
	Reklutaġġ ta' staff għal analiżi tas-sigurtà fir-rigward ta' każijiet ta' l-ajrudromi.
	Reklutaġġ ta' staff għal spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fil-qasam ta' l-ajrudromi sa l-2009.
	Innomina awdituri esterni kapaċi jipparteċipaw fi spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fil-qasam ta' l-ajrudromi.
	Inklużjoni ta' komunità ta' ajrudromi ġos-SSCC.
	Stabbilment ta' grupp b'esperti esterni biex jabbozzaw regoli implimentattivi.
	Akkreditazzjoni ta' l-ewwel korp ta' valutazzjoni.
Sorveljanza kontinwa tas-sigurtà ta' l-ajrudromi.	Inklużjoni ta' analiżi tas-sigurtà ta' l-ajrudromi fl-eżami annwali tas-sigurtà mill-2008.
Relazzjoni SESAR	Valutazzjoni ta' <i>deliverables</i> tas-sigurtà tas-SESAR.
Ċertifikat ta' Operatur ta' Ajruport Wieħed	It-tfaċċar fuq is-suq ta' operaturi ta' ajrudromi li jkollhom ċertifikat wieħed u jimmaniġġjaw aktar minn ajruport wieħed.
Stabbilment u implimentazzjoni ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fil-qasam ta' l-ajrudromi.	Stabbilment ta' proċeduri għall-istandardizzazzjoni fil-qasam ta' l-ajrudromi.
	Ippjanar ta' l-ewwel serje ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li jkopru wkoll il-qasam ta' l-ajrudromi.
	Wettaq l-ewwel spezzjoni li tkopri l-qasam ta' l-ajrudromi.

Tabella 16: Problemi identifikati, għanijiet operattivi u indikaturi ta' l-output

2.5 Għażliet disponibbli

2.5.1 Għażliet għall-valutazzjoni preliminari ta' l-impatt

Fil-valutazzjoni preliminari ta' l-impatt imsemmija fil-paragrafu 1.3.3 hawn fuq, imwettqa (permezz ta' kumpanija konsulent: ECORYS) fl-2005 mis-servizzi tal-Kummissjoni, tqiesu 5 għażliet alternattivi ġenerali:

- A) “ma tagħmel xejn” (jiġifieri ma tibdilx is-sitwazzjoni mistennija wara l-ewwel estensjoni tal-funzjonijiet ta' l-EASA: ir-responsabbiltà ta' l-EASA għall-ajrunavigabilità, il-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ tat-titjiriet u l-operazzjonijiet ta' l-ajru; l-Awtoritajiet kompetenti nnominaw livell nazzjonali responsabbli mis-ANS, inklużi fornituri ġewwa l-Ewropa kollha, u ajrudromi);
- **B) Estendi b'mod progressiv is-sistema ta' l-EASA fit-tfassil tar-regoli, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni għal-oqsma ta' l-ATM, tas-ANS u ta' l-ajrudromi;**
- Ċ) Estendi l-mekkaniżmu SES tal-mandati għall-EUROCONTROL għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi u aġti wkoll lill-EUROCONTROL ħidmiet fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjonijiet ta' l-istandardizzazzjoni;
- D) Stabbilixxi Aġenzija Ewropea totalment ġdida biex tgħin lill-Kummissjoni għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM, is-ANS u l-ajrudromi;
- E) Aġti wkoll lill-EASA “estiża” (skond l-għażla B) ir-responsabbiltà biex twettaq funzjonijiet speċifiċi operattivi ta' l-ATM (e.ż. Il-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru).

Dak l-istudju kkonkluda li l-Għażla B kienet dik ippreferuta, ibbażat skond l-analiżi tal-konsulent dwar l-impatti mistennija u megħjuna wkoll mill-ġudizzju tal-persuni interessati kkonsultati.

2.5.2 Għażliet ikkunsidrati fil-RIA preżenti.

Għalhekk l-għażliet A, Ċ, D u E, imniżżla hawn fuq, m'għandhomx bżonn jiġu vvalutati mill-ġdid fil-RIA preżenti. Min-naħa l-oħra, biex l-għażla B tiġi attwalment implimentata, għandhom jiġu vvalutati kwistjonijiet oħra importanti.

U tabilħaqq f'dan ir-rigward in-NPA 06/2006 inkludiet 9 mistoqsijiet, li assumew ukoll li l-għan aħħari kien l-implimentazzjoni ta' l-għażla B, li kienet diġà ġiet iġġustifikata u magħżula (mill-Kummissjoni¹¹) minn 2.5.1 hawn fuq.

Madankollu, fost id-9 mistoqsijiet imsemmija, tabilħaqq il-mistoqsija 2 inkludiet żewġ kwistjonijiet separati: l-adegwatezza f'termini ġenerali ta' rekwiżiti essenzjali proposti, imma wkoll l-alternattivi għar-rekwiżiti li jindirizzaw is-Servizzi tas-Salvataġġ u tat-Tifi tan-Nar (*Rescue and Fire Fighting Services* - RFFS). Tabilħaqq fid-CRD l-analiżi ta' dawn iż-żewġ kwistjonijiet differenti kienet diġà ġiet maqsuma. Għalhekk in-numru totali ta' mistoqsijiet li kien hemm fin-NPA għandu jitqies li kien 10. Fost dawk l-10 kwistjonijiet, fl-opinjoni ta' l-Aġenzija, 4 m'għandhomx bżonn li jkunu analizzati aktar f'termini ta' valutazzjoni ta' l-impatt.

¹¹ COM (2005) 578 finali tal-15 ta' Novembru 2005.

It-Tabella 17 hawn isfel tniżżilhom, inkluża r-raġuni għalfejn m'huwix meqjus meħtieġ li jkun hemm aktar analiżi ta' l-impatt:

Mistoqsijiet fin-NPA 06/2006		Raġuni għalfejn ma jiġux kkunsidrati għażliet alternattivi
N.	Test	
1	L-Aġenzija hija interessata li tkun taf jekk il-persuni interessati jaqblux li l-istabbilment ta' rekwiżiti essenzjali ddedikati u ta' livell għoli fuq livell tal-Komunità, huwix l-aħjar mezz biex jiġu stabbiliti l-għanijiet tas-sigurtà għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi.	Diġà vvalutata mill-KE permezz tal-ECORYS (jiġifieri l-paragun ta' għażla B vs għażla A = "ma tagħmel xejn"). Ma tinħtieġ iktar valutazzjoni.
2 dwar l-ERs	L-Aġenzija hija interessata li tkun taf jekk ir-rekwiżiti essenzjali meħmuża jissodisfawx attwalment il-kriterji żviluppati hawn fuq, u jekk jikkostitwixxux bażi tajba għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi meta wieħed iqis l-iskop previst.	Ġudizzju kwalitattiv dwar l-ERs. L-ebda għażla alternattiva rilevanti identifikata.
5	L-Aġenzija tkun interessata tkun taf il-fehmiet tal-persuni interessati fir-rigward ta': a) Il-bżonn ta' regoli implimentattivi ddetaljati biex jiffaċilitaw il-konformità murija bir-rekwiżiti essenzjali relatati mal-karatteristiċi fiżiċi u l-infrastruttura ta' ajrudromi żgħar? b) Il-bżonn ta' regoli implimentattivi ddetaljati biex jiffaċilitaw il-konformità murija bir-rekwiżiti essenzjali relatati ma' l-operat u l-ġestjoni ta' ajrudromi żgħar? ċ) Ir-relevanza f'dan il-kuntest tas-segregazzjoni proposta diġà fir-rekwiżiti essenzjali, bejn ajrudromi kbar u żgħar.	Possibbiltà miċħuda minn maġġoranza kbira ħafna ta' persuni interessati. L-unika għażla possibbli: IRs proporzjonati għall-ajrudromi kollha (kbar u żgħar). Ma jinħtieġ li wieħed janalizza alternattivi. RIA kif suppost se takkompanja kull regoli implimentattivi proposti fil-futur.
6	L-Aġenzija tkun interessata tkun taf il-fehmiet tal-persuni interessati fir-rigward ta': a) Il-bżonn li wieħed jitlob ċertifikazzjoni għall-verifika ta' konformità ma' l-obbligi relatati mal-karatteristiċi fiżiċi u l-infrastruttura ta' ajrudromi żgħar? b) Il-bżonn li wieħed jitlob ċertifikazzjoni għall-verifika ta' konformità ma' l-obbligi relatati ma' l-operat u l-immaniġġjar ta' ajrudromi żgħar? ċ) Ir-relevanza f'dan il-kuntest tas-segregazzjoni proposta diġà fl-obbligi essenzjali, bejn ajrudromi kbar u żgħar.	Possibbiltà miċħuda minn maġġoranza kbira ħafna ta' persuni interessati: jinħtieġ ċertifikazzjoni għall-ajrudromi kollha. Ma jinħtieġ li wieħed janalizza għażliet alternattivi għal ajrudromi żgħar.

Tabella 17: Kwistjonijiet fin-NPA 06/2006 li l-impatt tagħhom m'għandux bżonn li jiġi analizzat fid-dettal

Għas-6 kwistjonijiet li jifdal, bil-kuntrarju, jistgħu jiġu previsti soluzzjonijiet alternattivi. Dawn l-għażliet alternattivi huma mniżżla fit-Tabella 18 hawn isfel u għalhekk l-impatt tagħhom ikun analizzat fid-dettal, fil-paragrafi 2.6 sa 2.10 f'li ġej.

Mistoqsija fin-NPA 06/2006		Suġġett	Għażliet Alternattivi		Analizzat fil- paragrafu tal-RIA.
N.	Kwistjoni		Id.	Deskrizzjoni	
2 dwar is-RFFS	Rekwiżiti għas-servizzi tas-salvataġġ u tatti tan-nar (inkluża l-kompetenza ta' l-istaff).	Staff tas-RFFS	2A	Staff tas-RFFS irregolat b'mod ġenerali u mhux speċifikament għall-avjazzjoni.	2.10
			2B	Skema ta' kompetenza speċifika għall-avjazzjoni u rekwiżiti mediċi għall-istaff tas-RFFS.	
			2Ċ	Staff tas-RFFS irregolat ukoll permezz ta' regoli komuni ta' l-avjazzjoni amministrati mill-Awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari għas-saħħa medika.	
3	Ajrudromi mhux miftuħa għall-użu pubbliku suġġetti għal regoli komuni	Skop ta' regoli komuni	3A	Biss dawk l-ajruporti suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE.	2.6
			3B	L-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE.	
			3Ċ	L-ajrudromi kollha (anke jekk mhux miftuħa għall-użu pubbliku jew privat) suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE.	
4 + 9	Regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi.	Tagħmir ta' l-ajrudromi.	4A	Tagħmir ta' l-ajrudromi mhux irregolat fuq livell ta' l-UE.	2.7
			4B	Regoli komuni ta' l-UE (jiġifieri l-ETSO) għal tagħmir "mhux standard", implimentati permezz ta' dikjarazzjoni ta' konformità mill-manifattur u dikjarazzjoni ta' verifika minn operatur ta' ajruport.	
			4Ċ	Bħall-4B, imma l-ebda dikjarazzjoni ta' verifika m'hi meħtieġa, billi hija parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajruport.	
7	Ċertifikat wieħed ta' ADOC.	Proċess ta' ċertifikazzjoni.	7A	Proċess ta' ċertifikazzjoni (li jkopri l-infrastruttura u l-ġestjoni) mitlub f'kull ajruport	2.8
			7B	Ċertifikat individwali għall-infrastruttura u t-tagħmir għal kull ajruport, minbarra ċertifikat ta' organizzazzjoni fuq livell ta' kumpanija għall-kumpaniji kollha li joperaw aktar minn ajruport wieħed.	
			7Ċ	Bħas-7B, imma biss meta jintalab ċertifikat "wieħed" mill-operatur.	
8	Rwol ta' korpi ta' valutazzjoni		8A	Korpi ta' valutazzjoni akkreditati, minbarra Awtoritajiet kompetenti, intitolati biex jiċċertifikaw u jissorveljaw ajrudromi speċifiċi anqas kumplessi. L-applikanti jiddeċiedu lil liema entità li tiċċertifika għandhom jindirizzaw it-talba tagħhom.	2.9
			8B	Korpi ta' valutazzjoni akkreditati, minbarra Awtoritajiet kompetenti, intitolati biex jiċċertifikaw u jissorveljaw l-ajrudromi kollha. L-applikanti jiddeċiedu lil liema entità li tiċċertifika għandhom jindirizzaw it-talba tagħhom.	
			8Ċ	Korpi ta' valutazzjoni akkreditati biss intitolati biex jiċċertifikaw u jissorveljaw ajrudromi speċifiċi anqas kumplessi.	
9	Verifika ta' konformità għat-tagħmir ta' l-ajruport	Tagħmir ta' l-ajrudromi	Ara filliera 4 + 9 hawn fuq		

Tabella 18: Kwistjonijiet fin-NPA 06/2006 miftuħa għal għażliet alternattivi

2.6 Analiżi ta' l-impatti ta' l-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE

2.6.1 Għażliet Alternattivi

L-għażliet alternattivi li ġejjin għall-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE dwar is-sigurtà ta' l-ajrudromi ġew identifikati fil-paragrafu 2.5.2 hawn fuq:

- 3A): Biss dawk l-ajruporti (jiġifieri ajrudromi li jservu t-traffiku kummerċjali bl-ajru) suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE;
- 3B): L-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku suġġetti għar-regoli komuni ta' l-UE;
- 3Ċ): L-ajrudromi kollha (anke jekk privati u mhux miftuħa għall-użu pubbliku) suġġetti għar-regoli komuni ta' l-UE.

2.6.2 Il-grupp fil-mira u numru ta' entitajiet interessati

2.6.2.1 Ajrudromi

L-edizzjoni ta' bħalissa (emenda Nru 9 ta' 15/06/06) ta' **l-Anness 14 ta' l-ICAO** tiddefinixxi "ajruport" (fis-sens Ingliż ta' "aerodrome") bħala:

“Żona ddefinita fuq l-art jew l-ilma (inklużi bini, installazzjonijiet u tagħmir) ppjanata biex tintuża, kemm kollha kemm hi jew parti minnha, għall-wasla, it-tluq u l-moviment fuq l-art ta' l-ajruplani”

Id-definizzjoni ta' l-ICAO ta' ajruport (“aerodrome”) tista' titqies wiesgħa wisq, jiddependi skond l-interpretazzjoni tal-kelma “ppjanata”. Jekk “ippjanata” tfisser “primarjament iddedikata”, allura jiddaħħlu biss l-ajrudromi magħrufa ġeneralment. Imma, jekk “ippjanata” tfisser “legalment permessa”, jistgħu jitqiesu wkoll bħala “ajrudromi” numru ta' b'cejjeċ oħra ta' ilma jew art (e.ż. għadajjar fil-Finlandja; għelieqi tas-silġ fuq l-Alpi fejn skijers jitħallew jiżbarkaw minn ħelikopters; għelieqi bil-ħaxix fuq xi muntanja minn fejn *para-gliders* jistgħu jtitilqu; etc..).

Għalhekk inbidlet id-definizzjoni t'hawn fuq fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE¹², billi ġie introdott il-kunċett ta' “adattat faċilment”, li jirrestrinġi n-numru ta' siti li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' ajrudromi.

Fin-numru ta' dawk il-postijiet ta' nżul “adattati b'mod speċjali”, per eżempju bħalissa fl-Islovenja (Stat Membru “żgħir”), hemm madwar 60 ajruport, inklużi strixxi qosra bil-ħaxix użati biss mill-avjazzjoni rikreattiva. Fl-Italja (Stat Membru “kbir”) it-total huwa madwar 400. Bħala medja huwa assunt li hemm madwar 200 ajruport “adattati b'mod speċjali” għal kull Stat (inklużi dawk bl-iżgħar *runway* u l-aktar sempliċi), li jfisser madwar 6000 ġewwa l-UE EU 27 + 4. B'mod alternattiv, jista' jiġi osservat li meta wieħed jikkunsidra li hemm ukoll eliportijiet u elidekkijiet (e.ż. fuq is-soqfa ta' sptarijiet jew riggiġiet *off-shore* taż-żejt), **in-numru totali ta' ajrudromi “adattati b'mod speċjali” fl-Ewropa jista' jiġi stmat fil-medda ta' 7000, irrISPETTIVAMENT mill-proprjetà tagħhom jew jekk humiex miftuħa jew le għall-użu**

¹² L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 t'Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-*ground handling* fl-ajruporti tal-Komunità (*Ġurnal Uffiċjali L 272, 25.10.1996, paġni 0036-0045*).

pubbliku. Fi Franza, il-Ġermanja u l-Iżvezja, kważi l-ajrudromi kollha huma ppubblikati fil-Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika uffiċjali (*Aeronautical Information Publication - AIP*): rispettivament 441, 394 u 154. Fl-Italja madwar 100 biss jinsabu fl-AIP, iżda fil-fatt jeżistu 300 “*avio-surfaces*” aktar. Fil-Polonja, Stat kbir rappreżentattiv ta' l-Ewropa tal-Lvant, 77 ajruport huma preżenti fl-AIP. Bħala total, fi ħdan dawk il-hanes Stati wieħed jista' mbagħad jgħodd madwar 1466 ajruport. Skond il-ktejjeb statistiku ta' DG-TREN¹³, il-popolazzjoni f'dawk il-hanes Stati tammonta għal 249.439 miljun ruħ: b'hekk jeżistu 5.88 ajruport għal kull miljun ruħ. Skond l-istess ktejjeb, il-popolazzjoni totali ta' l-UE 27 +4, tista' tiġi stmata għal 503.500 miljun ruħ għall-2006. Jekk jiġi applikat l-istess proporzjon ta' 5.88/miljun, wieħed imbagħad jista' jistma, permezz ta' dan il-mezz alternattiv, numru totali ta' ajrudromi fil-medda ta' 3000. Ebda dejta uffiċjali aggregata preċiża m'hi ppubblikata dwar dan is-suġġett. **Għall-finijiet ta' din il-valutazzjoni ta' l-impatt, qed tittieħed bħala assunzjoni l-figura ta' 4500 ajruport bħala total** (jiġifieri l-medja bejn 6000 u 3000)

¹³ http://ec.europa.eu/dgs/energy_transport/figures/pocketbook/2006

Fl-estrem l-ieħor, skond l-istatistika tal-EUROCONTROL¹⁴, 42 ajruport li jinsabu għewwa l-UE 27+4, irregjistraw aktar minn 50,000 moviment fl-2006 kif imniżżel fit-tabella 19 hawn isfel:

N.	Ajruport	Nru ta' movimenti fl-2006
1	Pariġi/Charles de Gaulle	270,753
2	Frankfurt	244,467
3	Londra Heathrow	238,361
4	Madrid/Barajas	217,635
5	Amsterdam	217,561
6	Munich	203,785
7	Barcellona	163,857
8	Ruma/Fiumicino	157,906
9	Londra/Gatwick	131,914
10	Kopenhagen/Kastrup	129,137
11	Vjenna	128,773
12	Milan/Malpensa	125,712
13	Zurich	124,189
14	Brussell	123,736
15	Pariġi/Orly	116,833
16	Stokholma/Arlanda	113,364
17	Manchester	112,645
18	Ozlo/Gardermoen	108,034
19	Dusseldorf	107,090
20	Londra/Stansted	102,509
21	Dublin	95,554
22	Palma de Mallorca	94,995
23	Ateni	92,520
24	Helsinki-Vantaa	86,160
25	Praga/Ruzyne	80,164
26	Ġinevra	79,235
27	Hamburg	78,679
28	Cologne/Bonn	75,197
29	Stuttgart	75,106
30	Varsavja/Okecie	72,259
31	Berlin-Tegel	68,714
32	Liżbona	68,211
33	Nizza	68,198
34	Milan/Linate	64,891
35	Lyon/Sartolas	64,334
36	Edinburgh	62,448
37	Budapest/Ferihegy	62,360
38	Malaga	62,089
39	Birmingham	57,665
40	Las Palmas	57,001
41	Londra/Luton	55,038
42	Glasgow	52,332

Tabella 19: Ajruporti b'aktar minn 50,000 moviment fl-2006

¹⁴ Digest Annwali 2006 tal-EUROCONTROL eCODA.

Billi fis-snin li ġejjin it-traffiku huwa mistenni li jiżdied kważi b' mod b' saħħtu, it-numru totali ta' ajruporti "kbar" bħal dawn, b' aktar minn 50,000 moviment/sena, jista' jiġi stmat fil-madwar ta' 50. Imma l-ajrudromi kollha miftuħa għal traffiku kummerċjali bl-ajru skedat (li fl-Ewropa huwa dejjem internazzjonali minħabba l-implimentazzjoni tas-"seba' liberta") għandhom ikunu ċċertifikati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO, inklużi xi ajruporti (mhux inklużi fit-tabella ta' qabel) li jservu l-belt kapitali ta' xi Stat Membru ta' l-UE, bħall-Baltiċi, jew il-Bulgarija jew ir-Rumanija).

Barra minn dan, mill-aspett tas-sigurtà, inċident wieħed ta' ajruplan wieħed tal-passiġġieri kbir u modern jista' jikkaġuna madwar 100 vittma, u dawk l-imsejħa regoli komuni u l-qafas regolatorju għandhom jimmiraw biex inaqqsu dawn il-każijiet sfortunati, irrispettivament mit-tip u l-volum tat-traffiku kummerċjali (jiġifieri mikri (*charter*) frekwenti jew skedati).

In-numru stmat ta' ajrudromi affiljati mal-fergħa Ewropea tal-Kunsill Internazzjonali ta' l-Ajrudromi (ACI), meta wieħed jikkonsulta d-*database* ta' dik l-organizzazzjoni fit-02 t' Awwissu 2006, huwa madwar 350 fl-Istati ta' l-UE 27 + 4.

408 ajruport għandhom persuna li tinnomina (*designator*) fl-ICAO, skond l-abbozz (Awwissu 2006) tal-Pjan ta' Navigazzjoni bl-Ajru ta' l-ICAO EUR.

Finalment, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4.1 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 t'Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-*ground handling* fl-ajruporti tal-Komunità, kull sena il-Kummissjoni tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali l-lista ta' ajruporti miftuħa għat-trasport kummerċjali bl-ajru. Il-lista l-aktar riċenti, li tkopri l-UE 27, kienet ippubblikata fis-17 ta' Novembru 2006 f'paġna 13 tal-Ġurnal Uffiċjali Ċ 279. Id-dejta fit-Tabella 20 tista' tiġi estratta minn dak is-sors:

Ajruporti	Li t-traffiku annwali tiegħu: > 2 miljun passiġġier; jew > 50,000 tunnellata ta' merkanzija	1 sa 2 miljun passiġġier; jew 25,000 sa 50,000 tunnellata ta' merkanzija	Miftuħ għat-trasport kummerċjali bl-ajru	TOTAL
UE 27 (dejta mill-Ġurnal Uffiċjali)	95	49	464	608
Estimi għall-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera	5	11	76	92
TOTAL	100	60	540	700

Tabella 20: Numru ta' ajruporti miftuħa għat-trasport kummerċjali bl-ajru

Għaldaqstant għall-finijiet tal-RIA preżenti hija assunta stima ta' 700 ajruport disponibbli għat-traffiku kummerċjali bl-ajru minn ajruplani kbar.

Imma barra dan, jinħtieġ li jiġi stmat in-numru ta' ajrudromi "miftuħa għall-użu pubbliku": jiġifieri wkoll għall-avjazzjoni ġenerali, *taxi* ta' l-ajru jew xogħol mill-ajru, fin-nuqqas ta' trasport kummerċjali bl-ajru minn ajruplani kbar. It-terminu "miftuħ għall-użu pubbliku" huwa wżat ferm, imma mhux iddefinit mill-ICAO. Madankollu fid-*database* AIS tal-

EUROCONTROL, fit-02 t' Awwissu 2007, 2145 ajruport kienu preżenti, kif imniżżel fit-tabella 21 hawn isfel:

Stat	AJRUDROMI					TOTAL
	Pubbliċi	Privati	Militari	Konġunti Ċivili/ Militari	Klabbs ta' l-Ajru	
L-Awstrija	32	21	3	0	0	56
Il-Belġju	7	13	17	1	0	38
Il-Bulgarija	5	0	0	0	0	5
Ċipru	3	0	1	0	0	4
Ir-Repubblika Ċeka.	67	13	0	2	5	87
Id-Danimarka	29	12	1	3	0	45
L-Estonja	9	2	0	0	0	11
Il-Finlandja	38	44	3	0	0	85
Franza	345	51	29	3	13	441
Il-Ġermanja	212	176	0	4	2	394
Il-Greċja	38	1	17	2	0	58
L-Ungerija	9	0	0	0	0	9
L-Iżlanda	60	3	0	0	0	63
L-Irlanda	18	9	0	0	0	27
L-Italja	49	29	12	9	0	99
Il-Latvja	3	1	0	0	0	4
Il-Litwanja	7	0	0	1	19	27
Il-Lussemburgu	1	1	0	0	0	2
Malta	1	0	0	0	0	1
L-Olanda	15	0	9	1	0	25
In-Norveġja	45	1	7	4	0	57
Il-Polonja	8	14	23	0	32	77
Il-Portugall	28	2	7	0	0	37
Ir-Rumanija	18	0	0	0	0	18
Is-Slovakkja	8	0	1	0	7	16
Is-Slovenja	12	1	0	0	0	13
Spanja	87	3	3	9	0	102
L-Iżvezja	29	83	41	1	0	154
L-Iżvizzera	11	30	0	1	0	42
Ir-Renju Unit	72	71	5	0	0	148
TOTAL	1266	581	179	41	78	2145

Tabella 21: Ajrudromi fid-database AIS tal-EUROCONTROL

Iċ-ċifri li jinsabu fit-tabella hawn fuq mhux dejjem jaqblu ma' daww miġbura permezz tal-GASR, ikkonsultat informalment, li ġie ippreżentat fil-paragrafu 2.3.3.3 hawn fuq. B'mod partikolari jidher li fi Franza hemm pjanijiet biex jiċċertifikaw biss 70 ajruport minn 441 ajruport preżenti fl-AIP, filwaqt li r-Repubblika Ċeka tidher li qed tippjana biex tiċċertifika 9 ajruporti minn 87 magħrufa mal-EUROCONTROL. Bil-kuntrarju s-Slovenja bdiet turi r-rieda li tiċċertifika 67 ajruport, filwaqt li 13 biss huma magħrufa ma' l-AIS. Barra minn dan id-dejta t'hawn fuq tista' la tkun kompluta (e.ż. il-Bulgarija għandha 5 ajrudromi fl-AIS, filwaqt li l-Awstrija, li hija ta' dimensjonijiet kumparabbli, għandha 56) lanqas ibbażata fuq l-istess definizzjonijiet (e.ż. huwa magħruf li fl-Italja, minbarra d-99 ajruport fl-AIP, hemm mijiet ta' "avio-surfaces" kif iddefiniti fis-sistema amministrattiva tagħhom¹⁵).

¹⁵ Kif ippubblikati fuq il-websajt ta' l-ENAC fit-02 t' Awwissu 2007 : http://www.enac-italia.it/avioli/avio_00.asp

Madankollu, ċ-ċifri mogħtija hawn fuq joffru l-possibbiltà li jiġi stmat in-numru ta' ajrudromi miftuħa għall-użu pubbliku ¹⁶, bl-użu tad-definizzjoni proposta mill-Aġenzija. Jekk il-Kummissjoni jew il-leġiżlatur jimmodifikaw id-definizzjoni, in-numru affettwat jista' naturalment iwarja.

Huma mbagħad preżunt għal—finijiet ta' din l-RIA li:

- L-1266 ajruport pubbliku ċivili li bħalissa jinsab fl-AIP (jiġifieri 1266) se jiġi inkluż fid-definizzjoni komuni ta' "miftuħ għall-użu pubbliku";
- Il-581 ajruport privat diġà ppubblikat fl-AIP se jiddeċiedu biex jiġu inklużi fin-numru ta' ajrudromi "miftuħa għall-użu pubbliku", sabiex jattiraw aktar traffiku (ajrudromi privati oħra, mhux ippubblikati fl-AIP, jistgħu jiddeċiedu li ma jifihux għall-użu pubbliku);
- 179 ajruport militari se jkunu barra mill-iskop tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE, imma l-41 għall-użu konġunt ċivili/militari, se jkunu koperti;
- It-78 ajruport operat mill-Klabbs ta' l-Ajru se jiddeċiedu li jifihux għall-użu pubbliku u mbagħad ikunu fl-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE (fi kliem ieħor dan ifisser li wieħed jagħżel l-aġar każ għall-RIA preżenti f' termini ta' entitajiet milquta).

In-numru ta' ajrudromi "miftuħa għall-użu pubbliku" preżenti fl-AIP b'hekk hu: $1266 + 581 + 41 + 78 = 1966$. Madankollu, peress li numru konsiderevoli ta' ajrudromi miftuħa għall-avjazzjoni ġenerali mhumiex preżenti fl-AIP, **in-numru ta' ajrudromi "miftuħa għall-użu pubbliku" li jistgħu kunu soġġetti għar-regoli komuni proposti huma stmat fil-medda (AIP + 50%) ta' 3000 ajruport.**

Fir-rigward tat-3 għażliet identifikati f'2.6.1 hawn fuq, b'konklużjoni, in-numru stmat ta' ajrudromi li jaqgħu fl-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE huwa ppreżentat fit-Tabella 22:

GĦAŻLA		Numru stmat ta' Ajrudromi
Id.	Deskrizzjoni	
3A	Biss dawk l-ajruporti (jiġifieri ajrudromi li jservu servizzi kummerċjali bl-ajru skedati) suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE	700
3B	L-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku suġġetti għar-regoli komuni ta' l-UE	3000
3Ċ	L-ajrudromi kollha (anke jekk privati u mhux miftuħa għall-użu pubbliku) suġġetti għar-regoli komuni ta' l-UE	4500

Tabella 22: Ajrudromi fl-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE

¹⁶ "miftuħ għall-użu pubbliku" "miftuħ għall-użu pubbliku" tfisser li l-użu taż-żona u l-faċilitajiet ta' l-ajruport jistgħu jiġu ppjanati minn kull pilota-fil-kmand ta' titjira tat-Traffiku Ġenerali ta' l-Ajru (GAT), kemm minħabba li s-siġhat tal-ftuħ u s-servizzi disponibbli huma magħrufa mal-pubbliku, jew kemm minħabba punt ta' kuntatt, li mingħandu jiġi akkwistat permiss minn qabel, jiġi ppubblikat flimkien ma' informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku dwar l-ajruport, bil-kundizzjoni li l-ajruplan u l-kwalifiki tal-pilota jikkonformaw ma' kundizzjonijiet imposti biex jiżguraw is-sigurtà ta' l-operazzjonijiet."

2.6.2.2 Operaturi ta' l-ajruport

Il-kwistjoni ta' operaturi li jimmaniġġjaw aktar minn ajruport wieħed hija diskussa fil-paragrafu 2.8 hawn isfel.

Għall-fini tal-paragrafu 2.6 preżenti, għalhekk huwa assunt li hemm operatur wieħed għal kull ajruport. Fil-każijiet l-aktar sempliċi li jinsabu fin-numru totali ta' 4500 ajruport fl-UE 27 + 4, dan l-operatur jista' saħansitra jkun persuna fiżika waħda. Fil-każijiet l-aktar kumplessi, tista' tkun kumpanija li timpjega elf ruħ.

Madankollu għandu jiġi nnutat li l-Opinjoni ta' l-Aġenzija tissuġġerixxi sabiex l-obbligu għal Sistema formali ta' Ġestjoni (jiġifieri primarjament il-Ġestjoni tas-Sigurtà u l-Kwalità) jiġi mpost biss fuq l-operaturi ta' l-ajruporti li jservu servizzi kummerċjali ta' l-ajru skedati. L-impatt tar-regolazzjoni probabbli ta' l-UE fuq l-operaturi l-oħra se jkun minimu, billi huwa limitat biex idaħħal fil-liġi ta' l-UE l-aħjar prattiċi li fil-preżent huma diġà applikati bil-kbir.

Imbagħad huwa assunt li **n-numru ta' operaturi ta' l-ajrudromi affettwati b'mod sinifikanti minħabba l-impatt tal-proposta leġislattiva se jkun madwar 700**, jiġifieri daqs in-numru ta' ajruporti li jservu traffiku kummerċjali modern bl-ajru (IFR) permezz ta' ajruplani kbar. U huwa assunt li dan in-numru ma jinbidilx tul it-tliet għażliet identifikati.

2.6.2.3 Ground handlers ta' l-ajrudromi

F'kull ajruport miftuħ għal servizzi kummerċjali ta' l-ajru skedati, numru ta' kumpaniji tal-*ground handling* (kemm jekk huma l-linji ta' l-ajru nnifishom u kemm jekk huma kumpaniji speċjalizzati fil-*ground handling*), jistgħu joperaw, skond l-imsemmija Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE¹⁷. Bil-kuntrarju, fin-nuqqas ta' trasport kummerċjali bl-ajru, il-*ground handling* huwa normalment ir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport u ma teżisti l-ebda liġi biex tibdel dan. Għalhekk, dan li ġej japplika biss għall-għażla 3A (jiġifieri s-700 ajruport miftuħ għal servizzi kummerċjali bl-ajru skedati), fejn:

- F'ajrudromi "kbar" b'akbar minn 2 miljun passiġġier/sena (jew aktar minn 50,000 tunnellata ta' merkanzija/sena), jitħalla li jkun hemm suq ħieles u kompetizzjoni fir-rigward tal-*ground handling*;
- F'ajrudromi "medji" ta' 'il fuq minn 1 miljun passiġġier (imma anqas minn 2) jew 'il fuq minn 25,000 tunnellata ta' merkanzija, ta' lanqas żewġ kumpaniji differenti għandhom joffru *ground handling*;
- Għandu jitħalla s-"*self handling*" mil-linji ta' l-ajru f'kull ajruport "żgħir" miftuħ għat-trasport kummerċjali bl-ajru.

¹⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 t'Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-*ground handling* fl-ajruporti tal-Komunità (*Ġurnal Uffiċjali L 272*, 25/10/1996 P. 0036 – 0045).

Għalhekk jistgħu jiġu assunti l-istimi fit-tabella 23 hawn isfel, relevanti għall-għażla 3A:

Numru ta' ajrudromi	"Kbar"	"Medji"	"Żgħar"	TOTAL
	100*	60**	540	700
Numru medja ta' <i>ground handlers</i> kull ajruport	3.4	2	1 (<i>"self-handlers"</i>)	N.A.
TOTAL	340	120	540	1,000

* 95 magħduda fl-KUMM (2006) 821 finali ta' l-24 ta' Jannar 2007 – Rapport mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 t'Ottubru 1996.

** 49 magħduda *ibidem*

Tabella 23: Numru stmat ta' *ground handlers* għall-għażla 3A

In-numru stmat hawn fuq huwa qrib ħafna tan-numru ppublikat mill-Kummissjon fl-Anness E ta' l-imsemmija KUMM (2006) 821 ta' l-24 ta' Jannar 2007, sommarjament imniżżel fit-Tabella 24 hawn isfel:

Numru ta' <i>handlers</i> fl-UE 15						
Sors: SH&E limited, Ottubru 2002, riprodotta fl-Anness E ta' l-COM(2006) 821						
Kategorija	<i>Handlers terzi</i>		<i>Handlers</i>		TOTAL	
	Qabel id-Direttiva 96/67	Wara d-Direttiva	Qabel	Wara	Qabel	Wara
<i>Handling</i> tal-Passiġġieri	89	172	156	145	245	317
<i>Handling</i> tal-Bagalji	64	102	55	47	119	149
<i>Handling</i> tal-Merkanzija & Posta	116	155	80	83	196	238
<i>Handling</i> tar-ramp	73	113	62	60	135	173
<i>Handling</i> tal-Fjuwil u ż-Żejt	78	80	3	10	81	90
TOTAL UE 15	420	622	356	345	776	967

Tabella 24: *Ground handlers* fl-COM (2006) 821 mill-Kummissjoni

Madankollu għandu jkun innutat li d-dejta fit-Tabella 24 hawn fuq inġabret fl-2002, fejn tirreferi biss għall-UE 15 (jiġifieri qabel l-2004) u mhux għall-UE 27 + 4 li qed jitqiesu mill-RIA preżenti. Minn din il-perspettiva, u 5 snin wara, dawn jistgħu jitqiesu sstotalutati. Imma min-naħa l-oħra, id-dejta ġiet magħduda ajruport b' ajruport, filwaqt li l-*handlers* terzi jew il-*handlers*, jistgħu joperaw f'aktar minn sit wieħed. Minn din il-perspettiva dawn għandhom jitqiesu sovrastmati. Fi kliem ieħor qed jiġu assunti ż-żewġ effetti biex bejn wieħed u ieħor jibbilanċjaw lil xulxin, u b'hekk ir-riżultat numeriku finali ta' 1000 jitqies validu b'mod suffiċjenti.

Għalhekk in-numru totali ta' kompaniji tal-*ground handling* affettwati, applikabli għall-għażla 3A, huwa stmat li hu 1,000. L-ebda *ground handler* differenti mill-operatur ta' l-ajruport, m'hu se japplika għall-għażliet probabbli 3B u 3C.

2.6.2.4 Awtoritajiet kompetenti

L-Awtoritajiet kompetenti ta' l-avjazzjoni, magħżula mill-Gvernijiet nazżjonali, fil-preżent iwettqu żewġ ħidmiet prinċipali fir-rigward tas-sigurtà ta' l-ajrudromi:

- it-tfassil tar-regoli (jiġifieri t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO fl-ordni legali nazżjonali u l-integrazzjoni tagħhom);
- iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' l-ajrudromi (inklużi l-verifiki u l-ispezzjonijiet) ta' l-ajrudromi.

It-trasferiment tal-biċċa l-kbira tal-kompiti dwar it-tfassil tar-regoli għall-EASA huwa fl-iskop tal-proposta leġiżlattiva. Għall-kuntrarju, it-tieni komputu jibqa' r-responsabbiltà ta' l-imsemmija Awtoritajiet fuq livell lokali għal raġunijiet ta' prossimità. M'huwiex mistenni li l-EASA tkun involuta fiċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' l-ajrudromi.

Imma l-EASA, minbarra t-tfassil tar-regoli, se twettaq spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni (jew verifiki) ta' l-Awtoritajiet kompetenti. Imma l-Aġenzija u l-Awtoritajiet kompetenti lokali se jkunu affettwati bil-leġiżlazzjoni proposta.

Fiha, xejn ma jżomm lill-Istati biex jew jistabbilixxu Awtoritajiet konġunti kompetenti, jew li jiddelegaw ħidmiet ta' ċertifikazzjoni u superviżjoni lil Awtorità stabbilita minn Stat qarib. Madankollu fil-preżent m'hemm l-ebda evidenza li se jiġri dan. Bl-istess mod, Stat jista' jiddeċiedi li jinnomina Awtoritajiet kompetenti fuq livell reġjonali. Dan diġà huwa l-każ tal-Länder Ġermaniż. Fil-Ġermanja għalhekk huwa assunt li hemm 16-il Awtorità kompetenti minflok waħda. Meta wieħed iqis dan il-fatt, **fil-RIA preżenti huwa assunt li n-numru totali ta' Awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi fuq livell lokali ġewwa t-territorju ta' l-UE 27 + 4, ma jkunx madwar 30, iżda madwar 46 (31 – Il-Ġermanja + 16 Länder) u l-Aġenzija.**

2.6.2.5 Taqsira dwar l-entitajiet affettwati

Bħala konklużjoni, skond l-informazzjoni ppreżentata fis-sub-paragrafi 2.6.2.1, 2.6.2.2, 2.6.2.3 u 2.6.2.4 hawn fuq, in-numru ta' entitajiet interessati huwa stmat fit-tabella 25 hawn isfel:

GĦAŻLA		Numru stmat			
Id.	Deskrizzjoni	Ajrudromi	Operaturi ta' l-Ajrudromi ma' MS formali	Ground handlers	Awtoritajiet
3A	Ajrudromi biss (jiġifieri ajrudromi li jservu traffiku kummerċjali ta' l-ajru) suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE	700	700	1000	46 + Aġenzija
3B	L-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE	3000			
3C	L-ajrudromi kollha (anke jekk mhux privati u mhux miftuħa għall-użu pubbliku) suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE	4500			

Tabella 25: Ajrudromi fl-iskop tar-regoli komuni ta' l-UE

2.6.3 Impatt tas-Sigurtà

Bla dubju, qafas regolatorju aħjar, li jagħmel użu mir-riżorsi disponibbli b'mod aktar razzjonali, se jikkontribwixxi definittivament fit-titjib tas-sigurtà fl-ajrudromi fl-iskop tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE. Madankollu, ma jeżistu l-ebda għodod biex wieħed jikkwantifika b'ċertezza suffiċjenti dan l-effett għas-snin futuri fuq l-indikaturi tas-sigurtà ta' l-ajrudromi (e.ż. dawk imsemmija fil-paragrafu 2.3.1 hawn fuq). Madankollu, f'termini kwalitattivi, huwa stmat li l-estensjoni tar-Regolament Bażiku ta' l-EASA għall-ajrudromi, iwassal ukoll għall-impatti sinifikanti li ġejjin tas-sigurtà:

- titjib sinifikanti tal-kwalità taċ-ċertifikazzjoni u l-ħidmiet tas-superviżjoni mwettqa mill-Awtoritajiet kompetenti, permezz ta' l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mill-Aġenzija; dan japplika għat-tliet għażliet kollha;
- ir-rinfurzar tal-ġestjoni formali tal-kwalità u s-sigurtà għall-ajrudromi kollha, fit-territorju sħiħ ta' l-UE 27 + 4, li jfisser fitit titjib għall-għażla 3A (billi ħafna mill-ajrudromi koperti minn dik l-għażla diġà għandhom dawk l-għodda ta' ġestjoni);
- l-ajrudromi inklużi fl-għażliet 3B u 3C, għalkemm mhumiex obbligati li jimplementaw Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà sħiħa u formali, ser madankollu ikunu obbligati li jimplementaw il-miżuri għall-ġestjoni u għall-operazzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu B1 tar-rekwiżiti essenzjali. Kemm l-għażla 3B u 3C b'hekk ser ikollhom impatt ferm pożittiv f'termini ta' sigurtà. Madankollu, l-għażla 3B tinkludi ajrudromi "miftuħa għall-użu pubbliku" u b'hekk b'volum ta' traffiku akbar mill-kumplement inkluż fl-

għażla 3Ċ (billi din ta' l-aħħar tkopri wkoll ajrudromi privati mhux miftuħa għall-użu pubbliku). F'termini kwantitattivi ta' probabbiltà ta' aċċidenti jew inċidenti, l-għażla 3B b'hekk titqies bħala saħansitra aħjar minn 3Ċ;

- ċertezza legali aħjar dwar ir-regoli li għandhom jiġu applikati u identifikazzjoni aħjar ta' responsabbiltajiet relatati u proċessi biex tiġi vverifikata l-konformità; ukoll il-kwalità tar-regoli titjeb bil-konsultazzjoni sistematika tal-persuni interessati (ukoll l-industrija u l-operaturi minbarra l-Awtoritajiet) li hija karatteristika prinċipali tas-sistema ta' l-EASA. Din se tkun partikolarment rilevanti għall-għażliet 3B u 3Ċ, billi l-ajrudromi fit-3A huma normalment diġà suġġetti għal superviżjoni suffiċjenti; madankollu, kif osservat fil-paragrafu preċedenti, l-ajrudromi addizzjonali fl-għażla 3Ċ jservu numru addizzjonali negliġibbli ta' passiġġieri;
- xi difframmentazzjoni tal-qafas regolatorju, billi r-reqwiziti essenzjali proposti jimponu fuq l-atturi kollha involuti fis-sigurtà ta' l-ajrudromi biex jistabbilixxu *interfaces* formali u kkontrollati bejniethom. Dan se jkun ta' sinifikat kbir għall-għażliet 3A u 3B (fejn dawn l-*interfaces* jeżistu tabilħaqq), imma newtrali għall-għażla 3Ċ, minħabba li f'dawn is-siti ta' nżul iżgħar la hemm Kuntroll tat-Traffiku ta' l-Ajru, lanqas *ground handlers* kummerċjali. Madankollu għandu jitqies li fil-preżent madwar 1260 ajruport huma diġà ċċertifikati (jew ippjanati li jkunu ċċertifikati fl-UE 27 + 4): jekk dan in-numru huwa llimitat għal 700 biss (fl-ordni legali ta' l-UE l-Istati ma jstgħux jimponu obbligi addizzjonali minħabba li dan ifixkel il-kompetizzjoni) dan ikun jirrappreżenta rigress f'termini ta' sigurtà, relatata ma' l-għażla 3A, li imbagħad din ikollha titqies b'mod negattiv ħafna f'dan ir-rispett;
- L-EASA tista' tippromwovi l-preżenza u l-influenza ta' l-UE 27 + 4 fl-ICAO u l-GASR, li dawn min-naħa tagħhom jstgħu jwasslu għal effett marġinali f'termini ta' titjib tad-*deliverables* tagħhom; dan se jseħħ primarjament minħabba ċ-ċentralizzazzjoni tat-tfassil tar-regoli u l-analiżi tas-sigurtà, li ma tvarjax fit-tliet għażliet alternattivi possibbli;
- Is-sħubija ta' Stati ġodda għas-sistema ta' l-EASA se tikkontribwixxi għal sigurtà aħjar għaċ-ċittadini anke meta jkunu qed itiru 'l barra mill-UE 27 + 4 preżenti; madankollu f'termini ġenerali din l-espansjoni possibbli se tkun iddeterminata bl-attrazzjoni li se toħloq is-sistema tal-Komunità u, b'mod speċifiku aktar għall-EASA, bl-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema tagħha; fi kliem ieħor l-estensjoni ta' l-EASA għall-ajrudromi, se jkollha impatt newtrali f'dan ir-rigward, għat-tliet għażliet kollha identifikati;
- Fl-ajrudromi l-aktar kumplessi, fil-preżent hemm superviżjoni suffiċjenti implimentata mill-Awtoritajiet, li tinkludi wkoll is-superviżjoni ta' l-iskema ta' kompetenza ta' xi staff; madankollu l-opinjoni ta' l-Aġenzija tissuġġerixxi li jiġu introdotti skemi ta' kompetenza għall-istaff kollu li jeżegwixxi kompiti relatati mas-sigurtà ta' l-avjazzjoni fi jew qrib l-ajrudromi (e.ż. inklużi l-persuni kollha awtorizzati b'aċċess bla skorta għaż-żona ta' moviment), li jirriżulta fi ftit titjib għall-ajrudromi maġġuri (għażla 3A), fejn din il-prattika hija applikata diġà bil-kbir (e.ż. volontarjament mill-industrija tat-trasport bl-ajru). L-effett għall-għażla 3B ikun aktar sinifikanti, meta wieħed iqis li ż-żieda kontinwa fit-traffiku twassal għal aktar użu intensiv ta' xi ajrudromi li xi darba kienu "minuri", filwaqt li t-tfaċċar tal-*Very Light Jet* (VLJ) fuq is-suq jista' jwassal għal utilizzazzjoni akbar tat-taksi kummerċjali ta' l-ajru; tabilħaqq din ta' l-aħħar hija ta' sikwit servuta minn ajrudromi koperti mill-għażla 3B; għal raġunijiet ta' proporzjonalità, x'aktarx skemi kumplessi ta' kompetenza m'hux se jiġu imposti fuq l-ajrudromi minuri; għaldaqstant anke l-effett għall-għażla 3Ċ huwa biss ftit sinifikanti;
- Finalment iċ-ċentralizzazzjoni proposta tat-tfassil tar-regoli se twassal biex tillibera xi ftit mid-99 FTEs li huwa stmat li preżentament huma impenjati b'dan il-kompitu ġewwa l-UE 27 + 4 Stat; huwa assunt li xorta jkun jinħtieġ madwar 30 FTEs għat-tfassil tar-regoli ġewwa l-Istati (biex ikopru l-ajrudromi barra mill-iskop tal-

leġislazzjoni ta' l-UE u biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' regoli komuni); dan ifisser li madwar 70 (jiġifieri + 17% fuq l-400 stmati li huma disponibbli fil-preżent) FTEs jistgħu jiġu mċaqalqa fil-livell nazzjonali mit-tfassil tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni. Illum l-Istati jiffukaw ir-riżorsi tagħhom fuq l-ajrudromi prinċipali, għaldaqstant għall-għażla 3A l-effett ikun newtrali; bil-kuntrarju l-effett ikun sinifikanti għall-għażla 3B, fejn ir-riżorsi lliberati jistgħu jiġu indirizzati. Il-kwantita ta' dawn ir-riżorsi u r-relevanza soċjali fuq siti ta' nżul minuri jagħmel dan newtrali għall-għażla 3C.

Bħala konklużjoni, l-applikazzjoni tal-metodoloġija preżenti fil-paragrafu 2.1.2 hawn fuq (inkluż fattur ippeżat ta' 3 għall-impatti tas-sigurtà), u wara li jiġu magħżula l-indikaturi tar-riżultat applikabbli marbuta ma' għanijiet oġġettivi mill-paragrafu 2.4.5, il-punteġġi jistgħu jiġu attribwiti għall-impatt tas-sigurtà tat-tliet għażliet relatati mal-qies ta' l-iskop ta' l-emenda tar-Regolament Bażiku, kif ippreżentat fit-Tabella 26 li ġejja:

Indikaturi tar-Riżultat rilevanti għall-impatt tas-sigurtà ta' l-iskop tal-leġislazzjoni ta' l-UE	Punteġġ ta' l-għażliet		
	3A	3B	3C
Numru ta' ajrudromi koperti	700	3000	4500
Spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni ta' l-estensjoni	+ 2	+ 2	+ 2
Sistema ta' Ġestjoni minn operaturi prinċipali ta' l-ajrudromi	+ 1	+ 3	+ 2
Indikaturi tas-sigurtà ta' l-ajrudromi	+ 1	+ 1	+ 1
Ajraudromi f' regolazzjoni bażika	- 3	+ 3	0
Adozzjoni tar-regoli implimentattivi komuni	+ 2	+ 3	+ 2
Evoluzzjoni ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO	+ 1	+ 1	+ 1
Parteċipazzjoni f' attivitajiet tal-GASR	+ 1	+ 1	+ 1
Stati Ġodda li jissiehu fl-EASA	0	0	0
Skemi ta' kompetenza għall-istaff ta' l-ajruport	+ 1	+ 3	+ 1
Staff fl-Awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni	0	+ 2	0
TOTAL	+ 6	+ 19	+ 10
TOTAL IPPEŻAT (Punteġġ x 3 għas-sigurtà)	+ 18	+ 57	+ 30

Tabella 26: Punteġġ għall-impatt tas-sigurtà ta' l-estensjoni ta' l-iskop tal-leġislazzjoni ta' l-UE

2.6.4 Impatt ekonomiku

2.6.4.1 Spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mill-Aġenzija

L-estensjoni ta' l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mill-EASA lill-Awtoritajiet kompetenti (diġà stabbiliti għall-ajrunavigabilità) lill-qasam ta' ajruport, ser issir skond il-pjan ġenerali preżenti għal awditjar perijodiku, ibbażat fuq żjara waħda kull sentejn (frekwenza = 1: 2 = 0.5 żjarat/sena). Madankollu, barra dan, jistgħu jitwettqu spezzjonijiet ad hoc f' ċirkostanzi speċjali. Għalhekk il-frekwenza hija meħuda li hija 10% ogħla : 0.55.

Dawn iż-żjarat ġeneralment idumu 5 ijiem u jitwettqu minn tim ta' 3 awdituri, iddedikati għall-qasam ta' l-ajruport¹⁸. Fil-każ li jiswa l-aktar flus, it-3 awdituri jkunu mill-EASA. Dan l-agħar każ huwa kkunsidrat fl-RIA preżenti. L-isforz medju għal kull żjara ta' spezzjoni huwa għalhekk 5 ijiem x 8 sigħat x 3 persuni = 120 siegħa ta' xogħol.

Minħabba li l-frekwenza taż-żjarat kull sena kienet stmata li hija ugwali għal 0.55, dan ifisser (120 x 0.55) li bħala medja **huma meħtieġa madwar 66 siegħa ta' xogħol kull sena biex titwettaq żjara ta' standardizzazzjoni waħda mill-Aġenzija lil Awtorità kompetenti unika waħda, waqt il-perijodu ta' ppjanar ta' sentejn.**

Madankollu, skond ir-Regolament 736/2006 imsemmi, l-awdituri ta' l-ajrudromi ta' l-Aġenzija jkollhom ukoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-emendi tal-protokolli ta' l-awditjar u tal-kwestjonarji għall-awditjar. Barra minn hekk, huma jkollhom jikkontribwixxu għall-preparazzjoni ta' pjani, il-koordinazzjoni ta' żjarat u preparazzjoni għalihom, ir-rapportar dwar ir-riżultati u s-segwitu ta' kwalunkwe pjan għal azzjonijiet korrettivi possibbli. In-numru ta' sigħat ta' xogħol annwali meħtieġa sabiex l-Aġenzija tkun tista' tistandardizza Awtorità kompetenti waħda, huwa għahekk stmat li bħala medja huwa ta' l-inqas 3.5 darbiet ogħla (jiġifieri ġimġha għaż-żjara flimkien ma' 2.5 ġimġhat ta' ħidma assoċjata wara l-iskrivanija) mis-66 siegħa msemmijin hawn fuq.

Għalhekk $66 \times 3.5 = 231$ siegħa bħala medja huma meħtieġa kull sena mill-EASA għall-istandardizzazzjoni ta' Awtorità kompetenti waħda fil-qasam ta' l-ajrudromi, li jinkludu ż-żjara attwali u l-ħidma wara l-iskrivanija assoċjata qabel u wara ż-żjara.

Fil-baġit (Titoli 1 u 2) ta' l-Aġenzija għas-sena 2008, l-ispiża totali tal-personal (salarji + amministrazzjoni, iżda eskluż l-ivjaġġar) huwa ta' madwar 43.8 Miljun EUR, għal total medju ta' 338 persuna. Għalhekk 1 FTE fl-EASA tiswa madwar 130 k EUR/sena, meta jitqiesu wkoll Aġenti Temporanji fil-grad B, Aġenti b'Kuntratt, u Awżiljari. Madankollu l-personal rilevanti għal din l-RIA jikkonsisti l-aktar f'Aġenti Temporanji tal-Grad A. Għalihom hija stmata spiża 15% ogħla (jiġifieri 150 k EUR/sena). F'sena waħda (365 jum) hemm 52 Sibt u numru ugwali ta' Ħdud. Minbarra dan, iridu jiġu kkunsidrati madwar 30 jum ta' frank u 16-il festa pubblika. In-numru li jifdal ta' ġranet utli b'hekk hu: $365 - 104 - 30 - 16 = 215$ jum. Jekk nassumu li jkun hemm 5 ijiem għal mard u assenzi oħra, in-numru ta' ġranet nett rimanenti huwa ta' 210/sena. Jekk nassumu li jkun hemm 7.5 sigħat ta' ħidma kuljum, dan jirrappreżenta 1575 siegħa ta' ħidma fis-sena. Huwa preżunt li madwar 20% tas-sigħat huma ddedikati għal xogħol ta' rutina, ta' ppjanar, ta' rapportaġġ u xogħol amministrattiv ieħor, sabiex b'hekk in-numru ta' sigħat "fatturabbli" huwa madwar 1260. L-ispiża ta' siegħa waħda fatturabbli b'hekk hija (150,000/1260) fil-medda ta' 120€ għall-personal ta' l-Aġenzija (esklużi spejjeż rikorrenti li huma applikabbli biss għal attivitajiet ta' ċertifikazzjoni, li mhumiex rilevanti għall-iskopjiet ta' din l-RIA). L-ispiża ta' l-ivjaġġar hija stmata għal madwar 25 EUR/siegħa, peress li l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni jridu jkopru l-kontinent kollu inkluża l-periferija tiegħu. B'hekk l-ispiża totali ta' siegħa waħda fatturabbli f'din l-RIA hija preżunta li hi, għall-personal ta' l-Aġenzija, fil-medda ta' 145 EUR (inkluż l-ivjaġġar).

Bħala konklużjoni f'dan il-paragrafu u matul l-RIA preżenti, **1 FTE għall-Aġenzija hija meħuda li tirrappreżenta:**

- Spiża medja ta' 150,000 EUR fis-sena;

¹⁸ Skond l-Artikolu 6.1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar il-metodi ta' ħidma ta' l-EASA biex twettaq spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni, it-tim ta' l-awditjar ta' l-Aġenzija għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn 3 membri. 1 jew 2 membri jistgħu jkunu ssekondati mill-Istati Membri.

- **210 jum ta' xogħol** u 1260 siegħa fatturabbli, bi spiża ta' 120 EUR + 25 EUR għall-ivjaġġar fis-siegħa.

Fil-paragrafu 2.6.2.4 fuq, in-numru ta' Awtoritajiet involuti kien stmat bħala ugwali għal 46, u għalhekk għall-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni, il-piż annwali fuq l-Aġenzija ser jammonta għal:

- 231 siegħa x 46 Awtorità = madwar 10,626 siegħa fatturabbli /sena;
- dan, meta jiġi diviż b'1260, jirrappreżenta **madwar 9 FTEs fid-Direttorat għall-Approvazzjonijiet u l-Istandardizzazzjoni** (stat permamenti wara t-tranżizzjoni);
- Dan in-numru ta' spetturi jkun jitlob **ukoll Maniġer tat-Taqsima wieħed u assistent wieħed; u għalhekk in-numru ta' FTEs ser ikun 11**, li jwassal (x 150,000EUR) stima ta' spiża totali għall-Aġenzija ta' madwar 1,650,000 EUR/sena;

Madankollu, l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni jeħtieġu sforz ukoll mill-Awtoritajiet spezzjonati. Huwa preżunt li, bħala medja, huma ser jimpjegaw koordinatur wieħed għal kull 5 ijiem taż-żjara (= 37.5 siegħa ta' xogħol). Jekk timmultiplika 37.5 bil-frekwenza ta' 0.55 tasal għal 21 siegħa ta' xogħol kull sena li għandhom ikunu sostnuti minn kull Awtorità. Madankollu, anke l-Awtoritajiet ikollhom jimlew kwestjonarji u jipproduċu informazzjoni. Għalhekk huwa meqjus li bħala medja huma jkollhom jiddedikaw id-doppju tal-ħin = 42 siegħa ta' xogħol/sena li għandhom ikunu awditjati mill-EASA għall-qasam ta' l-ajrudromi. Bħala total, għas-46 Awtorità fil-kamp ta' applikazzjoni, dan jirrappreżenta:

- 42 siegħa x 46 Awtorità = madwar 1932 siegħa ta' xogħol/sena;
- jiġifieri madwar 1.5 FTEs għat-total ta' l-UE 27 + 4;
- jew, jekk tittieħed spiża medja tax-xogħol ta' madwar 110 EUR (2006) għal kull siegħa ta' xogħol (ebda spiża għall-ivvjaġġar għaliex l-Awtoritajiet huma spezzjonati fil-bini tagħhom) għall-UE 27 + 4 kollha (inklużi l-Istati ta' l-adeżjoni l-ġodda), l-ispiża ta' 1 FTE tammonta għal 138,600 EUR = madwar 207,900 EUR/sena għas-46 Awtorità involuti.

L-assunzjoni t'hawn fuq ta' spiża ta' madwar 110 EUR/siegħa għall-awtoritajiet hija ġġustifikata mill-fatt li d-dejta disponibbli għall-Aġenzija għaċ-ċertifikazzjoni, turi spiża medja għall-esperti ta' l-imsemmija awtoritajiet ta' madwar 9% inqas minn dik tal-personal ta' l-Aġenzija. U tabilħaqq jekk taqta' 9% mill-120 EUR (l-ispiża preżunta għall-Aġenzija) dan jirriżulta f'madwar 110 EUR/siegħa.

Bħala konklużjoni, l-ispiża biex ikunu estiżi l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni ta' l-Aġenzija għall-qasam ta' l-ajrudromi, meta jitqies li l-operaturi ta' l-ajrudromi mhumiex involuti direttament f'din l-attività jekk mhux okkażjonalment, tista' tkun stmata kif ippreżentata fit-Tabella 27 hawn taħt:

Parametru	Għall-Aġenzija	Bħala total għal 46 Awtorità kompetenti	Għall-operaturi ta' l-ajrudromi	TOTAL
FTEs	11	1.5	0	12.5
K EUR 2006	1,650	208	0	1,858

Tabella 27: Spiża stmata għal spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fil-qasam ta' l-ajrudromi

Din l-ispiża, ladarba n-numru ta' Awtoritajiet mhuwiex ser ivarja għall-għażliet 3A, 3B u 3C, hija meqjusa li mhux sejra tvarja.

2.6.4.2 Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi

Sabiex ikun ivvalutat l-impatt ekonomiku ta' l-estensjoni tar-Regolament Bażiku ta' l-EASA għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi, l-ewwelnett għandu jkun innotat li illum, l-ajrudromi (u l-operazzjonijiet tagħhom) huma diġà soġġetti għal żewġ saffi ta' regoli:

- dispożizzjonijiet ta' l-ICAO li jinsabu fl-Annessi għall-Konvenzjoni ICAO (l-aktar l-Anness 14) u dokumenti assoċjati jew Manwali tekniċi;
- leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà ta' l-ajrudromi, normalment mibnija fuq it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO msemmija fuq.

Madankollu, l-istandard ta' l-ICAO applikabbli (jiġifieri l-par. 1.4.1 tal-Volum I ta' l-Anness 14, applikabbli mis-27 ta' Novembru 2003) jeħtieġ biss li l-ajrudromi miftuħin għal traffiku ta' l-ajru internazzjonali (ftehim komuni li huwa transport bl-ajru kummerċjali minn ajruplani kbar) jkunu ċertifikati. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni tirrakkomanda (par. 1.4.2 tiegħu) li jkunu ċertifikati l-ajrudromi kollha miftuħin għal użu pubbliku. Fl-UE, abbażi tar-Regolament 2408/1992 dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport kummerċjali bl-ajru, l-ajrudromi kollha miftuħin għal transport kummerċjali bl-ajru huma wkoll miftuħin għal traffiku internazzjonali. Barra minn hekk il-moviment liberu tal-persuni fl-UE jimplika li l-ajrudromi kollha miftuħin għal użu mill-pubbliku huma wkoll miftuħin għal avjazzjoni ġenerali internazzjonali. Id-distinzjoni bejn "internazzjonali" u "miftuħ għal użu mill-pubbliku" magħmula mid-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO imsemmijin, tista' għalhekk ma tkunx rilevanti fl-UE, abbażi tal-leġiżlazzjoni diġà stabbilita.

Fi kliem ieħor id-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO (standard + prattika rakkomandata) diġà jimponu l-obbligu fuq ajrudromi ċertifikati (u servizzi relatati). Madankollu, ladarba la "miftuħ għal użu mill-pubbliku" mhijiex iddefinita mill-ICA, u lanqas l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni ma hija mandatorja, waqt li ma teżisti l-ebda liġi ta' l-UE sa issa dwar il-kwistjoni, sabiex tkun stmata l-ispiża tal-proposti mill-Aġenzija, huwa meħtieġ li preliminarjament issir valutazzjoni fir-rigward ta' kemm l-istandard u l-prattika rakkomandata mill-ICAO huma implimentati bħalissa fl-Istati UE 27 + 4: jiġifieri jkun ivvalutat kemm hemm ajrudromi li huma diġà ċertifikati (jew ippjanati li dalwaqt ikunu ċertifikati).

Abbażi tal-prinċipju ta' analiżi proporzjonata, l-informazzjoni miġbura permezz tal-GASR, għalkemm hija parzjali, qegħda tintuża. B'mod partikolari, in-numru ta' ajrudromi ċertifikati (jew dalwaqt mistennijin li jkunu ċertifikati), kif ippreżentat fil-paragrafu 2.3.3.3 fuq, huwa kkupjat fil-kolonna tal-lemin nett fit-Tabella 28 hawn isfel. Il-kolonna l-oħra jinkludu xi ftit mid-data mit-Tabella 21 preċedenti fil-paragrafu 2.6.2.1 preċedenti:

Stat	AJRUDROMI					
	Pubbliku	Privat	Ċivili/Militari Konġunt	Klabbs ta' l-Ajruplani	TOTAL	Imħabbar kif iċċertifikat*
Il-Belġju	7	13	1	0	38	6
Ir-Rep. Ċeka	67	13	2	5	87	9
Id-Danimarka	29	12	3	0	45	36
L-Estonja	9	2	0	0	11	11
Il-Finlandja	38	44	0	0	85	28
Franza	345	51	3	13	441	70
L-Irlanda	18	9	0	0	27	28
L-Italja	49	29	9	0	99	50
Il-Latvja	3	1	0	0	4	8
L-Olanda	15	0	1	0	25	14
Il-Portugall	28	2	0	0	37	50
Ir-Rumanija	18	0	0	0	18	33
Is-Slovakkja	8	0	0	7	16	8
Is-Slovenja	12	1	0	0	13	67
Spanja	87	3	9	0	102	42
L-Iżvezja	29	83	1	0	154	99
Ir-Renju Unit	72	71	0	0	148	142
TOTAL	834	334	29	25	1350	701

* jew li dalwaqt ikunu ċertifikati, minn membri tal-grupp ta' ħidma tal-GASR

Tabella 28: Tqabbil ta' ajrudromi ċertifikati apparagun man-numru totali

Mit-Tabella 28 hawn fuq, jista' l-ewwelnett ikun osservat li 17-il Stat diġà ċertifikaw (jew huwa ppjanat li dalwaqt jagħmlu dan) 701 ajruport. Meta jkunu kkunsidrati l-Istati li jifdal fl-UE 27 + 4 li għalihom m'hemm l-ebda dejta disponibbli, ladarba $31 = 17 + 80\%$, huwa stmat li bħalissa madwar $701 = 80\% = 1260$ ajruport huma diġà ċertifikati (jew ippjanati li jkunu ċertifikati ma jdumux) fl-UE 27 + 4.

Dan in-numru ta' 1260 huwa ferm akbar mis-700 ajruport ikkunsidrati fl-għażla 3A. Għalhekk għandu jittieħed li din l-għażla mhijiex ser timponi xi spiża addizzjonali fuq xi ħadd għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi.

Viċe versa, ladarba fil-paragrafu 2.6.2.1 fuq kienu stmati 3000 ajruport, li jkun hemm impatt fuqhom mill-għażla 3B, għaliha madwar 1740 ajruport addizzjonali (jiġifieri $3000 - 1260$ diġà ċertifikati) għandhom possibbilment ikunu ċertifikati. Dawn l-1740 ajruport huma madankollu l-aktar sempliċi fost it--3000 totali. L-isforz li jeħtieġu għaċ-ċertifikazzjoni (u żjarat perijodiċi segwiti sussegwenti) jista' għalhekk ikun stmat bħala medja ta' 2 spetturi mill-Awtorità kompetenti li jawditjaw is-sit għal jumejn ($= 4$ ijiem ta' xogħol $= 30$ siegħa ta' xogħol). Dan in-numru jista' jkun immultiplikat b'4 biex ikopri għall-preparazzjoni u l-attivitajiet ta' segwitu kollha, qabel iżjara oħra, b'mod simili għax-xogħol ta' wara l-iskrivanija stmat meħtieġ biex ikunu ppreparati u segwiti ż-żjarat ta' l-istandardizzazzjoni mill-EASA. Għalhekk għaċ-ċertifikazzjoni ta' ajruport wieħed, l-Awtorità kompetenti għandha tqatta' medja ta' $30 \times 4 = 120$ siegħa ta' xogħol. Għat-total ta' 1740 ajruport dan iwassal għal $208,800$ siegħa ta' xogħol $= (b' diviżjoni b'1260)$ għal madwar 165 FTE. L-aspetti soċjali ta' dan in-numru huma diskussi hawn isfel fil-paragrafu 2.6.7. Mil-lat ekonomiku huwa preżunt l-ispiża ta' FTE waħda tqum bħala medja għall-UE 27+4 kollha (inklużi l-Istati ta' l-adeżjoni l-ġodda) 138,600 EUR. **L-ispiża totali stmata għall-Awtoritajiet tar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni addizzjonali ta' l-**

ajrudromi li tirriżulta mill-għażla 3B hija għalhekk stmata għal 165 x 138,600 = 22,869,999 EUR.

Għall-operaturi ta' l-ajrudromi, l-isforz huwa stmat f'termini ta' persuna 1 x 2 ijiem waqt iż-żjara ta' l-awditjar (jiġifieri jumejn xogħol = 15-il siegħa), flimkien ma' 3 ijiem biex tinġabar u tkun ipprovduta informazzjoni lill-Awtorità: total ta' 5 ijiem = 37.5 siegħa. Dan, immultiplikat b'1740 ajruport iwassal għal total ta' 65,250 siegħa ta' xogħol, jiġifieri madwar 52 FTE. F'termini monetarji, jekk nassumu l-istess spiża bħal dik għall-awtoritajiet ta' 138,600 EUR/FTE, l-ispiża **għall-operaturi ta' l-ajrudromi fis-sena, fil-każ ta' l-għażla 3B tammonta għal 7,207,200 EUR.**

Fl-għażla 3C, il-komplessità ta' l-ajrudromi involuti (jiġifieri l-1500 addizzjonali fir-rigward ta' l-għażla 3B) hija saħansitra inqas. Huwa għalhekk preżunt li l-isforz għal kull ajruport wieħed addizzjonali jista' jkun fil-medda ta' 3/4 ta' dak stmat għall-għażla 3B, li jwassal għal:

- 90 siegħa ta' xogħol għal kull ajruport mill-Awtorità kompetenti;
- 28 siegħa għall-operatur ta' l-ajruport.

Għalhekk għall-Awtoritajiet, fil-każ ta' l-għażla 3C: 135,000 siegħa ta' xogħol minbarra l-208,800 stmati għall-għażla 3B, jiġifieri 343800 siegħa bħala total, u b'hekk madwar 273 FTE, u li jirrappreżentaw spiża stmata ta' 37,674,000 EUR fis-sena.

Għall-operaturi ta' l-ajrudromi, l-isforz addizzjonali stmat ser ikun 28 x 1500 = 42,000 siegħa ta' xogħol, li għandhom jiġu miżjuda mas-65,250 stmati għall-għażla 3B, li jwasslu għal total ta' 107,250 siegħa, jiġifieri madwar 85 FTE, u 11,730,000 EUR.

Bħala konklużjoni, l-ispiża addizzjonali taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi li tirriżulta mill-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Aġenzija għall-qasam ta' l-ajrudromi, filwaqt li jitqies li l-Aġenzija nnifisha mhux ser twettaq din l-attività direttament, tista' tkun stmata kif ippreżentata fit-Tabella 29 hawn isfel:

Parametru	Għall-Aġenzija	Bħala total ta' 46 Awtorità kompetenti	Għall-operaturi ta' l-ajrudromi	TOTAL
Għażla 3A = 700 ajruport				
FTEs	0	0	0	0
kEUR 2006	0	0	0	0
Għażla 3B = 3000 ajruport				
FTEs	0	165	52	217
kEUR 2006	0	22,869	7,207	30,076
Għażla 3C = 7000 ajruport				
FTEs	0	273	85	358
kEUR 2006	0	37,674	11,730	49,404

Tabella 29: Spiża addizzjonali stmata għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi

2.6.4.3 Sistema ta' Sigurtà u ta' Ġestjoni tal-Kwalità

Abbażi tal-leġiżlazzjoni proposta, l-operaturi ta' ajrudromi “kbar” mhux biss ser ikunu soġġetti għall-proċess ta' ċertifikazzjoni, iżda wkoll ser ikollhom il-mandat li jimplementaw sistema ta'

ġestjoni ta' (sigurtà u kwalità) (S+QMS), li tinkludi l-proċeduri interni kollha tal-kumpanija ta' l-operatur ta' l-ajruport kif deskritt fil-Manwal għall-Ajruromi relatat u li timmira lejn titjib kontinwu bbażat fuq ġbir u analiżi ta' dejta dwar is-sigurtà kontinwi.

Mill-ġdid għandu jkun innotat li l-paragrafu 1.5.3 ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO (emenda 8, applikabbli mit-23 ta' Novembru 2006) jeħtieġ li l-operaturi ta' ajrudromi ċċertifikati jimplimentaw Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà (*Safety Management System - SMS*), li, bħala minimu:

- a) Tidentifika perikli għas-sigurtà;
- b) Tiżgura li jkunu implimentati azzjonijiet rimedjali, meħtieġa biex jinżamm livell aċċettabbli ta' sigurtà;
- c) Tipprovdi għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni regolari tal-livell ta' sigurtà meħtieġa; u
- d) Timmira li twettaq titjib kontinwu għal-livell ta' sigurtà ġenerali.

L-Opinjoni ta' l-EASA dwar il-kwistjoni, mhux biss tinkludi l-preskrizzjonijiet ta' l-ICAO ta' hawn fuq fil-Parti B tar-rekwiżiti essenzjali proposti, iżda hija espliċitament teħtieġ li l-operatur ta' l-ajruport jistabbilixxi arranġamenti ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn biex jiżgura l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti essenzjali għall-ajrudromi. Dawn l-organizzazzjonijiet jinkludu iżda mhumiex limitati għal, operaturi ta' inġenji ta' l-ajru, fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, fornituri ta' servizzi ta' *ground-handling* u organizzazzjonijiet oħrajn li l-attivitajiet tagħhom jista' jkollhom effett fuq is-sigurtà ta' l-inġenji ta' l-ajru.

Fi kliem ieħor, il-leġiżlazzjoni ta' l-UE proposta ser testendi bi ftit ir-responsabbiltajiet ta' l-SMS minn operator ċertifikat ta' ajruport "kbir" (jiġifieri s-700 kkunsidrati fl-għażla 3A), biex tinkludi l-interfaces ma' kumpaniji oħrajn, li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jinfluwenzaw is-sigurtà fl-avjazzjoni fi jew qrib l-ajruport. Fost dawn il-kumpaniji l-oħrajn, l-operaturi ta' l-ajru u l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, huma diġà obbligati minn biċċiet oħrajn ta' leġiżlazzjoni, li jkollhom sistema ta' ġestjoni bħal din attiva: għalihom, għalhekk, il-proposta ta' l-Aġenzija m'hija sejra tinvolvi l-ebda piż addizzjonali. Għall-kuntrarju, hija ser taffettwa l-1000 *ground handler*, li n-numru tagħhom kien stmat fil-paragrafu 2.6.2.3 fuq.

Madankollu l-linji gwida tal-Kummissjoni għal valutazzjoni *ex-ante* ta' l-ispejjeż jiddikjaraw li, fil-każ li obbligu jkun diġà impost internazzjonalment, hija biss l-ispiża tar-rekwiżiti addizzjonali imposti mil-leġiżlazzjoni proposta ta' l-UE li għandha tiġi kkunsidrata. F'dan il-każ l-"oriġini" tar-rekwiżit ta' l-SMS tista' mbagħad tkun attribwita, 95% għall-ICAO u l-kumpliment ta' 5% biss (jiġifieri l-interfaces ikkontrollati) għal-leġiżlazzjoni ta' l-UE proposta. Imbagħad jiġi preżunt li, għas-700 ajruport fl-għażla 3A, dan ikun jirrappreżenta spiża addizzjonali ta' madwar 5%, meta mqabbla ma' l-ispiża preżenti tagħhom għall-Ġestjoni tas-Sigurtà u l-Kwalità. Jekk wieħed jassumi li medja ta' 3 FTEs jistgħu jkunu impjegati għall-S+QMS għal kull operatur ta' ajruport, dan l-isforz addizzjonali jirrappreżenta, għal kull ajruport, 0.15 FTEs, jiġifieri madwar 190 siegħa ta' xogħol u 20,790 EUR/sena. **Għas-700 ajruport involut dan jirrappreżenta madwar 105 FTE, u mbagħad madwar 14,533,000 EUR/sena.**

Huwa preżunt li sforz simili (jiġifieri madwar 100 FTE) jkollu jsir mill-1000 *ground-handler* għall-qadi ta' l-istess rekwiżiti. Għalihom hija preżunta spiża tax-xogħol 10% inqas mill-operaturi ta' l-ajrudromi (jiġifieri 124,740 EUR/FTE), li twassal għal spiża totali ta' **12,474,000**

EUR/sena. L-ebda spiża addizzjonali ma hija prevista fuq din il-kwistjoni kemm mill-Awtoritajiet kompetenti kif ukoll mill-Aġenzija.

Iżda r-reqwiziti essenzjali mehmużin ma' l-Opinjoni ta' l-EASA dwar il-kwistjoni, jipproponu wkoll li jtaffu dawn ir-reqwiziti ta' l-S+QMS għall-ajrudromi li ma jservux servizzi ta' l-ajru skedati kummerċjali. Dawn il-kriterji ta' segregazzjoni kienu wkoll appoġġjati b'mod wiesa' minn dawk kollha nvoluti, kif mogħtija fil-qosor fit-Tabella 30 hawn isfel:

Parametru ta' segregazzjoni	Reazzjoni ta' dawk kollha nvoluti	Pożizzjoni ta' l-Aġenzija
Aktar minn 5 min-nies meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' l-ajruport	Mhux appoġġjat	Mhux proposta
Miftuħ f'IMC jew imħaddem bil-lejl	Bosta imseħbin qablu li operazzjonijiet IFR huma aktar kumplessi minn VFR	Ipproponiet parametru ta' segregazzjoni fl-Opinjoni, minħabba li l-operaturi tat-traffiku skedat huma taħt IFR.
Aktar minn 50,000 moviment fis-sena	Dawk involuti osservaw li, minħabba li n-numru ta' aċċidenti huwa wieħed baxx ħafna, waqt li aċċident wieħed ta' ajruplan wieħed kbir għall-passiġġieri jista' jikkawża madwar 100 fatalità, id-daqs ta' l-ajruplan huwa aktar importanti mill-frekwenza	L-Aġenzija mbagħad tipproponi l-użu tal-preżenza ta' servizzi ta' l-ajru kummerċjali (li jinkludu traffiku charter frekwenti) bħala kriterju ta' segregazzjoni. Dan jeskludi t-taxi bl-ajru, li tista' tkun operata bl-użu ta' inġenji ta' l-ajru żgħar
MTOM > 10 t jew konfigurazzjoni tas-siġġijiet ċertifikata għal 19 jew aktar passiġġieri		Kriterju għadu mhux meħtieġ. Jista' jintuża fil-futur, possibbilment b'referenza għal 5.7 t MTOM ¹⁹ .

Tabella 30: Kriterji ta' segregazzjoni

Dan ifisser li l-2300 ajrudrom addizzjonali (jiġifieri 3000 – 700 fl-għażla 3A) fl-għażla 3B, fl-opinjoni ta' l-Aġenzija, ser jevitaw l-ispiża ta' l-S+QMS formali u l-Manwal assoċjat. Fi 2.6.4.2 immedjatament fuq, kien stmat li madwar 1260 huma diġà ċertifikati (jew qed jiġu ċertifikati) fl-UE 27 + 4, skond ir-reqwiziti ta' l-ICAO: għalhekk huma obbligati li jkollhom l-SMS sħiħ attiv illum. Minħabba li l-proposta ta' l-Aġenzija tpoġġi limiti fuq dan l-obbligu lil biss 700 ajruport (jiġifieri f'konformità ma' l-istandard ta' l-ICAO iżda bin-non-applikazzjoni tal-prattika rakkomandata mhux mandatorja), għandu jkun osservat li l-piż għal 560 ajruport (jiġifieri 1260 – 700), fl-għażla 3B ser titneħħa. Għal tali ajrudromi medji/żgħar, l-isforz S+QMS iffrankat huwa stmat biss bħala 0.5 FTEs, li jfisser 630 siegħa ta' xogħol/sena u 69,300 EUR (2006)/sena.

Għalhekk l-għażla 3B, li tttaffi din l-ispiża għal 560 operatur ta' ajrudromi, ser tippermetti li jkun ffrankati 280 FTEs, jiġifieri 38,808,000 EUR/sena. Għall-istess għażla, ladarba dawn l-

¹⁹ Threshold definit f'Kapitolu 1 ta' l-ICAO Anness VI u użat fil-Kapitolu 4 Parti II u fit-titlu tal-Parti III ta' l-Anness 8, kif ukoll fl-Istandard 2.6.2 ta' l-Anness 14. L-istess huwa ppubblikat mill-Aġenzija fil-“Definizzjonijiet-CS” tagħha u applikati biex jiġu ssegregati ajruplani kbar u żgħar għal għanijiet ta' kundizzjoni tajba għat-tajran.

ajrudromi jilqgħu ferm inqas minn 1 miljun passiġġier fis-sena, huwa preżunt li mhux ser ikun hemm *ground handlers* involuti b'mod sinifikanti. Dan il-benefiċċju madankollu ser jiġi mmitigat bil-105 FTE għall-operaturi ta' l-ajrudromi u 14,553 k EUR/sena diġà stmati, peress li l-għażla 3B tiġbor fi hdnha s-700 inklużi fi 3A. Bħala konklużjoni, **il-benefiċċju nett ta' l-għażla 3B għall-operaturi ta' l-ajrudromi ser ikun:**

- $+105 - 280 = -175$ FTEs;
- $14,553 - 38,808 = - 24,255$ k EUR/sena.

Għall-operaturi fuq l-art l-impatt ser jibqa' kif diġà stmat għall-għażla 3A.

Għall-għażla Ċ, il-kwistjoni hija newtrali għall-1500 ajrudrom addizzjonali, għaliex is-S+QMS la hija implimentata llum f'dawk l-ajrudromi minuri, u lanqas ma huwa realistiku li jkun previst li jsir dan. B'hekk ir-riżultat nett ser jibqa' kif diġà stmat għal 3B.

Bħala konklużjoni, l-ispiża addizzjonali (jew imnaqqsa) għas-sigurtà u l-ġestjoni tal-kwalità formali fl-ajrudromi, li tirriżulta mir-rekwiżiti essenzjali proposti mill-Aġenzija tista' tkun stmata kif ippreżentata fit-Tabella 31 hawn isfel:

Parametru	Għall-Aġenzija u l-Awtoritajiet	Għall-operaturi ta' l-ajrudromi	Għall-ground handlers	TOTAL
Għażla 3A = 700 ajruport				
FTEs	0	105	100	205
K EUR 2006	0	14,553	12,474	27,027
Għażla 3B = 3000 ajruport				
FTEs	0	- 175	100	- 75
K EUR 2006	0	- 24,255	12,474	- 11,781
Għażla 3Ċ = 4500 ajruport				
FTEs	0	- 175	100	- 75
K EUR 2006	0	- 24,255	12,474	- 11,781

Tabella 31: Spiża stmata addizzjonali (jew imnaqqsa) għas-S+QMS

2.6.4.4 Spejjeż ta' hsrat matul it-taxing u l-istanding

Illum ma teżisti l-ebda għodda affidabbli biex ikunu evalwati bi preċiżjoni l-effetti ta' sigurtà kwantitattivi tal-miżuri leġiżlattivi l-ġodda. Għalhekk huwa diffiċli ħafna li jkunu żviluppati stimi ekonomiċi relatati preċiżi. Madankollu fil-paragrafu 2.6.3 fuq, kien konkluż li t-tliet għażliet kollha kellhom impatt pożittiv fuq is-sigurtà, hekk kif l-impatt ta' 3Ċ kien kważi darbtejn aħjar minn 3A, u 3B tliet darbiet aħjar minn 3A. Barra minn hekk, fil-paragrafu 2.3.1.9 kien konkluż li l-ispiża għall-aċċidenti u l-inċidenti ta' l-avjazzjoni minħabba fatturi ta' l-ajrudromi (infrastruttura, apparat, operazzjonijiet) fl-UE 27 + 4 tammonta għal madwar 1164 Miljun EUR/sena f'EUR 2006.

Huwa mbagħad preżunt li, peress li l-għażla 3A twassal għal benefiċċji ta' sigurtà, l-impatt ekonomiku relatat tagħha ma jistax ikun ivvvalutat bħala żero. Min-naħa l-oħra hija stmata

stima prudenti ħafna ta' 1% benefiċċju biss, li jfisser benefiċċju f'termini ta' ħsarat evitati ta' 11,640 k EUR (2006)/sena.

Peress li l-għażla 3Ċ kienet ivvalutata ta' l-inqas bħala darbtejn aktar tajba f'termini ta' impatt ta' sigurtà, għaliha huwa preżunt benefiċċju ta' 2%, li, waqt li xorta huwa stima estremament prudenti, ifisser 23,280 k EUR (2006)/sena ta' spejjeż evitati.

Finalment għall-għażla 3B, li hija tliet darbiet aħjar minn 3A, il-benefiċċju huwa stmat għal $11,640 \times 3 = 34,920$ k EUR/sena.

2.6.4.5 Regoli komuni

Il-leġislazzjoni l-għdida proposta tista' tidher li tipprovdi l-bażi legali għal traspożizzjoni komuni tad-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO, għall-UE 27 + 4, u tissostitwixxi l-leġislazzjoni nazzjonali f'dan is-settur. Dan ser jitwettaq primarjament permezz ta' l-adozzjoni ta' regoli implimentattivi komuni u speċifikazzjonijiet tal-komunità kif xieraq.

Waqt li jkun ikkunsidrat li n-numru ta' FTEs għall-istandardizzazzjoni kien diġà meqjus fil-paragrafu 2.6.4.1 fuq, huwa mbagħad meqjus li, għal attivitajiet ta' tfassil ta' regoli fil-qasam ta' l-ajrudromi, in-numru ta' FTEs meħtieġa mill-EASA huwa 6 (1 manijer + 4 amministraturi + 1 assistent). 2 FTEs oħrajn huma meqjusin meħtieġa biex jappoġġjaw it-tfassil tar-regoli b'analiżi suffiċjenti tad-dejta tas-sigurtà ta' l-ajrudromi u b'riċerka dwar is-sigurtà.

L-isforz addizzjonali totali fl-Aġenzija (barra minn dak li kien stmat għall-istandardizzazzjoni fil-paragrafu 2.6.4.1 fuq) **għandu għalhekk jitqies bħala ugwali għal 8 FTEs = 1,200,000 EUR/sena.**

Madankollu, fil-paragrafu 2.3.3.3 fuq, kien stmat li llum 99 FTEs huma impjegati fit-tfassil tar-regoli ma' l-UE 27 + 4. L-iċċentralizzar tat-tfassil tar-regoli ser jillibera, fl-opinjoni ta' l-Aġenzija:

- madwar 30% tar-riżorsi msemmin fil-każ ta' l-għażla 3A, peress li f'dan il-każ ħafna ajrudromi ser jibqgħu soġġetti għal regoli nazzjonali. Dan it-tifdil jirrappreżenta madwar 30 FTE u mbagħad 4,158,000 EUR/sena;
- Madwar 60% tar-riżorsi fil-każ ta' l-għażla 3B, li tkopri t-totalità ta' l-ajrudromi miftuħa għall-użu pubbliku: jigiġifieri tifdil ta' 60 FTE, ugwali għal 8,316,000 EUR/sena: madwar 40 FTE xorta ser ikunu meħtieġa fl-Istati biex ikunu żviluppanti regoli għas-sigurtà għall-ajrudromi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-UE, jew biex ikunu stabbiliti miżuri implimentattivi fil-livell nazzjonali għall-viċinanza ta' l-ajrudromi. Xi ftit sforz jista' wkoll ikun iddedikat biex jikkontribwixxi għat-tfassil tar-regoli fis-sistema EASA li għaliha huma wkoll jappartjenu.
- Finalment, għall-għażla 3Ċ, 70% ta' l-isforz jista' jiġi ffrankat (jiġifieri 70 FTE = 9,702,000 EUR/sena). Anki f'dan il-każ fil-fatt, madwar 1 FTE għal kull Stat huwa preżunt li huwa neċessarju biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-regoli komuni.

Ma hija prevista l-ebda spiża addizzjonali għall-operaturi ta' l-ajrudromi, anzi, huwa pjuttost previst xi ftit benefiċċju ekonomiku, li l-kwantifikazzjoni tiegħu hawnhekk tħalliet barra, li jista' jiġi miċ-ċentralizzazzjoni tat-tfassil tar-regoli (jiġifieri parteċipazzjoni fil-proċess permezz ta' assoċjazzjonijiet fil-livell kontinentali u l-iffaċċjar ma' entità waħda għat-tfassil tar-regoli u wkoll b'sett wieħed ta' regoli). L-istess ftit benefiċċji (jiġifieri sett wieħed ta' regoli għall-ajrudromi kollha miftuħin għall-użu mill-pubbliku fl-UE 27 + 4) jistgħu jimmaterjalizzaw għall-operaturi ta' l-ajru.

Bħala konklużjoni l-iċċentralizzar tat-tfassil tar-regoli ser iwassal għall-iffrankar ta' 4,158 (għażla 3A), 8,316 (3B) jew 9,702 k EUR (3Ċ) fuq livell nazzjonali, kontra 1,200 k EUR ta' spiża addizzjonali għall-Aġenzija. Fi kwalunkwe każ ikun hemm benefiċċju għall-Komunità.

2.6.4.6 Skema ta' kompetenza għall-istaff ta' l-ajruport

Il-benefiċċji ta' sigurtà vvalutati hawn fuq ser jiġu wkoll minn skemi ta' kompetenza għall-istaff li l-attivitajiet tiegħu jistgħu jaffettwaw is-sigurtà fl-avjazzjoni qrib l-ajrudromi li huma aħjar, u applikati aħjar.

Fil-każ ta' l-**għażla 3A** huwa meqjus li dan l-istaff huwa bħala medja madwar 70 persuna minn kull 7000 involuti fl-ajrudromi (inklużi *ground handlers*). Fil-fatt f'din il-firxa ta' 700 ajruport, huma biss 160 li jirreġistraw aktar minn 1 miljun passiġġier fis-sena kif diskuss fi 2.6.2.3 fuq. Għalihom mijiet ta' staff jistgħu jkunu involuti. Per eżempju l-Aéroport de Paris jamministra 14-il ajruport b'madwar 10,000 staff (jiġifieri madwar 700 persuna għal kull ajruport, iżda inkluż il-*ground handling* u servizzi li ma jaffettwawx immedjatement is-sigurtà ta' l-avjazzjoni). Iżda għall-540 ajruport oħra huwa mbagħad preżunt li n-numru ta' staff relatat mas-sigurtà ma jaqbiżx il-50 unità. Imbagħad huwa preżunt li l-isforz addizzjonali għat-taħriġ tagħhom ikun fil-medja ta' madwar 1 jum fis-sena għal kull persuna = $70 \times 700 \times 1 = 49,000$ jum/sena = 367,500 siegħa ta' xogħol (290 FTE). B'hekk l-ispiża totali għalihom tkun madwar $124,740 \text{ EUR} \times 290 \text{ FTE} = 36,175 \text{ k EUR (2006)/sena}$.

Għall-**għażla 3B** id-daqs medju ta' l-organizzazzjonijiet addizzjonali ta' l-ajrudromi huwa ħafna iżgħar, u allura huwa preżunt in-numru medju ta' 10 membri tal-personal involuti għal kull ajrudrom addizzjonali. Dan iwassal għal 2300 ajruport (jiġifieri 3000 – 7000 diġà kkunsidrati fi 3A), bl-istess loġika immedjatement ta' hawn fuq, 10 persuni \times 2300 ajruport \times 1 jum għal 23000 jum bħala total, li jfisser 172,500 siegħa fis-sena (jiġifieri 137 FTE) ta' taħriġ riċevut, li jirrappreżentaw spiża ta' 17,089 k EUR/sena. Din l-ispiża hija addizzjonali għal dik stmata għall-għażla 3A, u għalhekk għall-għażla 3B l-ispiża hija stmata għal $36,175 + 17,089 = 53,264 \text{ k EUR/sena}$.

Bl-istess raġunament, fl-**għażla 3Ċ** huma inklużi wkoll l-ajrudromi minuri, u għalhekk huma preżunti biss 3 persuni għal kull ajruport addizzjonali (mill-1500 minnhom), li jwasslu għal 4,500 staff, 33,750 siegħa fis-sena (madwar 27 FTE) ta' taħriġ riċevut u 3,368 k EUR/sena, addizzjonali għall-għażla 3B. Bħala konklużjoni $53,264 + 3,368 = 56,632 \text{ k EUR}$ ta' l-ispiża totali fis-sena.

2.6.4.7 Preskrizzjonijiet tekniċi fis-CSs

It-tpoġġija tal-maġġoranza tal-preskrizzjonijiet tekniċi dettaljati fil-livell ta' l-Ispesifikazzjonijiet tal-Komunità (CSs) iwassal ukoll għal benefiċċji tekniċi, bħal:

- Proċedura simplifikata (u għalhekk orħos) għall-adozzjoni u t-tmexxija tagħhom;
- Possibbiltà ta' delegazzjoni lil standards industrijali volontarji, li jfisser inqas spiża għal min iħallas it-taxxi;
- Emenda aktar malajr li ssegwi l-evoluzzjoni tat-teknoloġija u għalhekk inqas ostakli għal aċċess għas-suq mill-prodotti l-ġodda;
- Flessibbiltà akbar waqt il-proċess ta' ċertifikazzjoni u għalhekk tnaqqis tan-numru ta' sigħat ta' xogħol iddedikati f'negozjati bejn ir-regolatur u l-entità regolata.

Madankollu l-benefiċċji ta' hawn fuq huma diffiċli ħafna biex tikkwantifikahom b'mod sempliċi. L-użu ta' mudelli ekonometriċi huwa min-naħa l-oħra kkunsidrat sproporzjonat. Għalhekk dawn l-effetti ekonomiċi mhumiex ikkwantifikati fl-RIA preżenti.

2.6.4.8 Sommarju ta' l-impatt ekonomiku

Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqin fis-sotto-paragrafi 2.6.4.1 sa 2.6.4.7 preċedenti, tista' tkun ikkompilata t-Tabella sommarja 32 li ġejja, biex jitqabbel l-impatt ekonomiku tat-tliet għażliet rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE:

Spiża stmata tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE	Eluf ta' EUR (2006)/sena		
	3A	3B	3C
Numru ta' ajrudromi	700	3000	4500
Estensjoni ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni	1,858	1,858	1,858
Ajruromi fir-regolament bażiku (jiġifieri ċertifikazzjoni)	0	30,076	49,404
Sistema ta' Tmexxija mill-operaturi ta' l-ajrudromi ewlenin	27,027	-11,781	-11,781
Spiża ta' ħsara waqt taxing u standing	- 11,640	- 34,920	- 23,280
Adozzjoni ta' regoli implimentattivi komuni	- 4,158	- 8,316	- 9,702
Skemi ta' kompetenza għal personal ta' l-ajrudromi	36,175	53,264	56,632
Staff ta' l-Aġenzija għat-tfassil tar-regoli u l-analiżi tas-sigurtà	Diġà kkunsidrat fuq		
Staff f'Awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni u l-kontroll			
Preskrizzjonijiet tekniċi fis-CSs	Mhux ikkwantifikat		
TOTAL	49,262	30,181	63,131

Tabella 32: Sommarju ta' l-impatt ekonomiku tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE

Minnha wieħed jista' josserva li l-għażla 3C hija l-aktar waħda li tiswa flus, waqt li 3B hija l-orħos.

It-termini monetarji fit-tabella 32 fuq huma mbaġħad tradotti f'punteġġi fit-tabella 33 li ġejja:

Indikaturi tar-riżultati għall-impatt ekonomiku tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE	Punteġġi ta' l-għażliet		
	3A	3B	3C
Numru ta' ajrudromi	700	3000	4500
Estensjoni ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni	- 3		- 3
Ajruromi fir-regolament bażiku (jiġifieri ċertifikazzjoni)	0		- 2
Sistema ta' Tmexxija mill-operaturi ta' l-ajrudromi ewlenin	- 2		2
Spiża ta' ħsara waqt taxing u standing	1		3
Adozzjoni ta' regoli implimentattivi komuni	1		2
Skemi ta' kompetenza għal personal ta' l-ajrudromi	- 1		- 2
Staff ta' l-Aġenzija għat-tfassil tar-regoli u l-analiżi tas-sigurtà	0		0
Staff f'Awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni u l-kontroll	0		0
Preskrizzjonijiet tekniċi fis-CSs	0		0
TOTAL	- 5	0	- 2
TOTAL PEŻAT (Punteġġ x 2 għall-impatt ekonomiku)	- 8	- 2	- 14

Tabella 33: Punteggjar għall-impatt ekonomiku tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE

2.6.5 Impatt ambjentali

Xejn fil-proposta leġiżlattiva kkunsidrata ma jimmira li jżid it-traffiku, jibni infrastruttura ġdida jew li jirrilassa r-regoli ambjentali. L-effett ta' kwalunkwe minn dawn it-tliet għażliet ikkunsidrati għandu għalhekk ikun ikkunsidrat bħala newtrali fir-rigward ta' l-aspetti ambjentali.

2.6.6 Impatt soċjali

Jistgħu jkunu previsti tliet impatti prinċipali, ladarba tiġi adottata l-proposta li jkunu estiżi l-kompetenzi ta' l-EASA għall-ajrudromi:

- Il-konsultazzjoni sistematika ta' dawk kollha involuti, parti integrali mis-sistema ta' l-EASA, tkun immedjatament estiża għall-qasam ta' l-ajrudromi, u dan isir, l-ewwel bl-inklużjoni tal-korpi rappreżentattivi fil-Kumitat Konsultattiv għall-Istandards tas-Sigurtà (SSCC) u mbagħad titkompla mhux biss mal-gruppi esperti, iżda wkoll b'konsultazzjonijiet pubbliċi permezz tan-NPAs. Dan f'termini ġenerali se jjer jikkontribwixxi mhux biss biex jiżviluppa regoli aħjar, iżda wkoll biex iżid is-solidarjetà fost iċ-ċittadini involuti u se jjer joffri bażi solida ħafna biex tkun difiża l-pożizzjoni Ewropea fil-livell dinji;
- Tiżdied il-kompetenza ta' l-istaff li jwettaq kompiti eżekuttivi li tista' jaffettwa s-sigurtà fl-avjazzjoni fi jew qrib l-ajrudromi, meta jkun ikkunsidrat li l-akbar parti ta' l-ispiża totali stmata fi 2.6.4.8 fuq għal kull waħda mit-tliet għażliet hija fil-fatt iddedikata għal żjieda fil-kompetenza professjonali ta' l-istaff. Għall-għażla 3B, il-valur ekonomiku tat-taħriġ u l-kwalifikazzjoni miżjudin hija fil-fatt akbar mill-ispiża totali (minħabba iffrankar minn imkejjen oħrajn); allura f'termini soċjali, il-proposta ser iżżid il-kwalità ta' l-impjegati fl-UE 27 + 4 kollha, kif ukoll il-kompetittività tas-sistema ta' l-UE;
- Finalment, iċ-ċentralizzazzjoni proposta tat-tfassil tar-regoli ser twassal għal ħelsien ta' xi FTEs li fil-preżent huma impjegati għal dan il-kompitu fl-Istati ta' l-UE 27 + 4; iżda din hija l-unika perspettiva fejn ser ikun meħtieġ inqas personal; għall-kuntrarju, f'bosta paragrafi tal-valutazzjoni ekonomika preċedenti, kienu offruti stimi wkoll f'termini ta' FTEs addizzjonali. Dan huwa mogħti fil-qosor fit-tabella 34 hawn isfel:

FTEs	Aġenzija	Awtoritajiet	Operaturi ta' l-ajrudromi	Ground handler	TOTAL
Għażla 3A = 700 ajruport					
Standardizzazzjoni	11	2	0	0	13
Ċertifikazzjoni	0	0	0	0	0
Sistemi ta' Ġestjoni (S & Q)	0	0	105	100	205
Regoli Komuni	8	- 30	0	0	- 22
Kompetenza ta' l-istaff	0	0	145	145	290
TOTAL	19	- 28	250	245	486
Għażla 3B = 3000 ajruport					
Standardizzazzjoni	11	2	0	0	13
Ċertifikazzjoni	0	165	52	0	217
Sistema ta' Ġestjoni (S & Q)	0	0	- 175	100	- 75
Regoli Komuni	8	- 60	0	0	- 52
Kompetenza ta' l-istaff	0	0	282	145	427
TOTAL	19	107	159	245	530
Għażla 3Ċ = 4500 ajruport					
Standardizzazzjoni	11	2	0	0	13
Ċertifikazzjoni	0	273	85	0	358
Sistema ta' Ġestjoni (S & Q)	0	0	- 175	100	- 75
Regoli Komuni	8	- 70	0	0	- 62
Kompetenza ta' l-istaff	0	0	309	145	354
TOTAL	19	205	219	245	688

Tabella 34: Impjiegi ġodda (FTEs) maħluqin

Mit-Tabella 34 ta' fuq jista' jkun osservat li l-għażla 3Ċ tista' toħloq madwar 700 impjieg fil-qasam ikkwalifikat ħafna tas-sigurtà fl-avjazzjoni. L-għażla 3A tista' toħloq 480 impjieg, iżda madwar 30 staff fl-Awtoritajiet ikollhom bżonn jiġu allokat i għal xogħlijiet oħrajn. Finalment l-għażla 3B ser toħloq ftit aktar minn 500 impjieg ġdid, iżda żidiet fin-nies meħtieġa għax-xogħol ser ikunu osservati fi kwalunkwe segment ta' l-entitajiet involuti, għalkemm 4 darbiet aktar fis-settur privat milli f'dak pubbliku. Għal kull waħda mill-għażliet l-istaff ta' l-Aġenzija ser ikun inqas minn 20.

Il-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq huma mbagħad tradotti f'punti għall-indikaturi ta' riżultati applikabbli fit-Tabella 35 li ġejja:

Indikaturi ta' riżultati rilevanti applikabbli għall-impatt soċjali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE	Punteġġi ta' l-għażliet		
	3A	3B	3Ċ
Estensjoni ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni	1	1	1
Sistema ta' Ġestjoni mill-operaturi ta' l-ajrudromi maġġuri	2	- 1	- 1
Ajrudromi fir-regolazzjoni bażika (jiġifieri ċertifikazzjoni)	0	2	2
Adozzjoni tar-regoli implimentattivi	- 1	- 2	- 2
Skemi ta' kompetenza għall-istaff ta' l-ajrudromi	1	3	2
TOTAL	3	3	2
TOTAL PEŻAT (Punteġġ x 2 għall-impatt soċjali)	6	6	4

Tabella 35: Punteggjar ta' l-impatt soċjali relatat mal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta

2.6.7 Impatt fuq obbligi oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop preżenti ta' l-EASA

L-Opinjoni ta' l-Aġenzija dwar ir-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi, tikkunsidra bis-sħiħ 'l hekk imsejħin "EU-OPS", l-ewwel estensjoni ta' l-EASA (jiġifieri l-air ops, l-għoti ta' liċenzji għall-ekwipaġġ għat-tajran u s-sigurtà ta' operaturi ta' pajjiżi terzi) u l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-"Ajru Uniku Ewropew" (SES). Ma huwa propost l-ebda rekwiżit konfliġġenti essenzjali.

Barra minn hekk l-Aġenzija diġà ddikjarat li d-duplikazzjoni tar-regoli implimentattivi u/jew il-proċessi tat-tfassil tar-regoli, rigward dawk li possibbilment jirriżultaw mill-kuntest tas-SES, għall-komunikazzjoni bir-radju, it-tbassir tat-temp, is-sistemi tan-navigazzjoni jew sorveljanza, ser ikunu evitati.

Kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet hija għalhekk newtrali f'dan ir-rigward.

2.6.8 Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u għażla rrakkomandata

Skond il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi attribwiti fil-paragrafi 2.6.3 sa 2.6.7, tista' tkun ipprovduta l-matriċi li ġejja għal MCA:

Punteġġ ibbilanċjat għall-għażliet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE		3A	3B	3Ċ
Numru ta' ajrudromi koperti		700	3000	4500
Punt ta' impatt	Piż			
Sigurtà	3	18	57	30
Ekonomiku	2	- 10	0	- 4
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	6	6	4
Dwar regolamenti oħrajn ta' l-avjazzjoni	1	0	0	0
TOTAL PEŻAT		14	63	30

Tabella 36: Analiżi Pluri-Kriterji għall-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta

Minn din jista' jkun osservat li l-għażla 3B tikseb punteġġ li huwa madwar darbejn aħjar mill-għażla 3Ċ, u saħansitra aktar meta mqabbla ma' 3A. B'mod partikolari, l-għażla 3B:

- Iġġib punteġġ ta' kważi darbtejn aktar f' termini ta' sigurtà mill-għażliet l-oħrajn;
- Tiswa l-inqas, li jwassal għal piż totali annwali ta' madwar 30 miljun EUR (2006)/sena fuq dawk kollha involuti fl-avjazzjoni ta' l-UE 27 + 4, li minnhom inqas minn 2.850 Miljun EUR għal personal ġdid (19) fl-Aġenzija;
- Tista' toħloq madwar 500 impjeg ikkwalfikat ġdid bħala total: madwar 100 fl-awtoritajiet u l-bqija fi ħdan l-operaturi ta' l-ajrudromi u *ground handlers*.

Din hija r-raġuni għaliex l-Aġenzija inkludiet l-għażla 3B fl-Opinjoni tagħha: jiġifieri l-ajrudromi kollha miftuħin għall-użu pubbliku, soġġetti għar-regoli komuni ta' l-UE. Din il-proposta kienet ukoll appoġġjata minn 90% ta' l-20 Awtorità Nazzjonali li pparteċipaw fil-konsultazzjoni, kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 37 hawn isfel:

KAMP TA' APPLIKAZZJONI ta-LEĠIŻLAZZJONI KOMUNITARJA skond it-tweġibiet ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni għall-Mistoqsija 3 tan-NPA			
Ajrudromi MIFTUHN għal UŻU PUBBLIKU			Biss AJRUPORTI miftuħin għal traffiku KUMMERĊJALI regolari
+ l-oħrajn kollha anke jekk mhux miftuħin għall- pubbliku	+ każijiet speċifiċi (eż. struzzjoni fit- tajran)	Biss	
Il-Belġju	L-Olanda	L-Awstrija Id-Danimarka	Il-Ġermanja (BMVBS skond reazzjoni għas-CRD)
Ir-Rep. Ċeka	Ir-Rumanija	Franza Il-Greċja	
Il-Finlandja	Spanja	L-Iżlanda L-Irlanda	
In-Norveġja	L-Iżvezja	Ir-Rep. Slovakka Is-Slovenja	L-Italja (skond reazzjoni għas- CRD)
	Ir-Renju Unit	L-Iżvizzera	
4	5	9	2
18			

Tabella 37: Appoġġ mill-Awtoritajiet kompetenti għal ajrudromi miftuħin għall-użu pubbliku fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja

2.7 Analiżi ta' l-impatti tar-regoli u ta' mezzi ta' implimentazzjoni għat-tagħmir ta' l-ajrudromi

2.7.1 Għażliet alternattivi

Dawn l-għażliet alternattivi għal apparat għall-ajrudromi kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 fuq:

- 4A): Apparat għall-ajrudromi mhux irregolat fil-livell ta' l-UE;
- 4B): Regoli komuni ta' l-UE (eż. ETSO) għal apparat "mhux standard", implimentati permezz ta' dikjarazzjoni ta' konformità mill-manifattur u dikjarazzjoni ta' verifika mill-operatur ta' l-ajruport (din ta' l-aħħar tikkonċerna l-integrazzjoni u l-adattabilità għall-użu fuq is-sit);
- 4C): Bħal 4B, iżda l-ebda dikjarazzjoni ta' verifika m'hija meħtieġa, għaliex parti mill-proċess ta' ċertifikazzjoni ta' l-ajruport.

2.7.2 Grupp fil-mira u numru ta' entitajiet konċernati

2.7.2.1 Awtoritajiet Kompetenti

Is-46 Awtorità kompetenti kollha (kif stmat fil-paragrafu 2.6.2.4 fuq) flimkien ma' l-Aġenzija, ser ikunu affettwati bl-għażliet 4B u 4C fuq. Barra minn hekk, minħabba li l-Awtoritajiet kompetenti ser ikunu responsabbli anke 'l hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, huma xorta ser jibqgħu responsabbli biex jissorveljaw is-sigurtà ta' l-apparat ta' l-ajruport anke fin-nuqqas ta' Regoli Komuni ta' l-UE (jiġifieri l-għażla 4A).

2.7.2.2 Ajrudromi

L-apparat ta' l-ajrudromi, bħal għajnuniet għan-navigazzjoni viżwali u bir-radju, sistemi ta' individwazzjoni u b'mod ġenerali apparat ieħor huwa msemmi f'xi Annessi ta' l-ICAO²⁰, iżda jista' ma jkunx ġust li s-sid jew l-operatur ta' ajruport jintalbu li jkun responsabbli għal teknoloġiji li għalihom huma m'għandhom l-ebda kompetenza partikolari. Barra minn hekk, xi apparat minn dan jista' jkun diġà kopert mill-qafas SES²¹, u b'mod partikolari r-Regolament dwar l-Interoperabbiltà²² tiegħu. L-Aġenzija tosserva wkoll li xi apparat ta' appoġġ mill-art għall-ajruspazju huwa diġà normalizzat mill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandards (ESO)²³. Għalhekk fil-każ ta' l-għażla 4A, m'huwa ser ikun hemm l-ebda regola addizzjonali ta' l-UE speċifika għal apparat għall-ajruport. Iżda ser ikun hemm rekwiżiti essenzjali u regoli implimentattivi relatati u CSs għall-ajrudromi. Probabbilment, minħabba li dawn ir-regoli komuni huma bbażati sewwa fuq l-Anness 14 ta' l-ICAO, kif mitlub minn virtwalment dawk kollha involuti, huma ser ikopru wkoll xi aspetti ta' l-apparat għall-ajrudromi (eż. frangibilità; tip u kwantità ta' għajnuniet viżwali; provvista ta' l-elettriku għal għajnuniet viżwali mixgħulin; prestazzjoni tal-vetturi għall-ġlieda kontra n-nirien; eċċ...). Il-verifika ta' dan l-apparat, meta implimentata, ser tkun parti integrali mill-proċess ta' ċertifikazzjoni ta' l-ajruport.

Għalhekk, anke fil-każ ta' l-**għażla 4A** (jiġifieri l-ebda ETSOs jew regoli oħrajn għall-apparat għall-ajrudromi; l-ebda involvement ta' l-organizzazzjonijiet tad-disinn u tal-produzzjoni għal tali apparat), **l-ajrudromi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE (jiġifieri 3000** skond l-għażla 3B rakkomandata fil-paragrafu 2.6.9 fuq), ikollhom jikkonformaw ma' xi wħud mir-rekwiżiti marbutin ma' xi aspetti ta' apparat installat għall-ajrudromi.

Iżda l-Aġenzija mbagħad esprimiet l-opinjoni li r-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni, meħtieġa għas-sigurtà fl-avjazzjoni, għandhom ikunu stabbiliti għal apparat ta' l-ajrudromi fil-livell ta' regoli implimentattivi jew CSs, billi r-responsabbiltà għall-istandardizzazzjoni u l-valutazzjoni ta' konformità ta' apparat ta' l-ajrudromi prodott b'mod ġenerali tiffihalla f'idejn l-industrija, għaliex dan qiegħed isir fil-qafas ta' 'l hekk imsejjaħ "approċċ ġdid"²⁴. Dan ikun jimplika l-possibbiltà li jinħarġu Ordnijiet Ewropej ta' Standard Tekniku (ETSO) bħala Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMCs) meta meqjusin meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà, kif

²⁰ Eż. Anness 3 dwar is-Servizzi Meteoroloġiċi għal navigazzjoni internazzjali fl-ajru; Anness 10 dwar it-Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi u l-Anness 14 dwar l-Ajrudromi.

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004, li jstipula l-qafas għall-ħolqien ta' ajru uniku Ewropew (ĠU L 096 31.03.2004 p.1).

²² Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabbiltà tax-Xibka Ewropea ta' l-Amministrazzjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (ĠU L 96, 31 ta' Marzu 2004, paġni 26-42).

²³ B'mod partikolari mill-Comité Européenne de Normalisation (CEN). Madankollu, kemm CENELEC kif ukoll ETSI huma Organizzazzjonijiet Standard Ewropej. Wieħed jista' jsib aktar informazzjoni fuq http://ec.europa.eu/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/index_en.html

²⁴ Xi 25 Direttiva adottati mill-1987 fuq il-bażi ta' l-"approċċ ġdid" li joħroġ mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ il-ġdid għal armonizzazzjoni teknika u standards, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar approċċ globali għal ċertifikazzjoni u ttestjar li tiddikjara l-prinċipji gwida dwar il-valutazzjoni tal-konformità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KE li tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-valutazzjoni tal-konformità.

illum diġà huwa l-każ għal partijiet “mhux standard” ta’ inġenji ta’ l-ajru, li diġà huma fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament Bażiku.

Allura anke fil-każ ta’ l-għażliet 4B jew 4Ċ, t-3000 ajruport koperti kollha sejrjn potenzjalment jintlaqtu.

2.7.2.3 Operaturi ta’ l-ajrudromi

L-operaturi kollha ta’ daww t-3000 ajruport ser jintlaqtu wkoll. Madankollu hemm każijiet ta’ kumpanija waħda li tmexxi aktar minn ajruport wieħed (eż. bħall-AENA li topera kważi 50 ajruport). Minn informazzjoni disponibbli mill-web (l-aktar sħubija fl-ACI Europe) xi dejta dwar l-operaturi ta’ ajrudromi multipli hija ppreżentata fit-tabella 38 hawn isfel:

Entità	Sit tal-web	Post prinċipali tan-negozju	Numru ta’ ajrudromi operati			
			Fil-pajjiż nattiv	FI-UE 27 + 4	Barra l-UE 27 + 4	TOTAL
Aeroporti di Roma	www.adr.it	IT	2	0	0	2
Aeroportos de Madeira		PT	2	0	0	2
Aeroportos de Portugal	www.ana-aeroportos.pt	PT	7	0	0	7
Aéroports de Paris	www.adp.fr	FR	14	0	0	14
Aeropuertos y Navegación Aérea	www.aena.es	ES	47	0	0	47
Avinor	www.avinor.no	NO	46	0	0	46
British Airport Authority	www.baa.co.uk	UK	7	1	10	18
Ajrudromi ta’ Kopenhagen	www.cph.dk	DK	2	0	0	2
CSL – Amministrazzjoni ta’ l-Ajrudromi Ċeka		CZ	4	0	0	4
Dublin Airport Authority	www.dublinairportauthority.com	IE	3	0	0	3
Finavia	www.finavia.fi	FI	25	0	0	25
Fraport	www.fraport.com	DE	3	2	5	10
Luftfartsverket	www.lfv.se	SW	19	0	0	19
Manchester Airport Group	www.maniport.co.uk	UK	4	0	0	4
Ministeru tat-Trasport		CY	2	0	0	2
Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet		GR	38	0	0	38
Ministeru tat-Trasport		LT	2	0	0	2
Ajrudromi Pollakki (PPL)	www.lotnisko-chopina.pl	PL	3	0	0	3
Regional Airports Ltd		UK	2	0	0	2
Awtor. Ta’ l-Ajrudromi Slovakka	www.airportbratislava.sk	SK	5	0	0	5
Soc. Eser. Aeroport.	www.sea-aeroportimilano.it	IT	2	0	0	2
Svenska Regionala Flygplatser förbundet	www.flygplatser.nu	SW	34	0	0	34
TBI plc		UK	3	0	0	3
23	TOTAL PARZJALI		276	3	15	294
	TOTAL		279			

Tabella 38: Operaturi ta’ ajrudromi multipli

Id-dejta fit-tabella ta' fuq tista' ma tkunx kompluta jew perfettament eżatta; għalhekk huwa meqjus li fl-UE 27 + 4 hemm **madwar 25 entità li topera aktar minn ajruport wieħed u n-numru totali ta' dawn l-ajrudromi huwa madwar 275.**

Għalhekk huwa stmat li n-numru ta' **operatori affettwati ser ikun fil-medda ta' (3000 – 275 + 25) 2750** biex dan il-fatt ikun ikkunsidrat. Anke dan ser ikun japplika għat-tliet għażliet possibbli 4A, 4B u 4C.

2.7.2.4 Ground handlers ta' l-ajrudromi

L-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-ground handling, jelenka numru ta' servizzi f'din il-kategorija. Xi wħud minn dawn is-servizzi mbagħad jeħtieġu apparat li għandu jintuża fil-parti tal-moviment fl-ajruport. Sommarju ta' l-eżempji possibbli ta' apparat ta' l-ajruport hija offruta fit-Tabella 39 hawn isfel, inkluż jekk dan l-apparat tistax issir referenza għalih fl-Anness 14 ta' l-ICAO jew fir-rekwiżiti essenzjali proposti mill-Aġenzija:

Servizzi ta' <i>ground handling</i> ²⁵ li jeħtieġu apparat fil-parti tal-moviment		Eżempji ta' apparat	Imsemmijin fi	
			Anness 14 ta' l-ICAO	ER
Passiġġieri		Turġien, karozzi tal-linja, "fingers"		A.1.f
Bagalji		Apparat ta' tagħbija u ħatt		B.1.a
Rampa	Gwida għall-parkeġġ	Apparat tad-docking	IVA	A.3.a
	Parkeġġ	Blokko		B.1.a
	Startjar ta' magna	Unitajiet ta' l-enerġija esterni		B.1.a
	Irmunkar	Vetturi ta' l-irmunkar		B.1.a
Servizzi lil ingeni ta' l-ajru	Tindif	Tneħħija ta' materjal		B.1.a
	Arja kondizzjonata u enerġija	Unitajiet ta' l-enerġija esterni		B.1.a
	De- Anti-icing	De icing	IVA	B.1.a
Għoti ta' karburant		Apparat tal-karburant fiss jew mobbli		B.1.h
Provvista ta' ikel u xorb		Vannijiet		B.1.a

Tabella 39: Eżempji ta' apparat meħtieġ għall-ground handling

Mit-tabella 39 fuq jista' jiġi osservat li r-rekwiżiti essenzjali (ERs) proposti mill-Aġenzija, fil-prinċipju jkopru b'mod aktar komprensiv l-apparat għall-ajrudromi użat għall-ground handling, mill-Anness 14 ta' l-ICAO. Dan jiġri għaliex kif deskritt fil-Memo li jiddeskrivihom, l-ERs kienu żviluppjati permezz ta' proċess ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' mitigazzjoni ("minn fuq għal isfel") imbagħad ikkomplementati minn verifika "minn isfel għal fuq", li kkunsidrat mhux biss l-Anness 14, iżda wkoll leġislazzjoni eżistenti oħra ta' l-UE. Dan huwa madankollu konformi ma' l-opinjoni espressi minn ħafna minn daww involuti, kif ippreżentat fis-CRD 06/2006. Daww involuti fil-fatt semmew bħala eżempji ta' apparat li għandu jkun irregolat, ukoll apparat ta' de-icing, apparat għall-forniment tal-karburant, fornimenti u starters tal-qawwa fl-art u b'mod aktar ġenerali apparat għall-ground-handling.

²⁵ Skond l-Anness għad-Direttiva 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996.

Huwa għalhekk preżunt li, minn 1000 kumpanija għall-ground-handling, madwar 10% (jiġifieri 100) biss ser ikunu affettwati mill-għażla 4A (jiġifieri tolqot lill-apparat għall-ajrudromi biss indirettament permezz ta' regoli implimentattivi jew CSs ibbażati fuq dispożizzjonijiet ta' l-ICAO għall-ajrudromi). Kuntrarjament jintlaqtu kollha fil-każ ta' l-għażla 4B jew 4C.

2.7.2.5 Organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni ta' tagħmir ta' l-ajrudromi

In-navigazzjoni bir-radju, is-sorveljanza (e.ż. radars) u sistemi ta' komunikazzjoni ta' l-ajrunawtika, għalkemm installati fl-ajruport jistgħu alternattivament ikunu koperti skond kif meħtieġ mir-regoli ta' l-“Ajru Uniku Ewropea” għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni u l-konformità tagħhom. Il-kwistjoni dwar liema bażi legali għandha tintuża (jekk hux ir-Regolament Bażiku ta' l-Aġenzija jew l-“Ajru Uniku”), sabiex jiġi evitat xogħol doppju fil-proċessi tat-tfassil tar-regoli u r-regoli sussegwenti, għandha tiġi deċiża mill-Kummissjoni skond il-merti ta' kull każ individwali. Għaldaqstant mhuwiex propizju li dan it-tip ta' tagħmir jiġi kkunsidrat f'din l-RIA, peress li diġà jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar l-avjazzjoni.

Barra minn hekk, il-proposta ta' l-Aġenzija tkopri tagħmir ieħor imsemmi fl-Anness 14 ta' l-ICAO, kif muri fit-Tabella 40 hawn isfel:

Rekwiżiti għal tagħmir ta' l-ajrudromi	Eżempji ta' tagħmir	Imsemmija fi		
		ICAO Anness 14	ER	
Strumenti li jkejlu l-frizzjoni	μ miters	2.9	A.1.a..v	
Ġestjoni tal-passiġġieri	Turġien, karozzi tal-linja, "fingers"		A.1.f	
Immaniġġjar ta' bagalji	Apparat ta' tagħbija u ħatt		B.1.a	
Indikaturi u strumenti ta' sinjalazzjoni	Indikaturi tad-direzzjoni tar-riħ	5.1.1	A.3.a	
Dwal tar-runway u tat-taxiway	Dwal tal-linja taċ-ċentru tar-runway	5.3.12	A.3.a	
Sistemi ta' enerġija elettrika	Provvisti għal għajnuna fin-navigazzjoni	8.1	A.3.b	
Apparat ta' salvataġġ	Ambulanzi; dgħajjes	9.1	B.1.k	
Aġenti ta' tifi tan-nar u vetturi RFFS	Rata ta' skarigu	9.2	B.1.k	
Tneħħija ta' inġenji ta' l-ajru diżabilitati	Krejnijiet	9.3	B.1.a	
Frangibbiltà	Ta' antenni CNS	9.9	A.1.c.iii	
Immaniġġjar tar-rampi	Gwida għall-parkeġġ	Apparat tad-docking	5.3.24	A.3.a
	Parkeġġ	Blokko		B.1.a
	Startjar ta' magna	Unitajiet ta' l-enerġija esterni		B.1.a
	Irmunkar	Vetturi ta' l-irmunkar		B.1.a
Servizzi lil inġenji ta' l-ajru	Tindif	Tisfija tat-toilets		B.1.a
	Arja kondizzjonata u enerġija	Unitajiet ta' l-enerġija esterni		B.1.a
	De- Anti-icing	De icing	3.15	B.1.a
Għoti ta' karburant		Apparat tal-karburant fiss jew mobbli		B.1.h
Provvista ta' ikel u xorb		Vannijiet		B.1.a

Tabella 40: Eżempji ta' tagħmir li jaqa' taħt ir-Regolament Basiku ta' l-EASA estiż

Fil-każ ta' l-għażla 4A, ebda regola speċifika ta' l-UE (e.ż. ETSO) m'hi ser tkun stabbilita għal dak it-tagħmir. Għalhekk ebda **organizzazzjoni ta' disinn u produzzjoni m'hi ser tintlaqat mill-għażla 4A.**

Sabiex jiġi stmat in-numru ta' organizzazzjonijiet ta' disinn u produzzjoni potenzjalment affettwati mill-għażliet 4B u 4Ċ l-Aġenzija tosserva li f'wieħed mill-avvenimenti ewlenin organizzati minn ACI Europe, ippjanat fit-tmiem ta' l-2007 ġew offruti madwar 60 spazju għal esibituri ²⁶. Numru simili esibixxew fl-"Airport Exchange" f'Diċembru 2006. B'hekk **huwa preżunt numru ta' madwar 100 kumpannija potenzjalment affettwata, fir-rigward tad-disinn u l-produzzjoni ta' tagħmir ta' l-ajrudromi, relatati ma' l-għażliet 4B jew 4Ċ.**

²⁶ <http://www.pps-events.com/apex/sponsors.asp>

2.7.2.6 Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi

Barra minn hekk wieħed jassumi li l-manutenzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi se jkun ir-responsabbiltà ta' l-entità li tużah (per eżempju *ground handlers* jew l-operaturi ta' l-ajruport). Huma jkunu jridu juru lill-Awtorità kompetenti li l-manutenzjoni hija organizzata u titwettaq b'mod tajjeb, kemm internament jew permezz ta' partijiet terzi. Fin-nuqqas ta' evidenza dwar is-sigurtà li tidentifika riskji sinifikanti li jtnisslu minn manutenzjoni difettuża tat-tagħmir ta' l-ajrudromi, bħalissa huwa kkunsidrat bħala sproporzjonat li wieħed jimponi rekwiżiti għal tagħmir bħal dan fuq l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni. Għaldaqstant huma mhux se jkunu affettwati mill-politika prevista. Jekk tinħoloq il-ħtieġa fil-ġejjieni għal oġġetti speċifiċi ta' tagħmir ta' l-ajrudromi, irid jitwettaq RIA adattat għal dak il-każ.

2.7.2.7 Sommarju ta' l-entitajiet milquta

Bħala konklużjoni, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ppreżentata fis-sotto-paragrafi 2.7.2.1 sa 2.7.2.6 ta' fuq, in-numru ta' entitajiet milquta huwa stmat fit-tabella 41 ta' taħt:

L-GĦAŻLA		In-Numru Kkalkulat				
Id.	Deskrizzjoni	Ajrudromi	L-Operaturi ta' l-ajrudromi	Ground handlers	Disinn** u produzzjoni	Awtoritajiet
4A	Tagħmir ta' l-ajrudromi li mhux irregolat fil-livell ta' l-UE.	3000	2750	100	0	46
4B	ETSOs għal tagħmir “mhux standardizzati” u d-dikjarazzjoni tal-verifika.			1000	100*	46 + L-Aġenzija
4C	Bħal 4B, imma mingħajr ir-rekwiżit ta' dikjarazzjoni tal-verifika.				100*	

* in-numru attwali se jiġi evalwat matul l-RIA għal kull ETSO individwali. F'dan il-każ l-ordni tad-daqs jista' jkun f'firxa ta' għexieren, mhux ta' mijiet.

** Fil-preżent m'huwix previst li jkun hemm regolazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi.

Tabella 41: In-numru ta' l-entitajiet milquta minn regoli dwar it-tagħmir ta' l-ajrudromi

2.7.3 L-impatt tas-sigurtà

Kif kien spjegat fl-Opinjoni, l-Aġenzija temmen li anki t-tagħmir ta' l-ajrudromi għandu jkun inkluż fil-firxa tar-Regolament Bażiku emendat, biex b'hekk toffri bażi soda għall-ispeċifikazzjonijiet żviluppati mill-industrija. Dan it-tagħmir, meta jinħadem, għandu naturalment ikun suġġett għall-verifika dwar il-konformità ma' l-ERs u mar-regoli ta' l-implimentazzjoni li japplikaw, kif ukoll ma' leġiżlazzjoni oħra li tapplika (per eżempju dwar l-interferenza elettromanjetika) jew l-ispeċifikazzjonijiet komunitarji rilevanti.

Meta jkun mitlub mill-ETSO applikabli (jekk tinħareġ), dak id-disinn tat-tagħmir se jkun iċċertifikat u t-tagħmir maħdum se jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata mill-produttur flimkien ma' referenza għall-ETSO (bħall-partijiet ta' l-ajruplani). Id-disinjaturi u l-produtturi f'dan il-każ, iridu jkunu awtorizzati.

Dan kollu ta' fuq se japplika għaż-żewġ għażliet, 4B u 4Ċ. Iżda mhux se japplika għall-għażla 4A. L-għażla 4B tirrikjedi lill-operatur ta' l-ajruport (b'żieda mal-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajruport) li jissottoskrivi wkoll dikjarazzjoni tal-verifika għal kull biċċa tagħmir (meta jkun suġġett għall-ETSO) użata jew implimentata fl-ajruport tiegħu.

L-Aġenzija għaldaqstant temmen li:

- L-għażla 4A la se tikkawża titjib u lanqas tnaqqis fir-rigward tas-sigurtà (jibqa' kollox *status quo*);
- Iż-żewġ għażliet 4B u 4Ċ se jikkontribwixxu bl-istess kejl fir-rigward tas-sigurtà.

B'mod aktar partikulari huwa stmat li l-għażla 4B jew l-għażla 4Ċ se twassal għall-impatti sinifikanti fuq is-sigurtà li ġejjin:

- ċertezza legali aħjar dwar ir-regoli li jridu jiġu applikati fir-rigward tat-tagħmir ta' l-ajrudromi u identifikazzjoni aħjar tar-responsabbiltajiet u l-proċessi rrelatati biex tkun ivverifikata l-konformità;
- għalhekk bażi aktar soda għall-istandards ta' l-industrija;
- obbligu impost fuq id-disinjaturi u l-produtturi biex jiddikjaraw il-konformità tal-prodotti tagħhom mar-regoli tas-sigurtà;
- evidenza ta' dikjarazzjonijiet bħal dawn miġbura mill-operatur ta' l-ajruport u użata matul il-proċess taċ-ċertifikazzjoni.

Bħala konklużjoni, bl-applikazzjoni tal-metodoloġija ppreżentata fil-paragrafu 2.1.2 ta' fuq (inkluż fattur peżat ta' 3 għall-impatti fuq is-sigurtà), u meta jintgħażlu l-indikaturi tar-riżultat applikabli marbuta ma' objettivi speċifiċi mill-paragrafu 2.4.5, ikunu jista' jiġi attribwit il-punteġġ għall-impatt fuq is-sigurtà tat-tliet għażliet irrelatati mat-tagħmir ta' l-ajrudromi, kif jidher fit-Tabella 42 li ġejja:

L-Indikaturi tar-Riżultat li huma rilevanti għall-impatt fuq is-sigurtà mir-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi	Il-punteġġ ta' l-għażliet		
	4A	4B	4Ċ
It-tagħmir ta' l-ajrudromi	Ma jsir xejn	ETSO + id-dikjarazzjoni ta' verifika	ETSO + iċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajruport
Indikaturi tas-sigurtà ta' l-ajrudromi	0	1	1
Adozzjoni ta' regoli komuni (jiġifieri l-ETSO)	0	1	1
Awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet li jiddisinjaw u jipproduċu t-tagħmir ta' l-ajrudromi)	0	2	2
TOTAL	0	4	4
TOTAL PEŻAT (Il-punteġġ x 3 għas-sigurtà)	0	12	12

Tabella 42: Il-kalkolu tal-punteġġ għall-impatt fuq is-sigurtà ta' l-għażliet għat-tagħmir ta' l-ajrudromi

2.7.4 L-impatt ekonomiku

L-għażla 4A ma tirrikjedix regoli addizzjonali jew ETSO għat-tagħmir ta' l-ajrudromi. Għaldaqstant l-impatt ekonomiku tagħha jista' jkun evalwat bħala newtrali.

Bil-maqlub, il-mudell propost mill-għażla 4B jew mill-għażla 4Ċ, huwa konsistenti fuq naħa waħda mal-“mudell il-ġdid” u għaldaqstant qrib il-prattiċi attwali ta' l-industrija li huma diġà applikati. Min-naħa l-oħra dan huwa konsistenti mar-regoli ta' l-Aġenzija li diġà huma stabbiliti għall-partijiet ta' l-ajruplani. Ir-regoli ta' l-implimentazzjoni rrelatati jew l-ETSOs, se jispeċifikaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà u l-prestazzjoni li japplikaw għat-tagħmir “mhux standardizzati”, kif ukoll id-dispożizzjonijiet għall-organizzazzjonijiet tad-disinn jew il-produzzjoni. L-approvazzjoni tad-disinn ta' tagħmir bħal dan, fejn ikun japplika, se tkun segwita minn evalwazzjoni dwar il-konformità ffirmata mill-produttur.

Madankollu evalwazzjoni preċiża dwar l-impatt tista' titwettaq biss meta ssir il-proposta tar-regoli msemmija jew ta' l-ETSOs.

Fi kliem ieħor, fil-preżent, fin-nuqqas ta' ETSO, l-ispiża stmata hija zero. Dan japplika l-aktar għall-għażla 4Ċ (jiġifieri ETSO u proċessi assoċjati biss għad-disinn u l-produzzjoni).

Imma barra minn hekk, l-Aġenzija, f'konformità mal-pożizzjoni tal-partijiet b'interess rilevanti, tissuġġerixxi wkoll li għandha titqies l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni jew l-użu b'mod adattat fuq il-post ta' tagħmir speċifiku ta' l-ajrudromi. Għal dan il-għan, l-għażla 4Ċ tassumi li l-verifika tat-tagħmir implimentat hija parti integrali mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi. **Għaldaqstant l-għażla 4Ċ ma timplika l-ebda spiża addizzjonali, fir-rigward ta' l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi, li diġà huma stmata fil-paragrafu 2.6.4.2 ta' fuq.**

Bil-kuntrarju l-għażla 4B timponi fuq l-operaturi ta' l-ajrudromi proċess addizzjonali (simili għal dak li fih²⁷ is-“Ajru Uniku” fil-preżent kif indirizzat lill-ANSPs) ta' “dikjarazzjoni ta' verifika” għat-tagħmir ta' l-ajrudromi installat jew akkwistat. L-għażla 4B b'hekk mhux se timplika spejjeż addizzjonali għall-Awtoritajiet kompetenti, jew il-kumpaniji li jimmaniġġjaw fuq l-art. Għall-Aġenzija iż-żewġ għażliet 4B u 4Ċ se jirrikjedu ċertu sforz għar-regolamentazzjoni, li madankollu huwa meqjus li kien diġà inkluż fl-evalwazzjoni globali ta' l-ispejjeż tar-regolamentazzjoni fil-paragrafu 2.6.4.5 ta' fuq.

Iżda l-għażla 4B se timponi proċess addizzjonali fuq l-operaturi ta' l-ajrudromi, mhux biss biex iwettqu l-verifika tas-sistemi implimentati (din diġà ssir illum u vverifikata miċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi), imma biex ikunu amministrati l-proċeduri, u għall-kumpilazzjoni u l-arkivjar tad-dikjarazzjonijiet ta' verifika. Huwa stmat li għall-ajrudromi l-kbar (stmata li hawn 700 f'2.6.2.1 ta' fuq), dan jista' jimplika madwar 0.5 FTEs (jiġifieri 630 siegħa ta' xogħol = 69,300 EUR/sena), għal piż ekonomiku totali fuqhom ta' 69KEUR x 700 = 48,300 kEUR/sena. Għall-2300 li jibqa' (jiġifieri t-3000 fil-firxa – 700) il-piż huwa stmat li jkun ħafna iżgħar: 0.2 FTEs għal kull wieħed minnhom (= 252 siegħa = 27,720 EUR/sena). Li meta jiġu mmultiplikati b'2300, jiġu 63,756 kEUR (2006)/sena. Għalhekk b'kollox l-ispiża addizzjonali ta' l-għażla 4B tista' tiġi stmata (għat-300 ajruport fil-firxa) bħala 48,300 + 63,756 = 112,056 kEUR (2006)/sena. L-ispejjeż stmata jistgħu għalhekk jinġabru fil-qosor kif jidher fit-Tabella 43 taħt:

²⁷ Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004, dwar l-interoperabilità tax-xibka Ewropea ta' l-amministrazzjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (*ĠU L. 96 tal-31 ta' Marzu 2004, paġni 26-42*).

L-ispiża kkalkulata tar-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi	Elf EUR (2006)/sena		
	4A	4B	4Ċ
It-tagħmir ta' l-ajrudromi	Tagħmel xejn	ETSO + dikjarazzjoni ta' verifika	ETSO + ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi
Tagħmir fir-regolazzjoni bażika (jiġifieri dikjarazzjoni ta' verifika)	0	112,056	0
Adozzjoni ta' regoli ta' l-implimentazzjoni komuni (ETSO)	0*	0*	0*
Disinn u produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi	0*	0*	0*
TOTAL	0	112,056	0

*spiża = żero fin-nuqqas ta' l-ETSOs. RIA speċifika li tiddokumenta l-ispejjeż u l-benefiċċji se titwettaq qabel tinħareġ l-ETSO.

Tabella 43: Sommarju ta' l-ispiża tar-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi

Barra l-ispejjeż stnati fuq, l-għażliet 4B u 4Ċ jistgħu madankollu jipproduċu impatti ekonomiċi oħra, bħal:

- ir-rikonossiment miż-żewġ naħat ta' l-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi, li jikkontribwixxi għall-bini tas-suq intern;
- aktar standardizzazzjoni u aktar kompetizzjoni għall-prodotti li joffru l-kwalità rekwiżita, b'effetti pożittivi fuq il-prezzijiet.

Il-kalkoli kwantittattivi u kwalitattivi ta' fuq ta' l-impatt ekonomiku mbaġħad jistgħu jkunu espressi f'punteġġi fit-Tabella 44 li ġejja:

L-Indikaturi tar-Riżultat li huma rilevanti għall-impatt ekonomiku tar-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi	Il-punteġġ għall-għażliet		
	3A	3B	3Ċ
It-tagħmir ta' l-ajrudromi	Tagħmel xejn	ETSO + dikjarazzjoni ta' verifika	ETSO + ċertifikazzjoni ta' l-ajruport
Tagħmir fir-regolazzjoni bażika (jiġifieri dikjarazzjoni ta' verifika)	0	- 3	0
Adozzjoni ta' regoli ta' l-implimentazzjoni komuni (ETSO)	0	0	0
Disinn u produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi	0	0	0
TOTAL	0	- 3	0
TOTAL PEŻAT (Il-punti x 2 għall-impatt ekonomiku)	0	- 6	0

Tabella 44: Il-punteġġ għall-impatt ekonomiku ta' l-għażliet għat-tagħmir ta' l-ajrudromi

2.7.5 Impatt ambjentali

L-Anness 14 ta' l-ICAO fil-preżent ma fihx dispożizzjonijiet għall-impatt ambjentali ta', per eżempju, il-vetturi ta' l-ajruport jew kwalunkwe materjal, fluwidu jew aġent ieħor użat fl-operazzjonijiet ta' l-ajruport. Il-qafas propost minn 4B jew 4Ċ, li jqiegħed is-sisien għall-

possibbiltà tar-regolazzjoni tat-tagħmir fil-ġejjieni, se jkollu impatt pożittiv ħafif (jiġifieri +1) fuq l-ambjent. Meta l-metodoloġija fil-paragrafu 2.1.2 ta' fuq tkun applikata, dan l-impatt ħafif irid jiġi "peżat" bi 3.

2.7.6 Impatt Soċjali

L-għażla 4A għandha titqies bħala newtrali fl-ambitu soċjali. Bil-kuntrarju ż-żewġ għażliet 4B u 4Ċ jista' jkollhom impatt soċjali pożittiv ħafif (+1) fir-rigward ta':

- impjegi aktar ikkwalifikati fl-organizzazzjoniet tad-disinn u l-produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi;
- ħruġ mis-suq tal-kumpaniji li m'humex strutturati biżżejjed;
- żieda fil-kwalità tax-xogħol imwettaq u għaldaqstant fil-kompettitività tal-prodotti Ewropej fl-ambitu tal-proporzjon prezz/kwalità.

Dan l-impatt pożittiv ħafif, skond il-metodoloġija fil-paragrafu 2.1.2, għandu jiġi peżat bi 2.

2.7.7 Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-firxa preżenti ta' l-EASA

L-ebda ETSO jew regoli ta' l-implimentazzjoni ma jidduplikaw ir-regoli eżistenti fil-qafas ta' l-"Ajru Uniku". Kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet ikkunsidrati għaldaqstant se jkunu newtrali f'dak ir-rigward.

2.7.8 Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rrakkomandata

Skond il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi 2.7.3 sa 2.7.7, tista' tinħoloq il-matriċi li ġejja għall-MCA:

Il-punteġġ peżat ta' l-għażliet għall-firxa tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE		4A	4B	4Ċ
It-tagħmir ta' l-ajruport		Tagħmel xejn	ETSO + dikjarazzjoni ta' verifika	ETSO + ċertifikazzjoni ta' l-ajruport
L-oġġett ta' l-impatt	Valur peżat			
Sikurezza	3	0	12	12
Ekonomiku	2	0	- 6	0
Ambjentali	3	0	3	3
Soċjali	2	0	2	2
Fuq regolamenti oħra ta' l-avjazzjoni	1	0	0	0
TOTAL PEŻAT		0	11	15

Tabella 46: Analiżi bi Kriterji Multipli għat-tagħmir ta' l-ajrudromi

Mit-Tabella ta' fuq, wieħed jista' jara li l-għażla 4A tidher batuta ħafna meta mqabbla maż-żewġ għażliet possibbli l-oħra. Fosthom 4Ċ tikseb punteġġ li huwa ħafna aħjar minn 4B. B' mod partikulari, l-għażliet 4B u 4Ċ:

- Jiksbu punteġġ ħafna aħjar mill-għażla 4A fl-ambitu tas-sigurtà;
- Jistgħu jqegħdu s-sisien għal ġestjoni ambjentali aħjar fl-ajrudromi;
- Jistgħu jtejbu l-kwalità u l-kwantità ta' l-impjegi fl-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi.

Iżda l-għażla 4B tista' tiswa madwar 100 Miljun EUR(2006)/sena, waqt li l-għażla 4Ċ, barra li ma twassal għall-ebda spiża addizzjonali, hija l-aħjar waħda biex tkabbar l-interoperabbiltà globali. Kien għalhekk li l-Aġenzija inkludiet fl-Opinjoni tagħha din l-għażla 4Ċ (jiġifieri speċifikazzjonijiet Komunitarji żviluppatti b'mod volontarju mill-industrija u appoġġjati mill-ETSO ta' l-Aġenzija kull fejn meħtieġ biex jinkisbu libelli ta' sigurtà adattati; ir-regolazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni rrelatati u l-verifika tat-tagħmir ta' l-ajrudromi implimentat matul il-proċess normali taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza ta' l-ajrudromi).

2.8 Analiżi ta' l-impatti tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni

2.8.1 Għażliet alternattivi

L-għażliet alternattivi li ġejjin għall-proċess ta' ċertifikazzjoni kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 ta' fuq:

The following alternative options for the certification process have been identified in paragraph 2.5.2 above:

- 7A): Proċess taċ-ċertifikazzjoni (li jħaddan l-infrastruttura u l-ġestjoni) rekwiżit f'kull ajruport (li serva bħala l-linja bażi għall-paragrafu 2.6 ta' fuq);
- 7B): Ċertifikat individwali għall-infrastruttura u t-tagħmir għal kull ajruport, flimkien ma' ċertifikat "singolu" għal organizzazzjoni fuq livell ta' kumpanija għall-kumpaniji kollha li joperaw bosta ajrudromi;
- 7Ċ): Bħal 7B, imma biss meta ċertifikat "singolu" jintalab mill-operatur.

2.8.2 Grupp fil-mira u għadd ta' entitajiet ikkonċernati

2.8.2.1 Operaturi ta' l-ajrudromi

Il-*groundhandlers* u l-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi mhux se jkunu affettwati minn dawn it-tliet għażliet alternattivi possibbli.

Għall-maġġoranza kbira ta' l-operaturi ta' l-ajrudromi, il-ġestjoni ta' ajruport wieħed, kemm jekk fi tmiem il-proċess taċ-ċertifikazzjoni jinħareġ dokument wieħed jew żewġ dokumenti separati (jiġifieri wieħed għall-infrastruttura; it-tieni għall-operazzjonijiet u l-immaniġġjar), se jkollha impatt ta' importanza żgħira ħafna minn kull perspettiva. L-impatt ta' dan il-proċess taċ-ċertifikazzjoni diġà kien evalwat fil-paragrafu 2.6 ta' fuq, u għaldaqstant, fil-każ ta' l-għażla 7A, la l-ajrudromi u lanqas l-operaturi ta' l-ajrudromi mhu se jkunu suġġetti għal impatti addizzjonali.

Viċi versa, il-madwar **25 operatur** ta' ajrudromi multipli, identifikati fil-paragrafu 2.7.2.3, li b'kollox jimmaniġġjaw **275 ajruport, kollha se jintlaqtu mill-għażla 7B**, li tobbligahom jitolbu Ċertifikat "Uniku" ta' Operatur ta' Ajruport.

Fil-każ ta' l-għażla 7Ċ, kull operatur ta' ajrudromi multipli, se jiddeċiedi jekk jitlobx jew le ċertifikat "singolu" għall-ġestjoni tiegħu (prinċipalment il-ġestjoni ċentralizzata tas-sigurtà u l-kwalità). Minħabba li fil-preżent din m'hijiex Prattika stabbilita universalment, wieħed jassumi li din tista' tinvolvi madwar 40% tal-kandidati potenzjali: jiġifieri **10 operaturi minn 25**. Minħabba li bħala medja l-25 operatur imsemmija jimmaniġġjaw madwar 11-il ajruport kull wieħed, allura wieħed imbagħad jassumi li l-għadd ta' l-ajrudromi li possibilment ikunu affettwati se jkun f'firxa ta' madwar 100.

2.8.2.2 Awtoritajiet kompetenti

L-Opinjoni ta' l-Aġenzija tassumi li ajruport jista' jkun il-proprjetà ta' jew immaniġġjat minn entità pubblika jew kumpanija privata jew taħt xi mekkaniżmu ieħor (per eżempju operatur "korporatizzat" li l-ishma tiegħu jkunu fil-maġġoranza jew fit-totalità tagħhom f'idejn Awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali jew lokali). Imma, ikun x'ikun il-każ, hija tassumi wkoll li, meta l-operatur ikun entità pubblika, l-istruttura ta' l-operat u l-ġestjoni, għandha tkun indipendenti mhux biss mill-istruttura interna tas-sigurtà u l-kwalità, imma wkoll mill-funzjoni pubblika taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza.

Dan il-prinċipju ta' separazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' sorveljanza u l-organizzazzjonijiet ekonomiċi, huwa stabbilit sewwa fl-ajrunavigabilità (anki għall-kumpaniji tad-disinn u l-produzzjoni li huma ta' l-Istat) u t-titjir. Dan kien ukoll introdott b'mod espliċitu fl-Ajru Uniku Ewropew²⁸.

Jidher li:

- Fil-Greċja u l-Litwanja, il-Ministeru tat-Trasport huwa direttament responsabbli (għall-inqas f'xi każijiet) għall-immaniġġjar u l-operat ta' l-ajrudromi. Madankollu iż-żewġ pajjiżi huma membri u jipparteċipaw b'mod attiv fil-GASR: għaldaqstant wieħed jassumi li l-funzjoni ta' sorveljanza dwar is-sigurtà hija diġà stabbilita b'mod separat;
- Anki f'Ċipru, il-Ministeru tat-Trasport huwa responsabbli għall-operat u l-ġestjoni ta' l-ajrudromi, imma dak il-pajjiż m'huwix membru tal-GASR: għalhekk hemmhekk it-twaqqif ta' funzjoni separata ġdida għas-sorveljanza tas-sigurtà jista' jkun meħtieġ;
- Fi Stati oħra (per eżempju Franza, l-Italja) uffiċjali pubbliċi, f'xi każijiet residenti fl-ajruport, barra li huma responsabbli għas-sorveljanza tas-sigurtà, huma wkoll responsabbli għall-ġestjoni ta' ċerti attiivtajiet (per eżempju l-RFFS; il-pjanijiet ta' emerġenza lokali).

Il-mistoqsija aħħarija ta' fuq, madankollu, hija rrelevanti fl-ambitu ta' l-impatt, minħabba li r-rekwiżiti essenzjali kif proposti mill-Aġenzija, iqisu dawn is-sitwazzjonijiet. Għalhekk l-Awtorità Ċiprijotta biss tista' possibilmment tkun affettwata mill-prinċipju msemmi tas-separazzjoni.

L-Aġenzija mhux se tkun affettwata, minħabba li fil-preżent mhux mistennija li tkun direttament involuta fiċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza ta' l-ajrudromi jew l-operaturi ta' l-ajrudromi.

Għalhekk, fil-każ ta' l-għażla 7A, l-ebda impatt mhu se jkun ikkaġunat b'mod ġenerali fuq l-Awtoritajiet, b'żieda ma' dak li diġà kien ikkunsidrat fil-paragrafu 2.6 ta' fuq (u barra l-Awtorità Ċiprijotta msemmija).

Bil-maqlub, fil-każ ta' l-għażla 7B, is-17-il Awtorità kompetenti kollha għall-pajjiżi mniżżla fil-paragrafu 2.7.2.3 ta' fuq, se jkunu direttament milquta mill-proċessi taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza.

Finalment, fil-każ ta' l-għażla 7Ċ, l-għadd ta' l-Awtoritajiet involuti direttament mhux se jkun akbar mill-għadd ta' l-applikanti (jiġifieri 10).

²⁸ Artikolu 4.2 tar-Regolament (KE) 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004, li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien ta' l-Ajru Uniku Ewropew (*ĠU L.96 tat-13 ta' Marzu 2004, paġni 1-9*).

2.8.2.3 Sommarju ta' l-entitajiet milquta

Bħala konklużjoni l-għadd ta' l-entitajiet ikkonċernati huwa stmat fit-Tabella 47 ta' taħt:

GĦAŻLA		Operaturi ta' l-Ajrudromi	Ajrudromi	Awtoritajiet Kompetenti	
Id.	Deskrizzjoni			Ħtieġa ta' separazzjoni fil-funzjonijiet ta' sorveljanza	Twettiq ta' sorveljanza
7A	Proċess taċ-ċertifikazzjoni (infrastruttura u ġestjoni) f'kull ajruport	0	0	1	0
7B	Ċertifikat singolu mandatorju	25	275		17
7Ċ	Ċertifikat singolu volontarju	10	100		10

Tabella 47: L-għadd ta' l-entitajiet milquta mit-tibdiliet fil-proċess taċ-ċertifikazzjoni

2.8.3 Impatt fuq is-sigurtà

Sistema ta' ġestjoni organizzata tajjeb (prinċipalment tas-sigurtà u l-kwalità), kemm jekk tkun mifruxa b'mod totali kif ukoll jekk tkun imsawra madwar funzjoni ċentrali, għandha effett pożittiv fuq is-sigurtà. Imma l-Aġenzija temmen li huwa diffiċli ħafna li wieħed juri f'termini ġenerali li xi forma ta' organizzazzjoni għandha impatt fuq is-sigurtà aktar mill-oħra.

Bl-istess mod, il-ħruġ ta' wieħed jew żewġ dokumenti fi tmiem il-proċess taċ-ċertifikazzjoni ma jitqisx li għandu impatt fuq is-sigurtà.

Bħala konklużjoni t-tliet għażliet ikkunsidrati kollha huma newtrali fir-rigward ta' l-impatt fuq is-sigurtà.

2.8.4 Impatt ekonomiku

2.8.4.1 Operaturi ta' l-ajrudromi

Fil-każ ta' l-għażla 7A, għall-operaturi ta' l-ajrudromi l-ispiża tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni se tibqa' kif kien ikkalkulat fil-paragrafu 2.6.4.2 ta' fuq. Għalhekk din l-għażla la se tfisser spejjeż addizzjonali, u lanqas tfaddil. Huwa impliċitu li f'dan il-każ is-sistema tal-ġestjoni se tibqa' mifruxa b'mod totali, anki għall-kumpaniji li jimmaniġġjaw aktar minn ajruport wieħed. L-għadd tal-persunal meħtieġ f'dan il-każ, jeħtieġ madankollu li jkun ikkalkulat, minħabba li dan se jkun il-linja bażi li miegħu jkun evalwat l-impatt ta' l-għażliet 7B u 7Ċ.

Għaldaqstant wieħed għandu jiftakar li fil-paragrafu 2.6.4.3 ta' fuq għadd ta' 3 FTEs kienu stmati għall-Ġestjoni tas-Sigurtà f'kull ajruport miftuħ għal traffiku kummerċjali regolari: u dawn huma tabilħaqq l-ajrudromi ta' l-operaturi taħt kunsiderazzjoni. Għal Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà u l-Kwalità integrata, wieħed imbagħad jassumi li bħala medja 5 FTEs huma mpjegati f'kull ajruport fil-każ ta' organizzazzjoni mifruxa b'mod sħiħ, b'0 FTEs fil-livell ċentrali.

Biex ikun evalwat l-impatt ekonomiku ta' l-għażla 7B wieħed assumi li 275 ajruport iridu jitqiesu, operati minn 25 entità. Fi skema ta' organizzazzjoni mifruxa, dan ikun jeħtieġ 5 FTEs x 275 ajruport = 1375 FTEs b'kollox.

Imbagħad huwa stmat li madwar 20% tar-riżorsi ddistribwiti jista' jiġu ffrankati f'kull ajruport, jekk funzjoni ċentrali tkun stabbilita minn kull wieħed mill-25 operatur involut, jiġifieri:

- 1 FTE ffrankat (jiġifieri 20% ta' 5) x 275 ajruport = - 275 FTEs;
- - 275 FTEs x 138,600 EUR = tiffdil potenzjali - 38,115 k EUR/sena;

Imma 25 operatur ikunu jridu jistabbilixxu funzjoni ċentrali li tinkludi l-ġestjoni tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-kwalità u l-verifika interna (jiġifieri li jispezzjonaw l-ajrudromi lokali huma stess). Din il-funzjoni ċentrali tista' tkun teħtieġ 5 FTEs għal kull entità. Għaldaqstant bħala total għal 25 entità: 125 FTEs = 17,325 k EUR/sena.

It-tiffdil li jirriżulta għall-25 operatur ta' l-ajrudromi fil-każ ta' l-għażla 7B jista' mbagħad jiġi stmat bħala:

- - 275 + 125 = - 150 FTEs;
- - 38,115 + 17,325 = - 20,790 k EUR/sena.

Madankollu, l-ispiża tat-tranżizzjoni għall-kumpaniji li jeħtieġu li jirristrukturaw l-organizzazzjonijiet tagħhom tista' tibbilanċja dan it-tiffdil potenzjali għal għadd ta' snin.

Fil-paragrafu 2.8.2.1 ta' fuq, saret is-suppożizzjoni li, fil-każ ta' l-għażla 7C (jiġifieri ċertifikat uniku volontarju), madwar 40% biss (jiġifieri 10) mill-entitajiet li jimmaniġġjaw ajrudromi multipli se japprofittaw ruħhom mill-possibiltà li jitolbu ċertifikat uniku. F'dan il-każ, it-tiffdil se jammonta għal 40% tal-kwantitajiet stmati fuq. Jiġifieri:

- - 40% x 150 = - 60 FTEs;
- - 40% x 20,790 = - 8,316 k EUR (2006)/sena.

2.8.4.2 Awtoritajiet Kompetenti

Għall-Awtoritajiet kompetenti wieħed għandu jiftakar li fil-paragrafu 2.3.3.3 ta' fuq kien ikkalkulat li 1 FTE jista' jkun biżżejjed għas-sorveljanza ta' ftit aktar minn 3 ajrudromi. Għalhekk f'Ċipru, **1 FTE se jkun biżżejjed għal funzjoni bħal din (= 138,600 k EUR/sena).** Dan se japplika wkoll għall-għażliet kollha kkunsidrati. Fil-każ ta' l-għażla 7A dan jirrapreżenta l-ispiża totali addizzjonali, peress li ebda Awtorità oħra m'hi affetwata.

Imbagħad, fil-paragrafu 2.6.4.2 ta' fuq kien ikkalkulat li l-isforz meħtieġ minn Awtorità waħda biex tiċċertifika (u wara biex twettaq sorveljanza kontinwa fuq) ajruport wieħed jinsab fil-medda ta' 120 siegħa ta' xogħol bi spiża medja (2006) ta' 110 EUR + 10 EUR għall-ivvjaġġar domestiku.

Fil-każ ta' l-għażla 7B, 275 ajruport huma affettwati, li jwassal għal total ta' 33,000 siegħa ta' xogħol = 26 FTEs = 3,604 k EUR (2006)/sena. Jekk wieħed jassumi li 30% ta' dan l-isforz jista' jkun iffrankat (sistema ta' ġestjoni mhux ivverifikata f'kull ajruport uniku), dan iwassal għal tiffdil totali għas-17-il Awtorità li kollha huma involuti, ta':

- - 30% x 26 + 1 = - 7 FTEs;
- - 30% x 3,604 + 138,6 = - 942.6 K EUR/sena.

Fil-każ ta' l-għażla 7C 40% biss ta' dak it-tiffdil se jinkiseb: - 3 FTEs, - 377 k EUR/sena.

2.8.4.3 Sommarju ta' l-impatt ekonomiku

Bħala konklużjoni l-ispejjeż addizzjonali jew it-tifdil li jitnisslu mit-tliet għażliet ikkunsidrati jistgħu jkunu stmati kif ippreżentat fit-Tabella 48 ta' taħt:

Parametru	Għall-Awtoritajiet kompetenti	Għall-operaturi ta' l-ajrudromi	TOTAL
Għażla 7A = Proċess taċ-ċertifikazzjoni f'kull ajrudrom			
FTEs	1	0	1
kEUR 2006	138.6	0	138.6
Għażla 7B = Ċertifikat singolu mandatorju (25 operatur; 275 ajrudrom)			
FTEs	- 7	- 150*	- 157
kEUR 2006	- 943	- 20,790*	- 21,733
Għażla 7Ċ = Ċertifikat singolu volontarju (10 operaturi; 100 ajrudrom)			
FTEs	- 3	- 60	- 63
kEUR 2006	- 377	- 8,316	- 8,693

*Esklużi l-ispejjeż tat-tranżizzjoni għall-kumpaniji li għadhom m'humiex strutturati b'funzjonijiet ċentrali għas-sigurtà u l-kwalità.

Tabella 48: Tifdil ikkalkulat għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi

Il-kalkoli kwantitattivi kollha ta' fuq ta' l-impatt ekonomiku jistgħu għaldaqstant ikunu espressi b'punteġġ fit-Tabella 49 li ġejja:

L-Indikaturi tar-Riżultat li huma rilevanti għall-impatt ekonomiku tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni	Il-punteġġ għall-għażliet		
	7A	7B	7Ċ
Ċertifikati	Proċess taċ-ċertifikazzjoni f'kull ajruport	Ċertifikat singolu mandatorju	Ċertifikat singolu volontarju
L-ajrudromi f'regolazzjoni bażika (separazzjoni tas-superviżjoni fuq is-sigurtà)	- 1	- 1	- 1
Introduzzjoni u esplojtazzjoni taċ-ċertifikat singolu (operaturi)	- 1	3	2
Il-persunal f'Awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza	- 1	2	1
TOTAL	- 3	4	2
TOTAL PEŻAT (Punteġġ x 2 għall-impatt ekonomiku)	- 6	8	4

Tabella 49: Il-punteġġ għall-impatt ekonomiku tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi

2.8.5 Impatt Ambjentali

It-tliet għażliet kollha se jkollhom impatt newtrali fl-ambitu ta' l-ambjent, minħabba li huma relatati biss ma' l-organizzazzjoni ta' xi proċessi ta' ġestjoni u sorveljanza.

2.8.6 Impatt soċjali

L-għażla 7A għandha titqies newtrali fl-ambitu ta' l-impatt soċjali: l-ebda entità m'hija mgeġġha torganizza mill-ġdid, ħlief l-Awtorità Ċiprijotta, li jista' jwassal għal post ta' impjeg wieħed addizzjonali.

L-għażla 7B tista' mhux biss telimina madwar 160 impjeg (jiġifieri tillimita l-impatt pożittiv għall-impjegji stmat għall-għażla 3B fil-paragrafu 2.6.7 ta' fuq), imma se tisforza wkoll lill-operaturi kollha ta' ajrudromi multipli biex jorganizzaw ruħhom skond il-mudell identiku deċiż b'mod ċentrali, bħallikieku "qies wieħed jgħodd għal kulħadd". Għaldaqstant għandha titqies bħala negattiva (jiġifieri - 2) fl-ambitu soċjali, li għalih kien assenjat "piż" ta' 2 fil-paragrafu 2.1.2 ta' qabel.

Fl-aħħar nett l-għażla 7Ċ tista' tirrikjedi madwar 63 impjeg inqas, li jfisser li globalment xorta jibqa' għadd sinifikanti ta' impjegji addizzjonali, minħabba li madwar + 280 FTE kienu stmati għall-għażla 3B msemmija f'tit linji aktar 'l fuq. Barra minn hekk din l-għażla se tħalli lil kull entità libera li tagħżel l-organizzazzjoni li tippreferi, u anki libera li tiddeċiedi jekk u meta torganizzax lilha nnifisha mill-ġdid. Għaldaqstant din l-għażla għandha titqies bħala pożittiva ħafna fl-ambitu soċjali (jiġifieri 3 x "piż" ta' 2 = 6).

2.8.7 Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-firxa preżenti ta' l-EASA

L-għażla 7A se tistabilixxi l-prinċipju tas-separazzjoni bejn l-operat u s-sorveljanza, b'mod simili għall-"Ajru Uniku". Imbagħad se tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tar-regolazzjoni f'diversi oqsma. L-impatt tagħha għaldaqstant irid jitqies bħala f'tit pożittiv (jiġifieri 1).

L-għażla 7B u 7Ċ, iwasslu għall-possibilità ta' sistema ta' ġestjoni ċentralizzata (sigurtà u kwalità); iridu jitqiesu bħala saħansitra aktar pożittivi (jiġifieri 2).

2.8.8 Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rrakkomandata

Skond il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi 2.8.3 sa 2.8.7 iktar 'il fuq, tista' tinholq il-matriċi li ġejja għall-MCA:

Il-punteġġ peżat ta' l-għażliet għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni		7A	7B	7Ċ
L-oġġett ta' l-impatt	Valur peżat	Proċess taċ-ċertifikazzjoni f'kull ajrudrom	Ċertifikat singolu mandatorj u	Ċertifikat singolu volontarju
Sikurezza	3	0	0	0
Ekonomiku	2	- 6	8	4
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	0	- 4	6
Fuq Regolamenti oħra ta' l-avjazzjoni	1	1	2	2
TOTAL PEŻAT		- 5	6	12

Tabella 50: Analiżi bi Kriterji Multipli għat-tagħmir ta' l-ajrudromi

Minnha wieħed jista' jara li l-għażla 7A jidher li għandha impatt globali negattiv. Fost it-tnejn li baqa', l-għażla 7Ċ tikseb punteġġ li huwa d-doppju ta' 7B.

B'mod partikulari, l-għażla 7Ċ tikseb punteġġ ikbar minn 7B fl-ambitu soċjali, minħabba li la twassal għal tnaqqis fl-impjegji (jiġifieri ma tibbilanċjax b'mod sinifikanti l-impjegji

addizzjonali maħluqa mill-għażla 3B), u lanqas tisforza lil xi entità (ħlief l-Awtorità Ċiprijotta) biex torganizza lilha nnifisha mill-ġdid. Barra minn hekk, anki jekk inqas mill-għażla 7B, hija madankollu se jkollha impatt ekonomiku pożittiv.

Dik hija r-raġuni għaliex l-Aġenzija fl-Opinjoni tagħha inkludiet għażla bħas-7Ċ (jiġifieri ċertifikat singolu għal operatur ta' ajruport biss jekk jintalab b'mod volontarju).

2.9 Analiżi ta' l-impatti ta' l-ġhoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni

2.9.1 Għażliet alternattivi

L-għażliet alternattivi li ġejjin għall-irwol tal-korpi ta' valutazzjoni kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 ta' fuq:

- 8A): Korpi ta' valutazzjoni akkreditati, b'żieda ma' l-Awtoritajiet kompetenti, li huma intitolati li jiċċertifikaw u jissorveljaw ajrudromi speċifiċi inqas kumplessi. L-applikanti jiddeċiedu dwar lil liema entità li tiċċertifika jindirizzaw it-talba tagħhom;
- 8B): Korpi ta' valutazzjoni akkreditati, b'żieda ma' l-Awtoritajiet kompetenti, li huma intitolati li jiċċertifikaw u jissorveljaw l-ajrudromi kollha. L-applikanti jiddeċiedu dwar lil liema entità li tiċċertifika jindirizzaw it-talba tagħhom;
- 8Ċ): Korpi ta' valutazzjoni akkreditati biss li huma intitolati li jiċċertifikaw u jissorveljaw ajrudromi speċifiċi inqas kumplessi.

2.9.2 Grupp fil-mira u għadd ta' entitajiet ikkonċernati

2.9.2.1 Ajrudromi, operaturi u ground handlers

L-għażliet 8A u 8Ċ se jillimitaw l-irwol tal-korpi ta' valutazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi aktar sempliċi u l-operaturi tagħhom. Fil-paragrafu 2.6.2.1 ta' fuq kien ikkalkulat li hemm, fl-UE 27+4, madwar 700 ajruport kumpless miftuħa għat-traffiku ta' l-ajru kummerċjali regolari, minn total ta' 3000 taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni proposta ta' l-UE.

Id-differenza ($2000 - 700 = 2300$) hija stmata li hija l-għadd ta' l-ajrudromi l-aktar sempliċi. Fl-**għażla 8Ċ** dawn l-2300 ajruport miftuħa għall-użu pubbliku **se jkunu dejjem iċċertifikati minn korpi ta' valutazzjoni**. L-istess se japplika għall-operaturi tagħhom, li l-għadd tagħhom, għal każi aktar sempliċi bħal dawn, huwa preżunt li huwa identiku għall-għadd ta' l-ajrudromi nfushom: 2300 mill-ġdid.

Fl-**għażla 8A** l-applikanti se jkollhom l-għażla li jitolbu ċ-ċertifikati tagħhom jew mingħand l-Awtorità kompetenti għat-territorju jew mingħand korp ta' valutazzjoni akkreditat fl-UE 27 + 4. Wieheċ jassumi li, matul l-ewwel snin ta' l-applikazzjoni tal-politika l-ġdida, mhux aktar minn 30% ta' l-ajrudromi aktar sempliċi u l-operaturi li potenzjalment ikunu interessati, se jużaw din il-possibilità. B'hekk f'dan il-każ, l-għadd huwa stmat li huwa $30\% \times 2300 = 690$.

Fl-**għażla 8B**, l-ajrudromi kollha, **anki daww l-aktar kumplessi**, jistgħu jkunu ċertifikati minn korpi ta' valutazzjoni fuq talba (li din issir mandatorja titqies bħala li tant m'hijiex realistika li din il-possibilità teoretika lanqas biss titqies fl-RIA attwali). Għal darb'oħra jekk wieheċ jassumi li madwar 30% tat-total ta' 3000 jistgħu inizjalment jużaw din il-possibilità jfisser li l-għadd ta' l-ajrudromi affettwati jista' jkun fil-medda ta' $30\% \times 3000 = 900$ (**690 aktar sempliċi u 210 aktar kumplessi**).

L-għadd totali ta' l-operaturi mit-3000 ajruport ikkunsidrati fl-UE 27 + 4 kien ikkalkulat fil-medda ta' 2750 fil-paragrafu 2.7.2.3 ta' fuq, imma 25 biss minnhom joperaw aktar minn ajruport wieħed. Għaldaqstant 30% minn 2725 operatur ta' ajruport wieħed, jistgħu japproffitaw ruħhom mill-possibilità li japplikaw għand korp ta' valutazzjoni = 815. Mill-25 operatur kbir ta' ajruporti multipli, huwa kkunsidrat li mhux aktar minn 20% (jiġifieri 5) se jużaw din il-possibilità għall-inqas matul is-snin inizjali. **Għaldaqstant l-għadd ta' l-operaturi affettwati fil-każ ta' l-għażla 8B jista' jkun ikkalkulat li huwa fil-medda ta' 815 + 5 = 820.**

Il-*ground handlers* mhux se jkunu affettwati direttament, minħabba li m'hijiex prevista²⁹ ċertifikazzjoni addizzjonali għalihom.

2.9.2.2 Awtoritajiet kompetenti

Fil-każ ta' l-għażla 8C mhux se jkun hemm kompetizzjoni kummerċjali fost l-Awtoritajiet kompetenti tat-territorju u l-korpi ta' valutazzjoni. Dawn ta' l-aħħar imbagħad jistgħu jkunu akkreditati mill-istess Awtoritajiet. Madankollu f'dan il-każ wieħed jassumi li:

- L-Istati mhux se jiddelegaw is-setgħa li jakkreditaw il-korpi ta' valutazzjoni fil-livell reġjonali jew lokali; għaldaqstant l-għadd massimu ta' Awtoritajiet affettwati għall-akkreditazzjoni mhux se jaqbeż l-għadd ta' l-Istati fl-UE 27 + 4.
- Madankollu, huwa stmat li, għall-inqas inizjalment, il-korpi kandidati li jevalwaw se jkunu preżenti biss f'madwar 50% ta' l-Istati.

Għaldaqstant fl-għażla 8C, **15-il Awtorità kompetenti biss se jkunu affettwati.** F'dan il-każ l-involviment tagħhom se jkun wieħed attiv, minħabba li huma se jakkreditaw lill-korpi ta' valutazzjoni. F'dan l-ambitu l-Aġenzija mhux se tkun involuta.

Bil-maqlub, għaż-żewġ għażliet 8A u 8B, il-korpi ta' valutazzjoni se jkunu f'kompetizzjoni kummerċjali diretta ma' l-Awtoritajiet kompetenti ta' kull territorju. Għaldaqstant biex ikun evitat kunflitt ta' interess, se jkun meħtieġ li dawn il-korpi jkunu akkreditati f'livell ċentrali mill-Aġenzija. Dan ma johlloqx kunflitt ta' interess, minħabba li fil-politika proposta l-Aġenzija ma tiċċertifikax l-ajrudromi jew l-operaturi fit-territorju ta' l-UE 27 + 4. Imma mbagħad, **fl-għażla 8A jew 8B, l-Aġenzija se tkun impatta direttament għall-proċess ta' akkreditazzjoni.**

Bħala konsegwenza, kullimkien fl-Ewropa, il-korpi ta' valutazzjoni akkreditati mill-Aġenzija se jkunu *de facto* f'kompetizzjoni ma' l-Awtorità lokali. Għaldaqstant, għall-għażliet 8A u 8B is-46 Awtorità kompetenti se jkunu kollha involuti b'mod passiv.

2.9.2.3 Korpi ta' valutazzjoni

Sa nofs Awissu 2007, 3 organizzazzjonijiet kienu ġew "irrikonoxxuti" skond l-Anness 1 tar-Regolament 550/2004³⁰ ta' l-"Ajru Uniku". Korp innotifikat wieħed biss (jiġifieri l-Istituto

²⁹ L-Artkolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-'groundhandling' fl-ajruporti tal-Komunità (*Ġurnal Uffiċjali L 272*, tal-25/10/1996 Pg. 0036 – 0045) diġà tippermetti lill-Istati Membri li jagħmlu l-ħidma ta' 'ground handling', ta' fornitur tas-servizz tal-'ground handling' jew utent li jwettaq awto-'handling', f'ajruport, bil-kundizzjoni li tinkiseb approvazzjoni minn awtorità pubblika indipendenti mill-korp li jimmaniġġa l-ajruport.

³⁰ http://ec.europa.eu/transport/air_portal/traffic_management/nsa/index_en.htm

Nacional de Tecnología Aeroespacial) kien jeżisti fl-istess perjodu fir-rigward tad-Direttiva 552/2004 (Interoperabilità fl-”Ajru Uniku”) ³¹.

Madankollu fil-bażi tad-dejta ³² “NANDO” ġestita mid-DĠ ENTR, fid-09 ta’ Awissu 2007, kien hemm 1945 korp innotifikat illistjati b’kollox. Għalhekk l-għadd potenzjali ta’ korpi ta’ valutazzjoni għall-ajrudromi jista’ jkun akbar mill-ftit unitajiet illistjati llum fl-ambitu ta’ l-“Ajru Uniku Ewropew”, anki meta wieħed iqis li s-suq potenzjali jista’ jkun f’firxa ta’ elf ajruport (jiġifieri ħafna akbar mill-għadd ta’ l-ANSPs). Fil-bażi tad-dejta “NANDO” imsemmija, fl-istess dejta, kien hemm 155 korp innotifikat akkreditat għal tagħmir ta’ l-elettriku ta’ vultaġġ ³³ baxx. Dawn it-teknoloġiji huma simili ħafna għal dawk użati minn implimentazzjoni ewlenija fl-ajrudromi (jiġifieri t-tidwil ta’ l-ajrudromi).

Fi ħdan lista bħal din madankollu, madwar tużżana mill-korpi nnotifikati kienu entitajiet ta’ natura aktar ġenerali fil-missjonijiet rispettivi tagħhom, bħal per eżempju: Asociación Española de Normalización y Certificación, Bureau Veritas, Det Norske Veritas, Istituto Italiano del Marchio di Qualità, Société National de Certification et d’Homologation, TÜV. Oħrajn għall-kuntrarju kienu speċjalizzati fil-qasam ta’ l-elettriku.

Bħala konklużjoni, u meta wieħed jiftakar id-daqs tas-suq potenzjali, wieħed jassumi li **madwar 15-il korp jistgħu jitolbu li jkunu akkreditati għaċ-ċertifikazzjoni ta’ l-ajrudromi, għal kwalunkwe waħda mit-tliet għażliet ikkunsidrati.**

2.9.2.4 Sommarju ta’ l-entitajiet affettwati

Bħala konklużjoni l-għadd ta’ entitajiet li potenzjalment jistgħu jkunu affettwati għal kull għażla, huwa preżentat fit-Tabella 51 ta’ taħt:

L-GĦAŻLA		In-Numru Ikkalkulat				
Id.	Id-Deskrizzjoni	Ajrudromi	Operaturi ta’ l-Ajrudromi	Ground handlers	Korpi ta’ valutazzjoni	Awtoritajiet
8A	Ajrudromi aktar sempliċi; fuq talba	690	690	0	15	46 (passivament) + l-Aġenzija (attivament)
8B	Ajrudromi kollha; fuq talba	900 (690 + 210)	820			
8Ċ	Ajrudromi aktar sempliċi; dejjem	2300	2300			15 (attivament)

Tabella 51: L-għadd ta’ l-entitajiet affettwati mill-korpi ta’ valutazzjoni

2.9.3 Impatt fuq is-sigurtà

Xi korpi msemmija f’2.9.2.3 għandhom reputazzjoni tajba fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità, mibnija matul għexieren ta’ snin. Madankollu l-ebda waħda minnhom m’għandha esperjenza diretta fiċ-ċertifikazzjoni ta’ l-ajrudromi. Min-naħa l-oħra l-operaturi ta’ l-ajrudromi u l-Awtoritajiet rispettivi tagħhom stabbilixxew il-fiduċja, it-tagħrif espert speċifiku u anki r-rispett lejn xulxin, mibnija matul is-snin.

³¹ http://ec.europa.eu/enterprise/newapproach/nando/index.cfm?fuseaction=directive.notifiedbody&dir_id=128961&type_dir=NO%20CPD&pro_id=99999&prc_id=99999&ann_id=99999&prc_anx=99999

³² <http://ec.europa.eu/enterprise/newapproach/nando/index.cfm?fuseaction=notifiedbody.main>

³³ Jirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 73/23/KEE tad-19 ta’ Frar 1973 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (*ĠU L 77, 26ta’ Marzu 1973*).

Il-kwantifikazzjoni ta' l-impatt fuq is-sigurtà ta' l-introduzzjoni tal-kunċett ta' korpi ta' valutazzjoni f'termini preċiżi huwa impossibbli. Madankollui hija l-opinjoni komuni fost il-maġġoranza ta' l-esperti li l-qafas regolatorju, biex iżomm il-livelli għolja tas-sigurtà li diġà nkisbu, jeħtieġ li jibqa' relattivament stabbli u mhux jinbidel kompletament minn jum għall-ieħor. Għaldaqstant jista' jsir attentat biex għall-inqas titwettaq evalwazzjoni kwalitattiva ta' l-impatt ta' l-introduzzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni f'dan il-qasam. Għalhekk issir is-suppożizzjoni li l-introduzzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni għall-ajrudromi aktar sempliċi, illum ġeneralment mhux suġġetti għaċ-ċertifikazzjoni, jista' biss itejjeb is-sitwazzjoni, permezz tas-sorveljanza dwar is-sigurtà mwettqa minn partijiet terzi. Fihom (jiġifieri fl-*Aeroclubs*) il-volum tat-traffiku, id-daqs ta' l-ajruplani u s-severità ta' l-aċċidenti ta' l-avjazzjoni huma inqas. Jista' jkun agħar il-każ li tingħata s-setgħa lill-korpi ta' valutazzjoni biex jiċċertifikaw l-ajrudromi l-kbar, għax proċess bħal dan huwa diġà stabbilit b'mod tajjeb kważi mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni kompetenti kollha, li huma armati wkoll bit-tagħrif espert meħtieġ. Barra minn hekk, jekk l-għażla titħalla f'idejn l-operaturi ta' l-ajrudromi aktar sempliċi dan se jippermetti l-evoluzzjoni kwieta tas-sistema, mingħajr taqlib kbir.

Fi kliem ieħor l-għażla 8A (ajrudromi aktar sempliċi biss, fuq talba) jista' jkollha benefiċċju żgħir fir-rigward tas-sigurtà. Meta dan il-mudell isir obligatorju kullimkien (jiġifieri l-għażla 8C) anki fejn is-sitwazzjoni ma tistax tkun matura, se jkun hemm, għall-kuntrarju, effett negattiv żgħir. Effett negattiv akbar, minħabba n-nuqqas ta' esperjenza fil-korpi nnotifikati għalissa, jista' jinħoloq mill-għażla 8B. Fl-ebda każ mhu se tkun affetwata s-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà mill-operaturi ta' l-ajrudromi.

Il-kunsiderazzjonijiet ta' fuq huma mbagħad imqassra fit-Tabella 52 ta' taħt:

L-Indikaturi tar-Riżultat li huma rilevanti għall-impatt fuq is-sigurtà mill-korpi ta' valutazzjoni	Il-punteġġ għall-għażliet		
	8A	8B	8C
L-irwol tal- korpi ta' valutazzjoni	Ajrudromi aktar sempliċi; fuq talba	L-ajrudromi kollha; fuq talba	Ajrudromi aktar sempliċi; dejjem
Is-sistema ta' ġestjoni ta' l-operaturi ta' l-ajrudromi l-kbar	0	0	0
Indikaturi tas-sigurtà ta' l-ajruport (l-istabbiltà tal-qafas regolatorju)	1	-3	-1
TOTAL	1	- 3	- 1
TOTAL PEŻAT (Il-punteġġ x 3 għas-sigurtà)	3	- 9	- 3

Tabella 52: L-impatt fuq is-sigurtà mill-korpi ta' valutazzjoni

Mit-Tabella 52 ta' fuq, għalkemm biss f'termini kwalitattivi, jista' jkun ikkalkulat li l-għażla 8B, differenti ħafna mill-ambjent regolatorju ta' illum, tista' tikkawża riskji għas-sigurtà minħabba nuqqas ta' stabbiltà f'daqqa. Anki 8C tikkawża nuqqas ta' stabbiltà, imma l-impatt tagħha fl-ambitu tar-riskju totali se jkun ferm inqas, minħabba li se tkun limitata għall-ajrudromi aktar sempliċi, użati minn ajruplani żgħar u rari ħafna jintużaw għall-operat tat-taksis kummerċjali ta' l-ajru (jiġifieri l-passigieri jkunu f'tit wisq). Bil-kuntrarju, l-għażla 8A se jkollha effett pożittiv ħafif fuq is-sigurtà.

2.9.4 Impatt ekonomiku

2.9.4.1 Akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni

L-akkreditazzjoni (u sussegwentement il-monitoraġġ) tal-korpi ta' valutazzjoni, huwa proċess simili għal dak ta' l-istandardizzazzjoni ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni. Għal dawn ta' l-aħħar, il-kalkoli ta' l-isforzi meħtieġa diġà kienu ppreżentati fil-paragrafu 2.6.4.1 ta' fuq.

Anki għal proċess ta' akkreditazzjoni bħal dan, wieħed jassumi li pjan għall-monitoraġġ ġenerali għal verifiki perjodiċi tal-korpi ta' valutazzjoni, ibbażata fuq żjara kull sentejn (frekwenza = $1 : 2 = 0.5$ żjarat/sena). Barra minn dan, iżda, żjarat *ad hoc* jistgħu jitwettqu f'ċirkustanzi speċjali. Għalhekk wieħed jista jassumi li l-frekwenza se tkun 10% akbar: 0.55.

Żjarat bħal dawn normalment jistgħu jdumu 5 ijiem, u jitwettqu minn tim ta' 3 awdituri. L-isforz medju għal spezzjoni waħda, għaldaqstant huwa ta' 5 ijiem x 7.5 sigħat x 3 persuni = 112.5 siegħa ta' xogħol.

Minħabba li l-frekwenza taż-żjarat kull sena kienet ikkalkulata li hi 0.55, dan ifisser (112 x 0.55) li bħala medja jfisser li **madwar 62 siegħa ta' xogħol kull sena huma meħtieġa biex jitwettaq il-proċess ta' l-akkreditazzjoni (u sussegwentement il-monitoraġġ) ta' korp wieħed ta' valutazzjoni, matul is-sentejn bħala perjodu ta' l-ippjanar.**

Madankollu, se jkun meħtieġ ukoll li ż-żjarat ikunu ikkoordinati u mħejjija, li jsiru r-rapporti dwar ir-riżultati u li jkun segwit il-pjan għal azzjonijiet korrettivi potenzjali.

L-għadd tas-sigħat tax-xogħol meħtieġa kull sena għall-akkreditazzjoni ta' korp wieħed ta' valutazzjoni, huwa għaldaqstant ikkalkulat, bħala medja, li jkun 3 darbiet aktar għoli (jiġifieri ġimgħa għaż-żjara flimkien ma' ġimgħatejn ta' xogħol amministrattiv) mit-62 siegħa msemmija fuq. Għaldaqstant $62 \times 3 = 186$ **siegħa bħala medja huma meħtieġa kull sena għall-akkreditazzjoni ta' korp wieħed ta' valutazzjoni fil-qasam ta' l-ajrudromi**, li jinkludu ż-żjara proprja u x-xogħol amministrattiv assoċjat magħha, qabel u wara ż-żjara.

Fil-paragrafu 2.9.2.3 ta' fuq, l-għadd ta' korpi ta' valutazzjoni involuti kien stmat bħala ekwivalenti għal 15, għaldaqstant il-piż kull sena għall-akkreditazzjoni tagħhom se jilħaq it-total ta':

- 186 siegħa x 15-il korp ta' valutazzjoni = madwar 2,790 siegħa ta' xogħol/sena;
- li jirrapreżentaw **madwar 2 FTEs**.

Fl-**għażla 8Ċ** dawn il-15-il korp ta' valutazzjoni se jkunu akkreditati u sussegwentement immonitorjati mill-**Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni**. Minħabba li għalihom l-ispiża tax-xogħol kienet stmata għal 138,600 EUR/FTE, il-piż ekonomiku totali fuqhom se jkun fil-medda ta' **277.2 kEUR/sena**.

Fl-**għażliet 8A u 8B**, min-naħa l-oħra, l-akkreditazzjoni se tkun ir-responsabbiltà ta' l-**Aġenzija**. Għaliha l-ispiża tax-xogħol kienet ikkalkulata fil-medda ta' 150,000 EUR/FTE. Għaldaqstant f'każ bħal dan il-piż ekonomiku se jkun madwar 300,000 **EUR/sena**.

Iż-żjarat ta' akkreditazzjoni madankollu jeħtieġu sforz mill-korpi vverifikati wkoll. Wieħed jassumi li, bħala medja, huma jimpjegaw 1 koordinatur għal kull waħda mill-5 ijiem taż-żjara (= 37.5 siegħa ta' xogħol). Jekk wieħed jimmultiplika 37.5 bil-frekwenza ta' 0.55 dan iwassal għal 20 siegħa ta' xogħol kull sena li jridu jkunu koperti minn kull korp ta' valutazzjoni. Anki l-korpi li se jkunu akkreditati (jew immonitorjati wara l-akkreditazzjoni) madankollu se jkollhom bżonn jimlew kwesjonarji u jipproduċu informazzjoni. Għaldaqstant wieħed jassumi li bħala medja huma jkollhom jiddedikaw id-doppju tal-ħin = 40 siegħa ta' xogħol/sena biex

jiksbu u jżommu l-akkreditazzjoni għall-qasam ta' l-ajruport. B'kollox, għall-15-il korp ta' valutazzjoni fi skop, dan jirrapreżenta:

- 40 siegħa x 15-il korp ta' valutazzjoni = madwar 600 siegħa ta' xogħol/sena;
- jiġifieri madwar 0.5 FTEs;
- jew, jekk wieħed għall-korpi ta' valutazzjoni spiża tax-xogħol medja ugwali għal dik ta' l-awtoritajiet, għall-15-il korp involuti kollha, l-ispiża totali hija stmata għal madwar 69,300 EUR /sena.

Bħala konklużjoni l-ispiża ta' l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni għall-qasam ta' l-ajrudromi jista' jkun ikkalkulat kif ippreżentat fit-Tabella 53 ta' taħt:

Parametru	Għall-Aġenzija	B'kollox għal 15-il Awtorità kompetenti	Għal 15-il korp ta' evawazzjoni	TOTAL
Għażliet 8A jew 8B = Akkreditazzjoni mill-Aġenzija				
FTEs	2	0	0.5	2.5
KEUR 2006	300	0	69	369
Għażla 8Ċ = Akkreditazzjoni mill-Awtoritajiet kompetenti				
FTEs	0	2	0.5	2.5
kEUR 2006	0	277	69	346

Tabella 53: L-ispiża kkalkulata ta' l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni

L-ispiża għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni hija għaldaqstant fil-medda ta' 350 k EUR kull sena, imma l-għażla 8Ċ (jiġifieri l-akkreditazzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti) tista' tiswa madwar 6% anqas.

2.9.4.2 Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi

L-ispiża bażika kkalkulata għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi ġiet stmata f'2.6.4.2 ta' fuq, u b'mod partikulari tammonta, fil-każ ta' l-għażla 3B (jiġifieri 3000 taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE, iżda b'700 ajruport kbir diġà soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni):

- 165 FTE u 22,869 kEUR (2006)/sena għall-Awtoritajiet;
- 52 FTE u 7,207 kEUR għall-operaturi ta' ajrudromi.

Il-figuri ta' fuq jinkisbu billi wieħed jassumi li 120 siegħa ta' xogħol huma meħtieġa mill-Awtorità biex tiċċertifikaw ajruport sempliċi, akkumpanjati b'mod parallel minn 38 siegħa ta' sforz mill-operatur ta' l-ajruport. L-għadd ta' sigħat ta' xogħol meħtieġa (għaċ-ċertifikazzjoni jew għas-sorveljanza annwali) wieħed jassumi li huma 3 darbiet aktar għall-ajrudromi l-kbar: jiġifieri 360 siegħa għall-Awtorità u 114 għall-operatur. Wieħed għandu jinnota li 360 siegħa/ajruport x 700 ajruport, jagħtu 252,000 siegħa, ekwivalwnti għal madwar 200 FTEs: jiġifieri mhux bogħod mid-dejta ppreżentata fil-paragrafu 2.3.3.3 hawn fuq.

Il-linja ta' bażi li fuqha jsir il-kalkolu ta' l-impatt ekonomiku ta' l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni, tista' mbagħad tiġi ppreżentata fit-Tabella 54 hawn taħt:

Parametru	Għall-Awtoritajiet	Għall-operaturi ta' l-ajrudromi	TOTAL
Għażla 8A = Ajrudromi aktar sempliċi; fuq talba			
Sigħat ta' xogħol/ajruport minuri	120	38	158
Sigħat ta' xogħol x 690 ajruport minuri	82,800	26,220	109,02040
FTEs	66	21	87
kEUR 2006	9,148	2,911	12,059
Għażla 8B = Ajrudromi kollha; fuq talba			
Sigħat ta' xogħol/ajruport kbir	360	114	474
Sigħat ta' xogħol x 210 ajruport kbir	75,600	23,940	99,540
FTEs	60	19	79
kEUR 2006	8,316	2,633	10,949
Sigħat ta' xogħol/ajruport minuri	120	38	158
Sigħat ta' xogħol x 390 ajruport minuri	82,800	26,220	109,020
FTEs	66	21	87
kEUR 2006	9,148	2,911	12,059
TOTAL	17,464	5,544	23,008
Għażla 8Ċ = Ajrudromi aktar sempliċi; dejjem			
Sigħat ta' xogħol/ajruport minuri	120	38	158
Sigħat ta' xogħol x 1300 ajruport minuri	276,000	87,400	363,400
FTEs	219	69	288
k€ 2006	30,353	9,563	39,917

Tabella 54: Il-linja bażi ta' l-ispiża taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudrom

Imbagħad huwa preżunt li l-isforz meħtieġ mill-operaturi ta' l-ajrudromi mhux se jinbidel, waqt li biex "jinfetaħ suq ġdid", il-korpi ta' valutazzjoni se jkollhom joffru prezzijiet madwar 10% inqas mit-tariffi taċ-ċertifikazzjoni applikati mill-Awtoritajiet kompetenti. Għaldaqstant, il-korpi ta' valutazzjoni jistgħu potenzjalment iwasslu għat-tifdil li ġej:

- Madwar 942 kEUR (2006)/sena (jiġifieri 10% ta' 9148) fil-każ ta' l-għażla 8A;
- Madwar 1,750 kEUR (2006)/sena (jiġifieri 10% ta' 17464) fil-każ ta' l-għażla 8B;
- Madwar 3,035 kEUR (2006)/sena (jiġifieri 10% ta' 30,353) fil-każ ta' l-għażla 8Ċ.

2.9.4.3 Sommarju ta' l-impatt ekonomiku

Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet fis-sotto-paragrafi 2.9.4.1 u 2.9.4.2 ta' qabel, tista' tkun ikkompilata t-Tabella 55 bis-sommarju li ġej, biex jitqabbel l-impatt ekonomiku tat-tliet għażliet rigward l-irwol tal-korpi ta' valutazzjoni:

L-ispiża kkalkulkata tar-regolazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni	Elf EUR (2006)/sena		
	8A	8B	8Ċ
L-irwol tal-korpi ta' valutazzjoni	Ajrudromi sempliċi; fuq talba	Ajrudromi kollha; fuq talba	Ajrudromi aktar sempliċi; dejjem
Akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni	369	369	346
Sistema ta' ġestjoni ta' l-operaturi ta' ajrudromi kbar	0	0	0
Għoti ta' responsabbiltà lil-korpi ta' valutazzjoni	- 942	- 1,750	- 3,035
TOTAL	- 573	- 1,381	- 2,689

Tabella 55: Sommarju ta' l-impatt ekonomiku ta' l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni

Huwa mbagħad stmat li, fl-għażliet kollha, l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni iwassal għal xi tiffidil. Dawn madankollu huma f'itit fil-każ ta' l-għażla 8A, waqt li huma fil-medda ta' 1 - 1.5 Miljun EUR/sena għall-għażla 8B u darbtejn aktar għall-għażla 8Ċ.

L-istimi mogħtija hawn fuq imbagħad jistgħu jkunu tradotti fil-punteġġ ppreżentat fit-Tabella 56 hawn taħt:

L-Indikaturi tar-Riżultat li huma rilevanti għall-impatt ekonomiku ta' l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni	Il-punteġġ għall-għażliet		
	8A	8B	8Ċ
L-irwol tal-korpi ta' valutazzjoni	Ajrudromi sempliċi; fuq talba	Ajrudromi kollha; fuq talba	Ajrudromi aktar sempliċi; dejjem
Akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni	- 2	- 2	- 1
Sistema ta' ġestjoni ta' l-operaturi ta' ajrudromi kbar	0	0	0
Għoti ta' responsabbiltà lil korpi ta' valutazzjoni	1	2	3
TOTAL	- 1	0	2
TOTAL PEŻAT (Il-punteġġ x 2 għall-impatt ekonomiku)	- 2	0	4

Tabella 56: Il-punteġġ ta' l-impatt ekonomiku ta' l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni

2.9.5 Impatt Ambjentali

L-għażliet ikkunsidrati kollha huma stmati bħala newtrali, fir-rigward ta' l-impatt ambjentali.

2.9.6 Impatt soċjali

Fl-ambitu ta' l-impatt soċjali, l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni jista' joħloq impjieg ġodda fihom, jibdel impjieg fi ħdan l-Awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi u l-operaturi. Fil-paragrafu 2.9.4.2 ta' fuq kien ikkalkulat li biex tiċċertifika l-ajrudromi involuti, l-Awtoritajiet jistgħu jimpjegaw madwar 37 FTEs għall-għażla 8A. Jekk wieħed jassumi tkabbir fil-produttività ta' madwar 5% miksuba permezz tal-korpi ta' valutazzjoni, dawn l-impjieg jkun jistgħu jinbidlu b'35 (jiġifieri 95% ta' 37) FTEs fil-korpi msemmija.

L-istess, għall-għażla 8B, 97 (jiġifieri 60 + 37) impjieg fl-Awtoritajiet jistgħu jinbidlu b'(95%) impjieg fil-korpi ta' valutazzjoni: jiġifieri 92. Għall-għażla 8Ċ, 124 FTEs fl-Awtoritajiet jistgħu jinbidlu (95%) b'118-il impjieg fil-korpi ta' valutazzjoni.

Barra minn hekk 2 FTEs kien ikkalkulat li huma meħtieġa għall-awdituri biex jakkreditaw il-korpi ta' valutazzjoni. Fl-għażliet 8A u 8B, dan se joħloq żewġ impjieg ġodda fl-Aġenzija. Fl-għażla 8Ċ dan l-isforz se jinqasam fost il-15-il Awtorità: $2/15 = 0.13$ FTEs addizzjonali f'kull waħda minnhom. Dan in-numru madankollu tant hu żgħir, li huwa preżunt li jista' jkun ipprovdut permezz ta' għadd ta' arranġamenti fl-organizzazzjoni, mingħajr ma jinħoloq l-ebda impjieg ġdid.

Bl-istess mod it-total ta' 0.5 FTEs maqsum bejn 15-il korp ta' valutazzjoni (jiġifieri 0.03 FTEs) tant hu bla importanza li ma joħloq l-ebda impjieg ġdid.

L-ebda impatt fuq l-impjieg għall-operaturi ta' l-ajrudromi mhu previst għall-għażliet ikkunsidrati.

L-għadd ta' l-impjieg affettwati huwa ppreżentat fil-qosor fit-Tabella 57 ta' taħt:

Impjieg	Aġenzija	Awtoritajiet	Korpi ta' valutazzjoni	TOTAL
Għażla 8A = Ajrudromi sempliċi; fuq talba				
Akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni	2	0	0	2
Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi	0	- 37	35	- 2
TOTAL	2	- 37	35	0
Għażla 8B = Ajrudromi kollha; fuq talba				
Akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni	2	0	0	2
Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi	0	- 97	92	- 5
TOTAL	2	- 97	92	- 3
Għażla 8Ċ = Ajrudromi aktar sempliċi; dejjem				
Akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni	0	0	0	0
Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi	0	- 124	118	- 6
TOTAL	0	- 124	118	- 6

Tabella 57: L-impatt tal-korpi ta' valutazzjoni fuq l-impjieg

Għalhekk l-għażla 8A tista' ċaqlaq xi impjieg, minn kwalunkwe Awtorità (46 f'dan il-każ; irwol passiv) għal kwalunkwe korp ta' valutazzjoni, irrispettivament mill-konfini nazzjonali fi ħdan l-UE 27 + 4. Hija jkollha mbagħad impatt soċjali pożittiv ħafif fl-ambitu ta' l-iffurmar tas-suq intern, mingħajr bħala total, ma jinħolqu jew jintemmu impjieg.

L-għażla 8B wkoll se tikkontribwixxi għas-suq intern, imma n-numru ta' ħaddiema affettwati huwa ikbar mill-għażla 8A. Saħansitra aktar ħaddiema, bi tnaqqis żgħir fl-ambitu ta' l-impjegi, se jkunu affettwati mill-għażla 8Ċ.

Bħala konklużjoni l-impatt soċjali ta' kwalunkwe għażla, jista' jkun ippreżentat fil-qosor fit-Tabella 58:

L-Indikaturi tar-Riżultat li huma rilevanti għall-impatt soċjali ta' l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni	Il-punteġġ għall-għażliet		
	8A	8B	8Ċ
L-irwol tal-korpi ta' valutazzjoni	Ajrudromi sempliċi; fuq talba	Ajrudromi kollha; fuq talba	Ajrudromi aktar sempliċi; dejjem
Sistema ta' ġestjoni ta' l-operaturi ta' ajrudromi kbar	0	0	0
Il-bini tas-suq intern (jiġifieri it-tneħħija tal-frammentazzjoni))	1	1	1
Persunal ta' l-Aġenzija għar-regolamentazzjoni, l-istandardizzazzjoni u l-analiżi tas-sigurtà	1	1	0
Persunal fl-Awtoritajiet kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza	- 1	- 2	- 3
Għoti ta' responsabbiltà lil-korpi ta' valutazzjoni	1	2	3
TOTAL	2	2	1
TOTAL PEŻAT (Il-punteġġ x 2 għall-impatt soċjali)	4	4	2

Tabella 58: Il-punteġġ għall-impatt soċjali ta' l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni

2.9.7 Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop preżenti ta' l-EASA

Kwalunkwe waħda mill-għażliet ikkunsidrati, se jkollha impatt pożittiv ħafif fl-ambitu ta' l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-avjazzjoni bil-“mudell il-ġdid”.

2.9.8 *Analiżi bi Kriterji Multipli (Multi Criteria Analysis - MCA) u l-għażla rrakkomandata*

Skond il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi attribwiti fil-paragrafi 2.9.3 sa 2.9.7 ta' fuq, tista' tinħoloq il-matriċi li ġejja għall-MCA:

Il-punteġġ peżat ta' l-għażliet għall-Korpi ta' valutazzjoni		8A	8B	8Ċ
L-oġġett ta' l-impatt	Valur peżat	Ajrudromi sempliċi biss fuq talba	Ajrudromi kollha fuq talba	Ajrudromi sempliċi biss imma dejjem
Sikurezza	3	3	-9	-3
Ekonomiku	2	- 2	0	4
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	4	4	2
Regolamenti oħra	1	1	1	1
TOTAL PEŻAT		6	- 4	4

Tabella 59: Analiżi bi Kriterji Multipli għall-korpi ta' valutazzjoni

Minnha wieħed jista' jara li l-għażla 8B tidher li għandha impatt globali negattiv. Fost it-tnejn li jibqa', l-għażla 8A tikseb punteġġ li huwa d-doppju ta' 8Ċ.

B'mod partikulari, l-għażla 8A tikseb punteġġ ikbar minn 8Ċ fir-rigward tas-sigurtà u l-qasam soċjali, waqt li hija twassal għal inqas tiffidil ekonomiku (negliġibbli għal 8A u fil-medda ta' – 2.5 Miljun EUR (2006)/sena għal 8Ċ).

Għalhekk l-Aġenzija fl-Opinjoni tagħha inkludiet għażla bħal 8A (jiġifieri korpi ta' valutazzjoni jingħataw r-responsabbiltà li jiċċertifikaw ajrudromi aktar sempliċi u operatori ta' l-ajrudromi, jekk jintalbu mill-applikanti).

2.10 Analiżi ta' l-impatti għall-persunal tas-Servizzi tas-Salvataġġ u t-Tifi tan-Nar (RFFS)

2.10.1 Għażliet alternattivi

L-għażliet alternattivi li ġejjin għat-taħriġ, il-kwalifiki, il-kompetenza professjonali u s-saħħa medika tal-persunal ta' l-RFFS kienu identifikati fil-paragrafu 2.5.2 ta' fuq:

- 2A): il-persunal ta' l-RFFS irregolat b'mod ġenerali u mhux speċifikament għall-avjazzjoni;
- 2B): bħal 2A flimkien ma' skema ta' kompetenza speċifika fl-avjazzjoni u rekwiżiti mediċi;
- 2C): il-persunal ta' l-RFFS irregolat ukoll permezz ta' regoli komuni ta' l-avjazzjoni amministrati mill-Awtoritajiet kompetenti, b'mod partikulari rigward is-saħħa medika.

2.10.2 Grupp fil-mira u għadd ta' entitajiet ikkonċernati

L-operatori kollha (jiġifieri madwar 1750) mit-3000 ajruport taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni proposta ta' l-UE se jkunu affettwati u l-Awtoritajiet kompetenti jew il-korpi ta' valutazzjoni kollha. L-ebda rwol mhu previst għall-Aġenzija fir-rigward tal-ġestjoni jew is-sorveljanza tar-riżorsi umani.

Madankollu fil-preżent m'hemmx rekwiżiti mill-ICAO jew l-UE dwar l-għadd tal-persunal ta' l-RFFS. Għaldaqstant ma jistgħux ikunu ppreżentati kalkoli kredibbli dwar l-għadd tagħhom.

2.10.3 Impatt tas-sigurtà

L-ambjent ta' l-avjazzjoni huwa wieħed partikulari ħafna, kemm għat-tfassil u l-iddiżinjar ta' l-ajrudromi kif ukoll għall-istess ingeni ta' l-ajru. Fil-fatt, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, il-vetturi ta' l-RFFS għandhom jiċċaqalqu b'ħeffa fi ħdan l-ajruport, b'sigurtà u b'mod li jsibu d-direzzjoni t-tajba malajr. Imbagħad huma għandhom jiffaċċjaw in-nirien li jinvolvu materjali speċifiċi relatati ma' l-avjazzjoni, jew jifih u jew jippenetraw il-qafas ta' ajruplan. Għal dawn il-ħidmiet il-persunal ta' l-RFFS għandu jkun imħarreġ sewwa (u b'mod rikurrenti), flimkien mat-taħriġ bażiku tagħhom bħala membri tal-korp tat-tifi tan-nar. L-għażla 2A ma tikkonformax mal-ħtiġijiet imsemmija, waqt li 2B u 2C jikkonformaw. Barra minn hekk l-għażla 2A se tirrapreżenta wkoll rigressjoni, meta mqabbla mas-sitwazzjoni bħalissa, fejn għadd ta' Stati tabilħaqq ippubblikaw il-ħtiġijiet għall-persunal ta' l-RFFS impjeagti fl-ajrudromi.

L-adozzjoni ta' regoli komuni għal-RFFS fil-livell ta' l-UE 27 + 4, għal-RFFS u l-persunal irrelatat, bħal ta' l-għażliet 2B u 2C, ukoll se jkollu impatt pożittiv fuq is-sigurtà, grazzi għar-regoli komuni, waqt li dan jista' jikkontribwixxi wkoll għall-evoluzzjoni ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO fuq il-kwistjoni speċifika. Dawn il-benefiċċji ma jinkisbux permezz ta' l-għażla 2A.

Fil-qosor l-impatt fuq is-sigurtà tat-tliet għażliet ikkunsidrati, jista' jkun ippreżentat fit-Tabella 60 ta' taħt:

L-Indikaturi tar-Riżultat li huma rilevanti għall-impatt fuq is-sigurtà tar-regolazzjoni tal-persunal ta' l-RFFS	Il-punteġġ għall-għażliet		
	2A	2B	2C
	L-ebda rekwiżit ta' l-avjazzjoni	Rekwiżiti ta' l-avjazzjoni	L-għoti tal-liċenzji lill-persunal ta' l-RFFS mill-Awtoritajiet
Adozzjoni ta' regoli ta' l-implimentazzjoni komuni	0	1	1
Evoluzzjoni ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO	0	1	1
Skemi ta' kompetenza għall-persunal ta' l-ajrudromi	- 3	3	3
TOTAL	- 3	5	5
TOTAL PEŻAT (Il-punteġġ x 3 għas-sigurtà)	- 9	15	15

Tabella 60: L-Impatt fuq is-sigurtà ta' l-għażliet għall-persunal ta' l-RFFS

Mit-Tabella 60 ta' fuq wieħed jista' jara li l-għażla 2A mhux se tissodisfa r-rekwiżiti tas-sigurtà, waqt li 2B u 2C se jissodisfawhom bl-istess qies.

2.10.4 Impatt ekonomiku

Fin-nuqqas ta' numru stmat tal-persunal ta' l-RFFS affetwat, qed ikun segwit mudell kwalitattiv biss biex issir evalwazzjoni ta' l-impatt ekonomiku tat-tliet għażliet ikkunsidrati.

Għaldaqstant wieħed jassumi li l-għażla 2A ma twassalx għal spejjeż addizzjonali (punteġġ = 0, jiġifieri newtrali).

Bil-kuntrarju l-għażla 2B jista' jkollha impatt limitat fil-ftit każijiet fejn ir-rekwiżiti speċifiċi ta' l-avjazzjoni għall-persunal ta' l-RFFS m'humiex applikati llum (punteġġ = - 1).

Fl-aħħar l-għażla 2C se jkollha l-aktar impatt ekonomiku ħażin b'mod sinifikanti, minħabba li xogħol klerikali addizzjonali se jkun meħtieġ fl-Awtoritajiet kompetenti biex jimplementawha (punteġġ = -2).

F'konformità mal-metodoloġija spjegata fil-paragrafu 2.1.2 ta' fuq, it-tliet punteġġi msemmija fuq kollha jridu jkunu mmultiplikati b'"valur peżat" ta' 2 li jwassal għall-punteġġi "iddiferenzjati" li ġejjin:

- Għażla 2A (jiġifieri l-ebda rekwiżiti ta' l-avjazzjoni): punteġġ "peżat" 0;
- Għażla 2B (jiġifieri r-rekwiżiti ta' l-avjazzjoni fir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport): punteġġ "peżat" - 2;
- Għażla 2C (jiġifieri r-rekwiżiti ta' l-avjazzjoni fir-responsabbiltà ta' l-Awtorità kompetenti inklużi l-liċenzji tal-persunal ta' l-RFFS): punteġġ "peżat" - 4;

2.10.5 Impatt Ambjentali

Kwalunkwe waħda mill-għażliet ikkunsidrati hija stmata li hija newtrali rigward l-impatt ambjentali.

2.10.6 Impatt soċjali

Fejn hemm liċenzja maħruġa mill-Awtorità, ir-riskju ta' nuqqas ta' impjeg minħabba t-telf (anki temporanju) tal-kompetenza professjonali jew is-saħħa medika, jiżdied b'mod qawwi. Għalhekk l-għażla 2C tikseb punteġġ negattiv għoli mil-lat soċjali (punteġġ - 3 x "valur peżat" ta' 2 = -6).

L-għażla 2A (jiġifieri l-ebda rekwiżiti speċifiċi ta' l-avjazzjoni) titqies newtrali mil-lat soċjali (punteġġ = 0).

Fl-aħħar, l-għażla 2 B hija stmata li għandha impatt soċjali pożittiv b'mod sinifikanti, għax ittejjeb il-kwalità u l-kontenut professjonali tax-xogħol, waqt li toħloq ukoll xi sigħat ta' xogħol għat-taħriġ u t-taħriġ ta' veru (punteġġ 2 x "valur peżat" ta' 2 = 4).

2.10.7 Impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop preżenti ta' l-EASA

L-ebda waħda mit-tliet għażliet ikkunsidrati mhu se jkollha impatt fuq rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop ta' l-EASA.

2.10.8 Analiżi bi Kriterji Multipli (MCA) u l-għażla rakkomandata

Skond il-metodoloġija deskritta fil-paragrafu 2.1.2 u l-punteġġi mogħtija fil-paragrafi 2.10.3 sa 2.10.7 ta' fuq, tista' tinħoloq il-matriċi li ġejja għall-MCA:

Il-punteġġ peżat ta' l-għażliet għall-persunal ta' l-RFFS		2A	2B	2C
L-oġġett ta' l-impatt	Valur peżat	L-ebda rekwiżit ta' l-avjazzjoni	Rekwiżiti ta' l-avjazzjoni	L-għoti tal-liċenzji lill-persunal ta' l-RFFS mill-Awtoritajiet
Sigurtà	3	- 9	15	15
Ekonomiku	2	0	- 2	- 4
Interoperabilità globali	1	- 3	3	1
Ambjentali	3	0	0	0
Soċjali	2	0	4	- 6
Għal regolamenti oħra ta' l-avjazzjoni	1	0	0	0
TOTAL PEŻAT		- 12	20	6

Tabella 61: Analiżi bi Kriterji Multipli għall-persunal ta' l-RFFS

Minnha wieħed jista' jara li l-għażla 2A tidher li għandha impatt negattiv għoli. Fost it-tnejn li jibqa', l-għażla 2B tikseb punteġġ li huwa tliet darbiet akbar minn 2C.

B'mod partikulari, l-għażla 2B tikseb punteġġ ikbar minn 2C mil-lat soċjali, u fl-ambitu ta' l-interoperabbiltà globali.

Kien għalhekk li l-Aġenzija inkludiet fl-Opinjoni tagħha għażla bħal 2B (jiġifieri rekwiżiti professjonali u mediċi speċifiċi għall-persunal tar-RFSS, taħt ir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport).

3. Konklużjonijiet

Wara evalwazzjoni ta' l-impatt ta' kull għażla kkunsidrata, f'konfront ma' l-objettivi speċifiċi tal-politika proposta, f'termini ta' sigurtà, effetti ekonomiċi, interoperabbiltà globali, l-aspetti ambjentali u soċjali, kif ukoll fir-rigward ta' politiki oħra (per eżempju l-“mudell għdid” jew l-“Ajru Uniku Ewropew”), l-Aġenzija fl-Opinjoni tagħha tipproponi l-għażliet magħżula li ġejjin:

- Għażla 3B (paragrafu ta' referenza 2.6 ta' fuq) għall-iskop tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar is-sigurtà u l-interoperabbiltà fl-ajrudromi (jiġifieri l-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku suġġetti għal regoli komuni ta' l-UE), għax kisbet punteġġ id-doppju ta', u aħjar, mill-għażliet alternattivi mil-lat ta' sigurtà; għax hija l-orħos u għax tista' toħloq għadd sinifikanti ta' impjieggi kkwalifikati għodda fis-settur privat, għand l-operaturi ta' l-ajrudromi u l-*ground handlers*;
- Għażla 4C (paragrafu ta' referenza 2.7 ta' fuq) għar-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi (jiġifieri regoli speċifiċi u/jew ETSOs u ċ-ċertifikazzjoni tad-disinn tat-tagħmir ta' l-ajrudromi meta jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà; dispożizzjonijiet għal organizzazzjonijiet irrelatati tad-disinn u l-produzzjoni; dikjarazzjoni ta' konformità dwar it-tagħmir prodott iffirmata mill-produttur; l-implimentazzjoni fuq is-sit, l-operat jew l-użu u l-manutenzjoni jkunu r-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport, ivverifikati matul il-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajruport: jiġifieri l-ebda dikjarazzjoni separata ta' verifika), għax kisbet punteġġ ferm aħjar mil-lat tas-sigurtà meta mqabbla ma' l-għażla alternattiva 4A; għax l-għażla 4C tista' tqiegħed is-sisien għal ġestjoni ambjentali aħjar fl-ajrudromi u għax tista' ttejjeb il-kwalità u l-kwantità ta' l-impjieggi fl-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi, waqt li hija irħas mill-għażla 4B;
- Għażla 7C (paragrafu ta' referenza 2.8 ta' fuq) għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-operaturi ta' l-ajrudromi (jiġifieri il-possibilità li jintalab, jekk ikun mixtieq hekk, Ċertifikat “singolu” ta' Operatur ta' Ajruport fil-livell ta' kumpanija, għall-operaturi li jimmaniġġjaw ajrudromi multipli u li stabbilixxew funzjonijiet ċentrali għall-ġestjoni tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-kwalità u l-verifika interna), għax kisbet punteġġ id-doppju ta' l-għażla alternattiva 7B, b'mod partikulari mil-lat soċjali, għax la twassal għat-tnaqqs ta' l-impjieggi u lanqas iġġiegħel lil xi operatur ta' ajruport biex jorganizza mill-għdid il-kumpanija tiegħu. Barra minn hekk l-għażla 7C se jkollha wkoll impatt ekonomiku pożittiv (jiġifieri twassal għal xi tiffdil);
- Għażla 8A (paragrafu ta' referenza 2.9 ta' fuq) għall-irwol tal-korpi ta' valutazzjoni (jiġifieri l-għoti ta' responsabbiltà lill-korpi ta' valutazzjoni akkreditati ma' l-Aġenzija, li tiċċertifika l-ajrudromi l-inqas kumplessi u l-operaturi tagħhom, imma tħalli lill-applikanti, f'dawn il-każijiet, liberi li jibagħtu t-talba tagħhom jew lill-Awtorità ta' l-Avjazzjoni kompetenti jew lil korp ta' valutazzjoni), għax kisbet punteġġ mill-inqas id-doppju ta' l-għażliet alternattivi, u għax b'mod partikulari, l-għażla 8A kisbet punteġġ akbar mill-għażla alternattiva 8C fis-sigurtà u l-ambitu soċjali, waqt li xorta wasslet, għalkemm b'mod minimu, għal tiffdil ekonomiku;
- Għażla 2B (paragrafu ta' referenza 2.10 ta' fuq) għall-persunal ta' l-RFFS (jiġifieri li jkunu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' l-avjazzjoni għall-kompetenza professjonali u s-saħħa medika tagħhom, li jridu jintwerew taħt ir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport), għax barra li tikseb punteġġ pożittiv mil-lat tas-sigurtà, anki b'mod ġenerali kisbet punteġġ tliet darbiet akbar mill-għażla alternattiva 2C. B'mod partikulari, l-għażla 2B kisbet punteġġ akbar mil-lat ta' sigurtà, u mil-lat ta' l-interoperabbiltà globali.

Il-proposti ta' fuq huma konformi wkoll mal-pożizzjonijiet espressi minn ħafna Awtoritajiet/Amministrazzjonijiet u mill-industrija, li ħarġu matul il-konsultazzjonijiet estensivi (paragrafu ta' referenza 2.2.2 ta' fuq) u b' mod partikulari mit-3010 kumment lill-NPA 06/2006 u l-103 reazzjoni lill-CRD irrelatat.

Il-kombinazzjoni tal-ħames għażliet magħżula, li huma inklużi fl-Opinjoni ta' l-Aġenzija dwar il-kwistjoni, jistgħu jwasslu għall-impatt li huwa mqassar fit-Tabella 62 ta' taħt:

Impatt		Għażliet Magħżula					TOTAL	
		Skop tal-leġislazzjoni ta' l-UE	Tagħmir ta' l-ajrudromi	Proċess taċ-ċertifikazzjoni	Korpi ta' l-evalwazzjoni	Persunal ta' l-RFFS		
		3B	4Ċ	7Ċ	8A	2B		
L-oġġett	Unità	3000 ajruport miftuħa għall-użu pubbliku	Verifika parti miċ-ċertifikazzjoni	Ċertifikat uniku volontarju	Aktar sempliċi fuq talba	Rekwiżiti ta' l-avjazzjoni		
Sigurtà		Punteġġ Peżat	57	12	0	3	15	87
Ekonomiku	Għall-Aġenzija	KEUR (2006)/sena	2,850	0	0	300	0	3,150
	TOTAL	KEUR (2006)/sena	30,181	0	- 8,693	- 10	Mhux stmat	20,9135
Ambjentali		Punteġġ Peżat	0	3	0	0	0	3
Soċjali	Aġenzija	Impjiegi	19	0	0	2	Mhux stmat	21
	Awtoritajiet		107	0	- 3	- 37		67
	Settur pubbliku totali parzjali		126	0	- 3	- 35		88
	Korpi ta' valutazzjoni		0	0	0	35		35
	Operaturi ta' l-ajrudromi		159	0	- 60	0		99
	Ground handlers		245	0	0	0		245
	Disinn u produzzjoni tat-tagħmir ta' l-ajruport		0	0	0	0		0
	Settur privat totali parzjali		404	0	- 60	35		379
	TOTAL		530	0	- 63	0		467
Għal rekwiżiti oħra		Punteġġ Peżat	0	0	2	1	0	3

Tabella 62: Sommarju ta' l-impatt tal-proposti ta' l-Aġenzija

L-ebda waħda mill-5 għażliet magħżula m'għandha impatt ħażin fuq is-sigurtà. Għall-kuntrarju, erbgħa minnhom (jiġifieri 3B, 4C, 8A u 2B) kellhom l-aħjar punteġġ mil-lat tas-sigurtà meta mqabbla ma' l-alternattivi rispettivi tagħhom. L-unika eċċezzjoni hija l-għażla 7C (ċertifikat uniku), għax f'dak il-każ l-għażliet ikkunsidrati kollha kellhom effett newtrali fuq is-sigurtà.

L-ispejjeż assoċjati ma' l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-Aġenzija għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi kienu stmati mill-evalwazzjoni ta' l-impatt preliminari fl-2005 fil-firxa minn 4.4 sa 6.5 Miljun EUR (2005)/sena (biss għall-ħaddiema u l-ispejjeż ġenerali rikorrenti fi ħdan l-Aġenzija, mingħajr ma titqies l-ispiża għall-partijiet interessati, iżda kemm għall-ATM kif ukoll għall-ajrudromi). Fl-RIA attwali l-Aġenzija stmat għaliha spiża addizzjonali diretta ta' 3150 k EUR/sena, li hija madwar 50% ta' l-istima preliminari msemmija fuq: dan mhuwiex sorprendenti peress li dan l-RIA jikkunsidra biss l-ajrudromi, u mhux l-ATM/ANS ukoll. Is-servizzi tal-Kummissjoni kienu stmaw mill-ġdid dawn l-ispejjeż fl-2006, għal madwar 7.5 Miljun EUR (2006)/sena (mhux biss għall-ispejjeż diretti ta' l-Aġenzija, imma wkoll għall-partijiet kollha b'interess rilevanti billi assumew 1500 ajruport taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE). F'din l-RIA t-total huwa stmat li hu kważi 21 Miljun EUR /sena (jiġifieri madwar 3 għall-ispejjeż annwali addizzjonali ta' l-Aġenzija + il-kumpliment għall-partijiet l-oħra interessati), li xorta tikkonferma li l-fond ta' l-analiżi huwa pproporzjonat. Madankollu wieħed għandu jiftakar li (paragrafu ta' referenza 2.3.1.9 ta' fuq) l-ispiża stmata ta' l-aċċidenti u l-inċidenti ta' l-avjazzjoni kkawżati minn fatturi relatati ta' l-ajruport (l-infrastruttura, it-tagħmir, l-operat) fl-UE 27 + 4 tlaħħaq madwar 1,164,000 k EUR (2006)/sena: jiġifieri 125 darba aktar. Għalhekk, jekk il-proposta ta' l-Aġenzija tikseb benefiċċju kwantitattiv ta' 2% biss fis-sigurtà (jiġifieri 23,280 k EUR/sena) dan ikun fl-istess ordni tad-daqs ta' l-ispejjeż totali stmati tal-politika proposta.

Barra minn hekk, il-politika proposta ser tibni wkoll is-sisien għal benefiċċji ambjentali potenzjali fil-ġejjieni.

Mil-lat soċjali l-politika proposta, barra li kkontribwiet għall-iżvilupp tas-suq intern u l-mobilità tal-ħaddiema, tista' toħloq madwar 530 impjeg addizzjonali fl-UE 27 + 4, li minnhom 21 fl-Aġenzija, 67 fl-awtoritajiet kompetenti u l-bqija fis-settur privat.

Fl-aħħar, il-politika proposta tista' wkoll tikkontribwixxi għal allinjament aħjar tar-regolazzjoni dwar is-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi, mhux biss mar-Regolament Bażiku 1592/2002 ta' l-EASA imma wkoll mal-“mudell il-ġdid” u ma' l-“Ajru Uniku Ewropew”.

Fuq il-bażi ta' din l-RIA, jitqies li l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-EASA għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi hija ġġustifikata, b'mod partikulari fir-rigward tas-sigurtà, u l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi. Huwa rrakkomandat, għaldaqstant, li jinbdew il-ħidmiet meħtieġa, biex sa l-2008 tinkiseb proposta leġiżlattiva mogħtija mill-KE lill-proċess ta' ko-deċiżjoni.